*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,625, 17 ta' April, 2026*

*Taqsima B*

**A.L. 93 tal-2026**

**ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA**
**(KAP. 545)**

# Regolamenti tal-2026 dwar il-Promozzjoni ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli

Taqsim tar-Regolamenti



| | | Regolamenti |
|---|---|---|
| Taqsima I | Preliminari | 1 - 2 |
| Taqsima II | Miri u Kalkolu tas-Sehem tal-Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli f'Setturi Speċifiċi | 3 - 17 |
| Taqsima III | Ġenerazzjoni u Konsum ta' Enerġija Rinnovabbli | 18 - 21 |
| Taqsima IV | Skemi ta' Appoġġ, Proġetti u Kooperazzjoni | 22 - 31 |
| Taqsima V | Proċeduri Amministrattivi u ta' Permessi għall-Iskjerament ta' Kapaċità Rinnovabbli Ġdida | 32 - 47 |
| Taqsima VI | Mixxellanji | 48 - 49 |
| | | |
| L-Ewwel Skeda | Regola ta' Normalizzazzjoni għall-Ikkalkular ta' Elettriku Ġġenerat mill-Idroenerġija u mill-Enerġija Eolika (mir-Riħ) | |
| It-Tieni Skeda | Kontabbiltà tal-Enerġija Rinnovabbli Użata għat-Tisħin u t-Tkessiħ | |
| It-Tielet Skeda | Kontenut Enerġetiku tal-Karburanti | |
| Ir-Raba' Skeda | Lista ta' Materji Prima | |
| Il-Ħames Skeda | Regoli għall-Kalkolu tal-Impatt tal-Gass Serra tal-Bijokarburanti, Bijolikwidi u l-Komparaturi Tagħhom tal-Karburant Fossili | |
| Is-Sitt Skeda | Żoni ta' Aċċelerazzjoni ta' Sorsi Rinnovabbli | |
| Is-Seba' Skeda | Emendi konsegwenzjali għal leġiżlazzjoni oħra | |

B 812

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru responsabbli għas-servizzi tal-enerġija, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

## TAQSIMA I
Preliminari

Titolu u għan.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 dwar il-Promozzjoni ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li:

(a) jittrasponu l-Artikoli 2 sa 18 u 20 sa 28 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni);

(b) jittrasponu parzjalment l-Artikolu 1(1), u jittrasponu l-Artikoli 1(2) sa (18), l-Anness I (2) sa (4) u l-Anness I (7) u (8) tad-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652;

(ċ) jittrasponu l-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2024/1711 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni; u

(d) jittrasponu d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/1405 tal-14 ta' Marzu 2024 li temenda l-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward taż-żieda ta' materja prima għall-produzzjoni tal-bijofjuwils u tal-bijogass.

Tifsir.

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 545.

"Att" tfisser l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma;

"awtokonsumatur ta' sorsi rinnovabbli" tfisser klijent finali li jopera fil-bini tiegħu li jkun jinsab fi ħdan konfini limitati li jiġġenera elettriku rinnovabbli għall-konsum tiegħu stess, u li jista' jaħżen jew ibigħ l-elettriku rinnovabbli ġġenerat minnu

stess, diment li, għall-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li mhumiex unitajiet domestiċi, tali attivitajiet ma jikkostitwixxux l-attività kummerċjali jew professjonali primarja tagħhom;

"awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li jaġixxu konġuntament" tfisser grupp ta' mill-inqas żewġ (2) awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li jinsabu fl-istess bini jew f'bini b'aktar minn appartament wieħed;

"awtorità rilevanti" tfisser kwalunkwe awtorità jew korp li joħroġ liċenzji jew permessi jew korp amministrattiv, li huma responsabbli għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet, liċenzji, permessi jew li huma responsabbli għat-tfassil u l-publikazzjoni ta' regoli ġenerali vinkolanti, fejn dawn l-awtorizzazzjonijiet, liċenzji, permessi jew regoli jista' jkollhom impatt dirett, jew għandhom x'jaqsmu ma' kwalunkwe attività li jista' jkollha impatt fuq il-kisba tal-għanijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti:

Iżda għall-finijet tat-Taqsima V, l-awtoritajiet rilevanti responsabbli għall-għoti tal-permessi għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati:

(a) għall-Awtorità tal-Ippjanar imwaqqfa skont l-artikolu 5 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, li għandha tkun responsabbli li twettaq l-obbligi tagħha taħt l-istess Att; u Kap. 552.

(b) għar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma mwaqqaf skont l-artikolu 3 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, li għandu jkun responsabbli li jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-istess Att; Kap. 545.

"Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni" tfisser l-Awtorità mwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni; Kap. 623.

"Awtorità tal-Ippjanar" tfisser l-Awtorità mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp; Kap. 552.

"batterija ta' vettura elettrika" tfisser batterija ta' vettura elettrika kif imfissra fil-punt (14) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE;

"bażi tad-data tal-Unjoni" tfisser il-bażi tad-data stabbilita mill-Kummissjoni sabiex tippermetti t-traċċar ta' karburanti

rinnovabbli likwidi u gassużi u karburanti tal-karbonju riċiklat;

"bijogass" tfisser karburanti gassużi prodotti mill-bijomassa;

"bijokarburanti avvanzati" jew "biofuels avvanzati" tfisser bijokarburanti li huma prodotti mill-materji prima elenkati fit-Taqsima A tar-Raba' Skeda;

"bijokarburanti" jew "biofuels" tfisser karburant likwidu għat-trasport prodott mill-bijomassa;

"bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' bidla indiretta fl-użu tal-art" tfisser bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa, li l-materja prima tagħhom ġiet prodotta fi skemi li jevitaw l-effetti ta' spostament tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa bbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf permezz ta' prattiki agrikoli mtejba kif ukoll permezz tal-kultivazzjoni ta' għelejjel f'żoni li qabel ma kinux jintużaw għall-kultivazzjoni tal-għelejjel, u li ġew prodotti skont il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa stabbiliti fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, tal-Bijolikwidi u tal-Karburanti mill-Bijomassa;

L.S. 545.45.

"bijolikwidi" tfisser karburant likwidu għal finijiet ta' enerġija minbarra għat-trasport, inkluż l-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ, prodott mill-bijomassa;

"bijomassa" tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura, inkluż sustanzi veġetali u mill-annimali, mill-industriji forestali u industriji relatati, inkluż is-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta' skart, inkluż l-iskart industrjali u muniċipali ta' oriġini bijoloġika;

"bini skedat" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

Kap. 522.

"ċertifikat dwar ir-rendiment tal-enerġija (EPC)" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini;

L.S. 623.01.

"ċertifikat ekoloġiku" tfisser prodott li jista' jiġi negozjat li jkun jirrappreżenta l-karatteristiċi ambjentali ta' kwantità speċifika ta' energija li tkun prodotta minn sorsi ta' enerġija rinovabbli li jkun inħareġ konformament mal-kwalitajiet

ambjentali u l-kriterji ta’ sostenibbiltà;

"Direttiva" tfisser id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni);

"Direttiva (UE) 2019/944" tfisser Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (riformulazzjoni);

"effiċjenza tas-sistema" tfisser l-għażla ta’ soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija fejn dawn jippermettu wkoll perkors ta’ dekarbonizzazzjoni kosteffettiv, flessibbiltà addizzjonali u l-użu effiċjenti tar-riżorsi;

"enerġija ambjentali" tfisser enerġija termali naturali u enerġija akkumulata fl-ambjent b’konfini limitati, li tista’ tinħażen fl-arja ambjentali minbarra fl-arja tal-egżost, jew fl-ilma tal-wiċċ jew tad-drenaġġ;

"enerġija ġeotermali" tfisser enerġija maħżuna fil-forma ta’ sħana taħt il-wiċċ tal-art solida;

"enerġija minn sorsi rinnovabbli" jew "enerġija rinnovabbli" tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, jiġifieri enerġija eolika (mir-riħ), solari (solari termika u solari fotovoltajka) u enerġija ġeotermika, enerġija osmotika, enerġija ambjentali, mill-marea, mill-mewġ u forom oħra ta’ enerġija mill-baħar, enerġija idroelettrika, enerġija tal-bijomassa, tal-gassijiet tal-landfills, tal-gassijiet minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ, u bijogass;

"enerġija osmotika" tfisser enerġija maħluqa mid-differenza fil-konċentrazzjoni tal-melħ bejn żewġ fluwidi, bħal ilma ħelu u ilma mielaħ;

"fornitur tal-karburant" tfisser entità li tipprovdi l-karburant fis-suq li tkun responsabbli sabiex tgħaddi l-karburant minn punt ta’ dazju tas-sisa jew, fil-każ tal-elettriku jew fejn l-ebda dazju tas-sisa ma jkun dovut jew fejn ikun debitament ġustifikat, kwalunkwe entità rilevanti oħra hekk nominata;

"ftehim dwar ix-xiri ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli" tfisser kuntratt li permezz tiegħu persuna fiżika jew ġuridika taqbel li tixtri l-enerġija rinnovabbli direttament mingħand

produttur tal-enerġija, li jinkludi, iżda mhuwiex limitat għal, ftehimiet dwar ix-xiri tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u ftehimiet dwar ix-xiri tat-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli;

"ftehim dwar ix-xiri tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli" tfisser kuntratt li bih persuna fiżika jew ġuridika taqbel li tixtri l-elettriku rinnovabbli direttament mingħand produttur tal-enerġija;

"garanzija tal-oriġini" tfisser dokument elettroniku maħruġ mir-Regolatur li għandu l-unika funzjoni li jipprovdi evidenza lil konsumatur aħħari li sehem jew kwantità speċifika ta' elettriku ġie prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jew li sehem jew kwantità speċifika ta' enerġija ġiet prodotta minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

"għelejjel b'kontenut għoli ta' lamtu" tfisser għelejjel li jinkludu prinċipalment ċereali, irrispettivament minn jekk jintużawx biss iż-żrieragħ jew il-pjanta kollha, bħal fil-każ tal-qamħirrun aħdar; tuberi u għelejjel tal-għeruq, bħal patata, artiċokks, patata ħelwa, kassava u jam; u għelejjel tal-basla tuberuża, bħal taro u cocoyam;

"għelejjel tal-ikel u l-għalf" tfisser għelejjel b'kontenut għoli ta' lamtu, għelejjel taz-zokkrijiet jew għelejjel taż-żejt prodotti fuq art agrikola bħala għelejjel ewlenin minbarra r-residwi, il-materjal ta' skart jew linjoċellulożiku u l-għelejjel intermedji, bħal għelejjel tat-titwiq u l-għelejjel ta' kopertura diment li l-użu ta' tali għelejjel intermedji ma joħloqx domanda għal aktar art;

"ħażna ta' enerġija kollokata" tfisser faċilità ta' ħażna ta' enerġija flimkien ma' faċilità ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli u konnessi mal-istess punt ta' aċċess għall-grilja;

"industrija" tfisser l-impriżi u l-prodotti li jaqgħu taħt it-taqsimiet B, Ċ u F u taħt id-diviżjoni (63) tat-taqsima J tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi (NACE REV.2), kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi ta' l-istatistika;

"injam tond ta' grad industrijali" tfisser zkuk għas-serrar,

zkuk għall-fuljetti, polpa tal-injam, tonda jew maqsuma, kif ukoll injam tond li huwa adattat għal skopijiet industrijali, bl-esklużjoni tal-injam tond li minħabba l-karatteristiċi tiegħu, bħall-ispeċi, id-dimensjonijiet, l-integrità u d-densità tan-nodi, ma jkunx adattat għall-użu industrijali kif jista' jiġi mfisser u debitament iġġustifikat skont il-kondizzjonijiet rilevanti tal-foresti u tas-suq;

"irriċarġjar bidirezzjonali" tfisser irriċarġjar bidirezzjonali kif imfissra fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE;

"irriċarġjar intelliġenti" tfisser operazzjoni ta' rriċarġjar li fiha l-intensità tal-elettriku fornut lill-batterija tiġi aġġustata b'mod dinamiku, abbażi tal-informazzjoni li tasal permezz ta' komunikazzjoni elettronika;

"karburanti mill-bijomassa" tfisser karburanti gassużi u solidi prodotti mill-bijomassa;

"karburanti rinnovabbli" tfisser bijokarburanti, bijolikwidi, karburanti tal-bijomassa u karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika;

"karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika" tfisser karburanti likwidi u gassużi li l-kontenut enerġetiku tagħhom huwa derivat minn sorsi rinnovabbli minbarra l-bijomassa;

"karburanti tal-karbonju riċiklat" tfisser karburanti likwidi u gassużi prodotti minn flussi ta' skart likwidu jew solidu ta' oriġini mhux rinnovabbli li ma jkunux adatti għall-irkupru materjali skont ir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart, jew minn gass mill-ipproċessar tal-iskart u gass tal-egżost ta' oriġini mhux rinnovabbli li jiġu prodotti bħala konsegwenza inevitabbli u mhux intenzjonata tal-proċess ta' produzzjoni fl-installazzjonijiet industrijali; L.S. 549.63.

"koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija; L.S. 545.33. L.S. 623.07.

"komunità tal-enerġija rinnovabbli" tfisser entità legali:

(a) li, skont il-liġi applikabbli, hija bbażata fuq parteċipazzjoni miftuħa u volontarja, hija awtonoma, u hija effettivament ikkontrollata minn azzjonisti jew membri li

jinsabu fl-inħawi tal-proġetti ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li huma proprjetà tal-imsemmija entità ġuridika u żviluppati minnha;

(b) li l-azzjonisti jew il-membri tagħha jkunu persuni fiżiċi, SMEs jew awtoritajiet lokali, inkluż muniċipalitajiet; u

(ċ) li l-għan ewlieni tagħha huwa li tipprovdi benefiċċji komunitarji ambjentali, ekonomiċi jew soċjali għall-azzjonisti jew membri tagħha jew għaż-żoni lokali fejn topera u mhux għall-profitti finanzjarji;

"konsum finali gross tal-enerġija" tfisser il-prodotti tal-enerġija li għal finijiet ta' enerġija jiġu kkunsinnati lill-industrija, it-trasport, l-unitajiet domestiċi, is-servizzi inkluż is-servizzi pubbliċi, l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, il-konsum ta' elettriku u sħana mill-fergħa tal-enerġija għall-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana, u t-telf ta' elettriku u sħana fid-distribuzzjoni u t-trażmissjoni;

"kummerċ bejn il-pari ta' enerġija rinnovabbli" tfisser il-bejgħ ta' enerġija rinnovabbli bejn il-parteċipanti fis-suq permezz ta' kuntratt b'kondizzjonijiet predeterminati li jirregolaw l-eżekuzzjoni u s-saldu awtomatizzati tat-tranżazzjoni, jew direttament bejn il-parteċipanti fis-suq jew indirettament permezz ta' parteċipant fis-suq iċċertifikat ta' parti terza, bħal aggregatur:

Iżda d-dritt li jsir il-kummerċ bejn il-pari għandu jkun bla ħsara għad-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet involuti bħala klijenti finali, produtturi, fornituri jew aggregaturi;

"Kummissjoni Ewropea" jew "Kummissjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fit-Trattat;

"materjal ċellulożiku mhux tal-ikel" tfisser materja prima prinċipalment magħmula minn ċelluloża u emiċelluloża, u li jkollha kontenut aktar baxx ta' linjin minn materjal linjoċellulożiku, li tinkludi residwi tal-ikel u tal-għalla tal-ikel, bħal tiben, magħlef, ħlief u qxur; għelejjel tal-enerġija ta' ħaxix b'kontenut baxx ta' lamtu, bħal sikrana, switchgrass, miscanthus, kannamieli kbar; għelejjel ta' kopertura qabel u wara l-għelejjel ewlenin; għelejjel ta' newb il-bwar; residwi industrijali, inkluż minn għelejjel għall-ikel u l-għalf wara li ż-żjut veġetali, zokkrijiet, lamti u proteini jkunu ġew estratti; u materjal mill-bijoskart fejn l-għelejjel ta' newb il-bwar u ta'

kopertura huma mifhuma li jkunu mergħat miżrugħa temporanji u fuq perjodu qasir li jinkludu taħlita ta' ħaxix u legumi b'kontenut baxx ta' lamtu biex jinkiseb għalf għall-bhejjem u titjieb il-fertilità tal-ħamrija sabiex jinkisbu rendimenti ogħla ta' għelejjel ewlenin li jinħartu;

"materjal linjoċellulożiku" tfisser materjal magħmul minn linjin, ċelluloża u emiċelluloża, bħal bijomassa li toriġina minn foresti, għelejjel ta' injam għall-enerġija u residwi u skart ta' industriji li huma bbażati fuq il-foresti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-enerġija iżda għall-finijiet ta' dawk id-dispożizzjonijiet f'dawn ir-regolamenti li jirregolaw kwistjonijiet ta' ppjanar, għandha tfisser il-Ministru responsabbli għall-enerġija b'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-Awtorità tal-Ippjanar;

"obbligu ta' enerġija rinnovabbli" tfisser skema ta' appoġġ nazzjonali li tirrikjedi li l-produtturi tal-enerġija jinkludu fil-produzzjoni tagħhom sehem partikolari ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, li tirrikjedi li l-fornituri tal-enerġija jinkludu sehem partikolari ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-provvista tagħhom, jew li tirrikjedi li l-konsumaturi tal-enerġija jinkludu fil-konsum tagħhom sehem partikolari ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, inklużi skemi li bihom tali rekwiżiti jistgħu jiġu sodisfatti permezz tal-użu ta' ċertifikati ekoloġiċi;

"operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni" fir-rigward ta' elettriku għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Elettriku u fir-rigward ta' gass naturali għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali; L.S. 545.34. L.S. 545.12.

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma jkunx membru tal-Unjoni Ewropea u li jkun jirċievi jew li lejh jiġi trasferit jew esportat l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli mill-pajjiż tal-oriġini;

"parteċipant tas-suq" tfisser parteċipant tas-suq kif imfissra fil-punt (25) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni);

"Pjan Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima" tfisser il-pjan imsemmi fl-artikolu 7 tal-Att fuq Azzjoni Dwar il-Klima; Kap. 643.

"Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp" tfisser il-pjan imsemmi fl-artikolu 51 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal- Kap. 504.

Iżvilupp;

"prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tfisser il-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel kif imfissra fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"punt tal-irriċarġjar" tfisser punt tal-irriċarġjar kif imfissra fil-punt (48) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE;

"punt tal-irriċarġjar b'enerġija normali" tfisser punt tal-irriċarġjar b'enerġija normali kif imfissra fil-punt (37) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE;

"Regolament (KE) Nru 1099/2008" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru, 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija;

"Regolament (UE) 2018/1999" tfisser ir-Regolament (UE) 2018/ 1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"Regolament (UE) 2019/943" tfisser ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni);

"Regolament (UE) 2023/1804" tfisser ir-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE;

"Regolatur" tfisser Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma mwaqqaf bl-Att;

"repowering" tfisser it-tiġdid ta' impjanti tal-elettriku li jipproduċu l-enerġija rinnovabbli, inkluż is-sostituzzjoni sħiħa jew parzjali tal-installazzjonijiet jew tas-sistemi u t-tagħmir tal-operat għall-finijiet tas-sostituzzjoni tal-kapaċità jew taż-żieda fl-effiċjenza jew fil-kapaċità tal-installazzjoni;

"residwu" tfisser sustanza li ma tkunx il-prodott finali li proċess ta' produzzjoni jfittex li jipproduċi direttament, li ma tkunx l-għan primarju tal-proċess ta' produzzjoni u l-proċess ma jkunx ġie mmodifikat apposta sabiex jipproduċiha;

"sħana u kesħa mormija" tfisser sħana jew kesħa inevitabbli ġġenerata bħala prodott sekondarju f'installazzjonijiet industrijali jew tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, jew f'settur terzjarju, li tiġi dissipata bla ma tintuża fl-arja jew fl-ilma bla aċċess għal sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali, fejn ikun intuża jew ser jintuża l-proċess ta' koġenerazzjoni jew fejn il-koġenerazzjoni mhix fattibbli;

"sistema ta' kejl intelliġenti" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Elettriku; L.S. 545.34.

"skart" tfisser kwalunkwe sustanza jew oġġett li d-detentur jarmi jew biħsiebu jew huwa meħtieġ li jarmi, bl-esklużjoni ta' sustanzi li jkunu ġew modifikati jew kontaminati intenzjonalment sabiex jissodisfaw din it-tifsira;

"skema ta' appoġġ" tfisser kwalunkwe strument, skema jew mekkaniżmu applikat mill-Ministru jew minn grupp ta' Stati Membri li jinkludi lil Malta, li jippromwovi l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli billi titnaqqas l-ispiża ta' dik l-enerġija, billi jiżdied il-prezz li bih tista' tinbiegħ, permezz ta' obbligu ta' enerġija rinnovabbli jew inkella, il-volum ta' tali enerġija mixtrija, inkluż iżda mhux limitat għal, għajnuna għall-investiment, eżenzjonijiet jew tnaqqis mit-taxxa, rifużjonijiet tat-taxxa, skemi ta' appoġġ għall-obbligu ta' enerġija rinnovabbli inkluż dawk li jużaw ċertifikati ekoloġiċi, u skemi ta' appoġġ dirett għall-prezzijiet inkluż tariffi "feed-in" u ħlasijiet ta' primjums varjabbli jew fissi;

"skop mhux ta' enerġija" tfisser l-użu ta' karburanti bħala materja prima fi proċess industrijali, aktar milli jipproduċu l-enerġija;

"SME" tfisser intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea;

"Stat Membru tad-destinazzjoni" jew "pajjiż tad-destinazzjoni" tfisser stat li jirċievi jew li lejh jiġi trasferit jew esportat l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli mill-pajjiż tal-oriġini;

"Stat Membru tal-oriġini" jew "pajjiż tal-oriġini" tfisser stat li minnu jiġi trasferit jew esportat l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli lejn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz;

"strument finanzjarju" tfisser strument finanzjarju kif imfissra fil-punt (30) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni);

"swieq tal-elettriku" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Elettriku; L.S. 545.34.

"tagħmir tal-enerġija solari" tfisser tagħmir li jikkonverti l-enerġija mix-xemx f'enerġija termali jew elettrika, b'mod partikolari tagħmir solari termali u solari fotovoltajku;

"teknoloġija innovattiva tal-enerġija rinnovabbli" tfisser teknoloġija li tiġġenera l-enerġija rinnovabbli li ttejjeb, tal-anqas b'mod wieħed, teknoloġija rinnovabbli komparabbli tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, jew li tirrendi sfruttabli teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli li mhijiex kummerċjalizzata kompletament jew li tinvolvi livell ta' riskju ċar;

"TFUE" tfisser it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"tisħin distrettwali" jew "tkessiħ distrettwali" tfisser id-distribuzzjoni ta' enerġija termali f'forma ta' fwar, ilma sħun jew likwidi mkessħin, minn sorsi ċentrali jew deċentralizzati ta' produzzjoni permezz ta' network lejn diversi binjiet jew siti, għall-użu ta' tisħin jew tkessiħ ta' spazju jew proċess;

"tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija u l-Koġenerazzjoni; L.S. 545.33. L.S. 623.07.

"Trattat" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"Unjoni Ewropea (UE)" jew "Unjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fit-Trattat;

"vettura elettrika solari" tfisser vettura bil-mutur mgħammra b'sistema ta' propulsjoni li fiha biss magni elettriċi mhux periferiċi bħala konvertitur tal-enerġija b'sistema ta' ħażna ta' enerġija elettrika rikarikabbli, li tista' tiġi rriċarġjata esternament, u b'pannelli fotovoltajċi integrati fil-vettura;

"żona ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli" tfisser post jew żona speċifika, kemm jekk fuq l-art, il-baħar jew fl-ilmijiet interni, li hija identifikata bħala partikolarment adattata għall-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli;

"żona tal-offerti" tfisser żona tal-offerti kif imfissra fil-punt (65) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni).

(2) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti li mhumiex imfissra f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Att.

## TAQSIMA II

Miri u Kalkolu tas-Sehem tal-Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli f'Setturi Speċifiċi

**3.** (1) Il-kontribut ta' Malta lejn ir-realizzazzjoni tal-mira tal-Unjoni ta' tnejn u erbgħin punt ħamsa fil-mija (42.5%) għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 għandu jiġi stabbilit skont l-Artikoli 3 sa 5 u 9 sa 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u kif pubblikat fil-Pjan Integrat Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima. Miri tal-Unjoni u nazzjonali.

(2) Il-mira indikattiva għall-perċentwal ta' kapaċità ġdida rinnovabbli installata sal-2030 li għandha tkun magħmula minn teknoloġija innovattiva tal-enerġija rinnovabbli għandha tkun ta' ħamsa fil-mija (5%).

(3) Il-Ministru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li

mill-1 ta' Jannar 2021, is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija ma jkunx inqas mis-sehem bażilari ta' għaxra fil-mija (10%).

Kalkolu tas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

**4.** (1) Is-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli għandu jiġi kkalkulat bħala l-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli diviż bil-konsum finali gross minn kull sors ta' enerġija, espress bħala perċentwal.

(2) Għall-fini tas-subregolament (1), is-somma msemmija fir-regolament 5(1) għandha tiġi aġġustata sabiex tieħu kont, meta dan ikun applikabbli, tal-effetti fuq l-allokazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li joħorġu minn arranġamenti magħmula għall-iskop ta':

(a) trasferimenti statistiċi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

(b) proġetti konġunti ma' Stati Membri oħra u, jew pajjiżi terzi; u

(ċ) skemi ta' appoġġ konġunti ma' Stati Membri oħra.

(3) Fil-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija għall-finijiet tal-kejl tal-konformità tiegħu mal-miri u t-trajettorja indikattiva stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, l-ammont ta' enerġija kkunsmata fl-avjazzjoni għandu, bħala proporzjon tal-konsum finali gross tal-enerġija, jitqies li mhuwiex ta' aktar minn erbgħa punt wieħed tnejn fil-mija (4.12%).

(4) Il-metodoloġija u t-tifsir użati fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għandhom ikunu dawk previsti fir-Regolament (KE) Nru 1099/2008.

Kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

**5.** (1) Il-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma:

(a) tal-konsum finali gross tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli;

(b) tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ; u

(ċ) tal-konsum finali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-trasport.

(2) Fir-rigward tal-paragrafi (a), (b), jew (ċ) tas-subregolament (1), il-gass u l-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandhom jiġu kkunsidrati darba biss għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem tal-konsum

finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

(3) L-enerġija prodotta minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika għandha tingħadd fis-settur, li huma elettriku, tisħin u tkessiħ, jew it-trasport, fejn tiġi kkunsmata.

(4) Bla ħsara għas-subregolament (3), il-Ministru jista' jilħaq ftehim ta' kooperazzjoni speċifika sabiex jgħodd il-karburanti rinnovabbli kollha jew parti minnhom ikkonsmati f'Malta mas-sehem tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-Istat Membru fejn jiġu prodotti dawk il-karburanti, jew, inkella, fejn il-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiġu prodotti f'Malta sabiex jgħodd il-karburanti kollha jew parti minnhom ikkonsmati fi Stat Membru ieħor mas-sehem tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'Malta.

(5) Sabiex jiġi mmonitorjat jekk l-istess karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika humiex magħduda kemm fl-Istat Membru fejn jiġu prodotti kif ukoll fl-Istat Membru fejn jiġu kkunsmati u sabiex jiġi rreġistrat l-ammont magħdud, il-Ministru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe ftehim ta' kooperazzjoni kif deskritt fis-subregolament (4) li Malta tidħol fih.

(6) Kwalunkwe ftehim ta' kooperazzjoni kif deskritt fis-subregolament (4) li Malta tidħol fih għandu jinkludi l-ammont ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika li għandhom jingħaddu fit-total tagħhom u għal kull Stat Membru, u d-data li fiha l-ftehim ta' kooperazzjoni għandu jibda jopera.

Kalkolu tal-konsum finali gross tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli.

**6.** (1) Għall-finijiet tal-paragrafu (a) tar-regolament 5(1), il-konsum finali gross tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandu jiġi kkalkulat bħala l-kwantità ta' elettriku prodott f'Malta minn sorsi rinnovabbli, u għandu jinkludi l-produzzjoni tal-elettriku minn awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll elettriku minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, iżda għandu jeskludi l-produzzjoni tal-elettriku f'unitajiet ta' ħażna ppumpjata minn ilma li qabel ġie ppumpjat 'il fuq kif ukoll l-elettriku użat sabiex jipproduċi karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.

(2) F'impjanti multikombustibbli li jużaw sorsi rinnovabbli u mhux rinnovabbli, il-parti biss tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli għandha tkun ikkunsidrata u għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, il-kontribut ta' kull sors ta' enerġija għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-kontenut tiegħu ta' enerġija.

(3) L-elettriku ġġenerat bl-idroenerġija u bl-enerġija eolika

għandu jiġi kkunsidrat skont ir-regoli ta' normalizzazzjoni stabbiliti fl-Ewwel Skeda.

Kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ.

**7.** (1) Għall-finijiet tal-paragrafu (b) tar-regolament 5(1), il-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ għandu jiġi kkalkulat bħala l-kwantità ta' tisħin u tkessiħ distrettwali prodotta f'Malta minn sorsi rinnovabbli, miżjuda bil-konsum ta' enerġija oħra minn sorsi rinnovabbli fl-industrija, fid-djar, fis-servizzi, fl-agrikoltura, fil-forestrija u fis-sajd għal finijiet ta' tisħin, tkessiħ u ta' pproċessar.

(2) F'impjanti multi-kombustibbli li jużaw sorsi rinnovabbli u mhux rinnovabbli, għandha tiġi kkunsidrata biss il-parti tat-tisħin u t-tkessiħ prodotta minn sorsi rinnovabbli u għall-għanijiet tal-kalkolu msemmi fis-subregolament (1), il-kontribut ta' kull sors ta' enerġija għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-kontenut tiegħu ta' enerġija.

(3) L-enerġija ambjentali u ġeotermali li tintuża għat-tisħin u t-tkessiħ permezz ta' pompi tas-sħana u sistemi ta' tkessiħ distrettwali għandhom jitqiesu għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fis-subregolament (1), diment li l-output finali tal-enerġija jeċċedi b'mod sinifikanti l-input tal-enerġija primarja meħtieġ sabiex jitħaddmu l-pompi tat-tisħin.

(4) Il-kwantità ta' sħana jew kesħa li għandha tiġi meqjusa bħala enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tiġi kkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fit-Tieni Skeda u għandha tqis l-użu tal-enerġija fis-setturi kollha ta' użu aħħari.

(5) L-enerġija termali ġġenerata minn sistemi ta' enerġija passiva, li taħthom jinkiseb passivament konsum inqas ta' enerġija permezz tad-disinn tal-bini jew minn sħana ġġenerata minn enerġija minn sorsi mhux rinnovabbli, ma għandhiex tkun ikkunsidrata għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fis-subregolament (1).

Kalkolu tal-konsum finali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-trasport.

**8.** Għall-finijiet tal-paragrafu (ċ) tar-regolament 5(1), għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-konsum finali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-trasport għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-bijokarburanti, il-bijogass u l-karburanti rinnovabbli kollha ta' oriġini mhux bijoloġika kkonsmati fis-settur tat-trasport, li għandhom jinkludu l-karburanti rinnovabbli fornuti lill-bunkers marittimi internazzjonali; u

(b) għall-kalkolu tal-konsum finali tal-enerġija fis-settur tat-trasport, għandhom jintużaw il-valuri fir-rigward tal-kontenut

tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport, kif stipulati fit-Tielet Skeda:

Iżda sabiex jiġu ddeterminati l-valuri kalorifiċi tal-karburanti, l-istandards rilevanti tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandards (ESO) għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport mhux inklużi fit-Tielet Skeda, u fejn ma jkun ġie adottat l-ebda standard ESO għal dak il-għan, għandhom jintużaw l-istandards rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO).

L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-binjiet.

**9.** (1) Is-sehem nazzjonali indikattiv tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fis-settur tal-bini fl-2030 għandu jirreferi għal:

(a) enerġija rinnovabbli prodotta fuq il-post jew fil-qrib; u

(b) enerġija rinnovabbli meħuda mill-grilja.

(2) Is-sehem nazzjonali indikattiv tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini għal Malta msemmi fis-subregolament (1) għandu jiġi stabbilit fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ppreżentati skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 flimkien ma' informazzjoni dwar kif dan għandu jinkiseb.

(3) Is-sħana u l-kesħa mormija jistgħu jingħaddu mas-sehem nazzjonali indikattiv imsemmi fir-regolament 3(1), sa limitu ta' għoxrin fil-mija (20%) ta' dak is-sehem, soġġett għas-sehem nazzjonali indikattiv li jiżdied b'nofs il-perċentwal tas-sħana u l-kesħa mormija li jingħaddu ma' dak is-sehem.

(4) L-awtoritajiet rilevanti għandhom, safejn dan ikun fl-ambitu tal-mandat tagħhom legalment stabbilit, jintroduċu miżuri fir-regolamenti tagħhom u, fejn applikabbli, fl-iskemi ta' appoġġ tagħhom, b'appoġġ għaż-żieda fis-sehem tal-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli prodotti fuq il-post jew fil-qrib, kif ukoll l-enerġija rinnovabbli meħuda mill-grilja fl-istokk tal-bini, li jistgħu jinkludu miżuri relatati ma' żidiet sostanzjali fl-awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli, komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli, ħażna lokali tal-enerġija, irriċarġjar intelliġenti u rriċarġjar bidirezzjonali, u servizzi oħra ta' flessibilità bħar-rispons għad-domanda.

(5) Sabiex jinkiseb is-sehem indikattiv tal-enerġija rinnovabbli, l-awtoritajiet rilevanti għandhom, bl-użu tal-miżuri, l-għodod u l-inċentivi xierqa kollha safejn dan ikun fl-ambitu tal-mandat tagħhom

legalment stabbilit , jippromwovu l-użu ta' sistemi u tagħmir ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli.

L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-industrija.

**10.** (1) Il-Ministru għandu, b'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-industrija, jagħmel ħiltu sabiex iżid is-sehem ta' sorsi rinnovabbli fl-ammont ta' sorsi ta' enerġija użati għal skopijiet finali ta' enerġija u mhux ta' enerġija, fis-settur tal-industrija b'żieda indikattiva ta' mill-inqas wieħed punt sitta (1.6) punti perċentwali bħala medja annwali kkalkulata għall-perjodi 2021 sal-2025 u 2026 sal-2030.

(2) Il-politiki u l-miżuri ppjanati u meħuda sabiex tinkiseb iż-żieda indikattiva msemmija fis-subregolament (1) għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u fir-rapporti ta' progress integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 17 tal-imsemmi Regolament.

(3) Meta l-elettrifikazzjoni titqies bħala għażla kosteffettiva, il-politiki u l-miżuri msemmija fis-subregolament (2) għandhom:

(a) jippromwovu l-elettrifikazzjoni bbażata fuq sorsi rinnovabbli tal-proċessi industrijali; u

(b) jippruvaw joħolqu kondizzjonijiet tas-suq li jwasslu għad-disponibbiltà ta' alternattivi fl-enerġija rinnovabbli ekonomikament vijabbli u teknikament fattibbli sabiex jissostitwixxu l-karburanti fossili użati għat-tisħin industrijali bil-għan li jitnaqqas l-użu tal-karburanti fossili użati għat-tisħin fejn it-temperatura tkun inqas minn mitejn grad Celsius (200 °C).

(4) L-adozzjoni tal-politiki u l-miżuri msemmija fis-subregolament (2) għandha tieħu kont tal-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel, l-effettività u l-kompetittività internazzjonali u l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ostakli regolatorji, amministrattivi u ekonomiċi.

(5) Il-kontribuzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika użati għal skopijiet tal-enerġija finali u dawk mhux tal-enerġija għandu jkun mill-anqas ta' tnejn u erbgħin fil-mija (42%) tal-idroġenu użat għal skopijiet tal-enerġija finali u dawk mhux tal-enerġija fl-industrija sal-2030, u sittin fil-mija (60%) sal-2035.

(6) Għall-kalkolu tal-perċentwali msemmija fis-subregolament (5), għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) għall-kalkolu tad-denominatur, għandu jittieħed kont tal-kontenut tal-enerġija tal-idroġenu għal skopijiet tal-enerġija finali u dawk mhux tal-enerġija, esklużi:

(i) l-idroġenu użat bħala prodott intermedjarju għall-produzzjoni ta' karburanti tat-trasport konvenzjonali u bijokarburanti;

(ii) l-idroġenu li jiġi prodott bid-dekarbonizzazzjoni tal-gass residwu industrijali u li jintuża sabiex jissostitwixxi l-gass speċifiku li jiġi prodott minnu;

(iii) l-idroġenu prodott bħala prodott sekondarju jew derivat minn prodotti sekondarji f'installazzjonijiet industrijali;

(b) għall-kalkolu tan-numeratur, għandu jittieħed kont tal-kontenut enerġetiku tal-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika kkunsmati fis-settur tal-industrija għall-finijiet finali tal-enerġija u mhux tal-enerġija, minbarra l-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika użati bħala prodotti intermedji għall-produzzjoni ta' karburanti tat-trasport konvenzjonali u bijokarburanti; u

(ċ) għall-kalkolu kemm tan-numeratur kif ukoll tad-denominatur, għandhom jintużaw il-valuri li jirrigwardaw il-kontenut enerġetiku tal-karburanti għat-trasport kif stabbiliti fit-Tielet Skeda.

(7) Għall-finijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (6), sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut tal-enerġija tal-karburanti mhux inklużi fit-Tielet Skeda, għandhom jintużaw l-istandards Ewropej rilevanti għad-determinazzjoni tal-valuri kalorifiċi tal-karburanti, jew fejn ma jkun ġie adottat l-ebda standard Ewropew għal dak il-għan, għandhom jintużaw l-istandards ISO rilevanti.

(8) Il-Ministru għandu jippromwovi skemi volontarji ta' tikkettar għal prodotti industrijali li jkunu ddikjarati li huma prodotti b'enerġija rinnovabbli u b'karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.

(9) L-iskemi ta' tikkettar volontarji msemmija fis-subregolament (8) għandhom jindikaw il-perċentwal ta' enerġija rinnovabbli użata jew karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika użati fl-akkwist tal-materja prima u l-preproċessar, il-manifattura u l-istadju tad-distribuzzjoni, ikkalkulati abbażi tal-metodoloġiji stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE)

2021/2279 jew fl-ISO 14067:2018.

(10) Il-fornituri u l-produtturi tal-karburanti rinnovabbli għandhom jirrappurtaw kull sentejn (2) lir-Regolatur l-ammont ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika li qegħdin jistennew li jimportaw lejn u jesportaw minn Malta, skont il-każ:

Iżda l-obbligu ma għandux japplika għal kunsinni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika li huma maħsuba sabiex jiġu introdotti f'Malta biss għall-finijiet ta' ħażna temporanja jew trasbord, u li mhumiex maħsuba sabiex jidħlu fil-katina tal-provvista domestika u għalhekk mhumiex maħsuba għall-bejgħ, distribuzzjoni, provvista jew użu f'Malta, inkluż għall-konsum intern jew għall-provvista, minn operaturi liċenzjati mir-Regolatur għal dan il-għan, għal navigazzjoni domestika jew internazzjonali.

(11) Iċ-ċifri msemmija fis-subregolament (10) għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u fir-rapporti nazzjonali integrati dwar il-progress dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 17 tal-imsemmi Regolament.

(12) Kwalunkwe kontribut maħsub għall-istrateġija tal-Unjoni żviluppata mill-Kummissjoni għall-idroġenu importat u domestiku bil-għan li tippromwovi s-suq Ewropew tal-idroġenu kif ukoll il-produzzjoni domestika tal-idroġenu fl-Unjoni għandu jiġi indikat fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 17 tal-imsemmi Regolament.

Kondizzjonijiet għat-tnaqqis fil-mira għall-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fis-settur tal-industrija.

**11.** (1) Il-kontribuzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika użati għal skopijiet ta' enerġija finali u mhux ta' enerġija msemmija fir-regolament 10(5), tista' titnaqqas b'għoxrin fil-mija (20%) fl-2030, kemm-il darba:

(a) il-kisba tal-kontribuzzjoni nazzjonali għall-mira ġenerali vinkolanti tal-Unjoni msemmija fir-regolament 3(1), li hija mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni nazzjonali mistennija tagħha skont il-formula msemmija fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/1999 tkun fit-triq it-tajba; u

(b) is-sehem tal-idroġenu, jew id-derivattivi tiegħu, prodott minn karburanti fossili li jiġi kkunsmat f'Malta ma jkunx aktar minn tlieta u għoxrin fil-mija (23%) fl-2030 u mhux aktar minn għoxrin fil-mija (20%) fl-2035:

Iżda wkoll fejn kwalunkwe minn dawn il-

kondizzjonijiet ma jkunux sodisfatti, it-tnaqqis ma għandux jibqa' japplika.

(2) Fejn jiġi applikat it-tnaqqis imsemmi fis-subregolament (1), il-Kummissjoni għandha tiġi nnotifikata dwar dan, flimkien mal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ta' Malta sottomessi skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u bħala parti mir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 17 tal-imsemmi Regolament.

(3) In-notifika msemmija fis-subregolament (2) għandha tinkludi informazzjoni dwar is-sehem aġġornat ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u d-data rilevanti kollha sabiex turi li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (1) huma sodisfatti.

L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ.

**12.** (1) Sabiex jippromwovi l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, il-Ministru għandu jżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli f'dak is-settur mill-inqas b'żero punt tmienja (0.8) punti perċentwali bħala medja annwali kkalkulata għall-perjodu 2021 sal-2025 u b'mill-inqas wieħed punt wieħed (1.1) punti perċentwali bħala medja annwali kkalkulata għall-perjodu 2026 sal-2030, li jibda mis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ fl-2020, espress f'termini ta' sehem nazzjonali tal-konsum finali gross tal-enerġija u kkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fir-regolament 7.

(2) Is-sħana u l-kesħa mormija jistgħu jingħaddu maż-żidiet medji annwali msemmija fis-subregolament (1) sa limitu ta' żero punt erbgħa (0.4) punti perċentwali:

Iżda f'tali każ iż-żieda medja annwali għandha tiżdied binnofs tal-punti perċentwali tas-sħana u l-kesħa mormija magħduda sa limitu massimu ta' wieħed punt żero (1.0) punt perċentwali għall-perjodu 2021 sal-2025 u ta' wieħed punt tlieta (1.3) punti perċentwali għall-perjodu 2026 sal-2030.

(3) Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa bl-intenzjoni li jingħaddu s-sħana u l-kesħa mormija u bl-ammont stmat fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

(4) Minbarra ż-żidiet annwali minimi fil-punti perċentwali msemmija fis-subregolament (1), il-Ministru għandu jagħmel ħiltu sabiex iżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ bil-punti perċentwali indikattivi li ġejjin kif ġej:

(a) b'żero punt tmienja (0.8) punti perċentwali indikattivi addizzjonali għall-perjodu 2021 sal-2025; u

(b) b'żero punt ħamsa (0.5) punti perċentwali indikattivi addizzjonali għall-perjodu 2026 sal-2030:

Iżda jekk dawn l-ishma addizzjonali indikattivi jintlaħqu, is-sehem li jirriżulta, inkluż tali sehem addizzjonali iżda esklużi is-sħana u l-kesħa mormija, għandu jkun ta' wieħed punt sitta (1.6) punti perċentwali.

(5) L-elettriku rinnovabbli użat għat-tisħin u t-tkessiħ jista' jingħadd maż-żieda medja annwali stabbilita fis-subregolament (1), sa limitu ta' żero punt erbgħa (0.4) punti perċentwali, sakemm l-effiċjenza tal-ġeneratur tas-sħana u l-kesħa tkun ogħla minn mija fil-mija (100%):

Iżda f'tali każ iż-żieda annwali medja għandha tiżdied b'nofs dak l-elettriku rinnovabbli espress f'punti perċentwali sa limitu massimu ta' wieħed punt zero (1.0) punt perċentwali għall-perjodu 2021 sa 2025 u ta' wieħed punt tlieta (1.3) punti perċentwali għall-perjodu 2026 sal-2030.

(6) Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa bl-intenzjoni li jingħadd l-elettriku rinnovabbli użat fit-tisħin u t-tkessiħ minn ġeneraturi tas-sħana u l-kesħa li l-effiċjenza tagħhom hija ogħla minn mija fil-mija (100%) lejn iż-żieda annwali stabbilita fis-subregolament (1) permezz tas-sottomissjoni tal-pjanijiet meħtieġa mir-Regolament (UE) 2018/1999 kif ġej:

(a) l-istimi tal-kapaċitajiet tal-elettriku rinnovabbli tal-unitajiet ġeneraturi tas-sħana u l-kesħa li l-effiċjenza tagħhom hija ogħla minn mija fil-mija (100%) għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikoli 3 u 14 tal-imsemmi Regolament; u

(b) l-ammont ta' elettriku rinnovabbli użat fit-tisħin u t-tkessiħ minn unitajiet ta' ġeneraturi tas-sħana u tal-kesħa li l-effiċjenza tagħhom hija ogħla minn mija fil-mija (100%) għandu jiġi inkluż fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 17 tal-imsemmi Regolament.

(7) Għall-kalkolu tas-sehem tal-elettriku rinnovabbli użat fit-tisħin u t-tkessiħ għall-finijiet tas-subregolament (1), għandu jintuża is-sehem medju tal-elettriku rinnovabbli fornut f'Malta fis-sentejn (2) preċedenti.

(8) Il-Ministru għandu jwettaq valutazzjoni tal-potenzjal ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u tal-użu tas-sħana u l-kesħa mormija fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ inkluż, fejn xieraq, analiżi taż-żoni adatti għall-varar tagħhom b'riskju ekoloġiku baxx, u għall-potenzjal għal proġetti fuq skala żgħira relatati ma' unitajiet domestiċi.

(9) Il-valutazzjoni msemmija fis-subregolament (8) għandha:

(a) tikkunsidra t-teknoloġija disponibbli u ekonomikament fattibbli għal użi industrijali u domestiċi sabiex tistabbilixxi stadji importanti u miżuri sabiex jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ;

(b) tikkunsidra, fejn xieraq, l-użu tas-sħana u l-kesħa mormija permezz tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali bil-ħsieb li tiġi stabbilita strateġija nazzjonali fit-tul sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja li joriġinaw mit-tisħin u t-tkessiħ;

(ċ) tkun skont il-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel;

(d) tkun parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ppreżentati skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999; u

(e) takkumpanja l-valutazzjoni komprensiva tat-tisħin u t-tkessiħ meħtieġa mir-regolament 21 tar-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija. L.S. 545.33. L.S. 623.07.

(10) Għall-finijiet tas-subregolament (1), meta jikkalkula s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ u ż-żieda medja annwali tagħha skont l-istess, inkluża ż-żieda indikattiva addizzjonali stabbilita fis-subregolament (4), il-Ministru:

(a) fejn is-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ huwa ogħla minn sittin fil-mija (60%), jista' jgħodd kwalunkwe tali sehem bħala li jissodisfa ż-żieda annwali medja; u

(b) fejn is-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ huwa ogħla minn ħamsin fil-mija (50%) u sa sittin fil-mija (60%), jista' jgħodd kwalunkwe tali sehem bħala li jissodisfa nofs iż-żieda annwali medja.

(11) Meta jiddeċiedi liema miżuri għandu jaddotta għall-fini ta' provvista ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, il-Ministru jista' jqis l-effettività tan-nefqa li tirrifletti l-ostakli

strutturali li jirriżultaw minn sehem għoli ta' gass naturali jew tkessiħ, jew minn strutturi ta' insedjament b'densità baxxa ta' popolazzjoni.

(12) Fejn il-miżuri jirriżultaw f'żieda medja annwali iktar baxxa minn dik imsemmija fis-subregolament (1), dan għandu jsir pubbliku permezz tal-inklużjoni fir-rapporti integrati nazzjonali ta' progress dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2018/1999, għandhom jiġu provduti raġunijiet lill-Kummissjoni, inkluż dwar l-għażla tal-miżuri kif imsemmija fis-subregolament (10).

(13) L-awtoritajiet rilevanti, fl-ambitu tal-mandat tagħhom legalment stabbilit, għandhom b'mod partikolari jipprovdu informazzjoni lis-sidien jew lill-inkwilini ta' bini u lill-SMEs dwar miżuri kosteffettivi, u strumenti finanzjarji, sabiex itejbu l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ permezz ta' għodod konsultattivi aċċessibbli u trasparenti.

(14) Abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, il-Ministru jista' jistabbilixxi u jippubblika lista tal-miżuri u jista' jaħtar u jrendi pubbliku l-ismijiet tal-entitajiet implimentattivi, li għandhom jikkontribwixxu għaż-żieda annwali medja msemmija fis-subregolament (1).

(15) Sabiex tinkiseb iż-żieda medja annwali msemmija fis-subregolament (1), il-Ministru għandu jagħmel ħiltu sabiex jimplimenta mill-inqas tnejn (2) mill-miżuri li ġejjin:

(a) inkorporazzjoni fiżika ta' enerġija rinnovabbli jew sħana u kesħa mormija fis-sorsi tal-enerġija u l-karburanti fornuti għat-tisħin u t-tkessiħ;

(b) l-installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli effiċjenti ħafna fil-bini, il-konnessjoni tal-bini ma' sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali jew l-użu ta' enerġija rinnovabbli jew sħana u kesħa mormija fi proċessi ta' tisħin u tkessiħ industrijali;

(ċ) miżuri koperti minn ċertifikati negozjabbli li jippruvaw konformità mal-obbligu stipulat fis-subregolament (1), permezz ta' appoġġ għal miżuri ta' installazzjoni taħt il-paragrafu (b), imwettqa minn operatur ekonomiku ieħor bħal installatur indipendenti tat-teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli jew kumpanija tas-servizzi tal-enerġija li tipprovdi servizzi ta' installazzjoni ta' enerġija rinnovabbli;

(d) il-bini tal-kapaċitajiet għall-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jimmappjaw il-potenzjal lokali tat-tisħin

u t-tkessiħ rinnovabbli u sabiex jippjanaw, jimplimentaw proġetti u infrastrutturi tal-enerġija rinnovabbli u jagħtu pariri dwarhom;

(e) il-ħolqien ta' oqsfa tal-mitigazzjoni tar-riskju sabiex titnaqqas l-ispiża tal-kapital għal proġetti tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli u tas-sħana u l-kesħa mormija, fost l-oħrajn, li jippermettu r-raggruppament ta' proġetti iżgħar kif ukoll li jorbtu tali proġetti b'mod aktar olistiku ma' miżuri oħra ta' effiċjenza enerġetika u ta' rinovazzjoni tal-binjiet;

(f) il-promozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri ta' tisħin u ta' tkessiħ rinnovabbli għall-konsumaturi żgħar korporattivi u kollettivi;

(g) skemi ta' sostituzzjonijiet ippjanati ta' sorsi ta' tisħin fossili, jew ta' sistemi ta' tisħin li mhumiex kompatibbli ma' sorsi rinnovabbli jew skemi ta' eliminazzjoni gradwali tal-karburanti fossili bi stadji importanti;

(h) rekwiżiti fil-livell lokali u reġjonali dwar l-ippjanar tas-sħana rinnovabbli, li jinkludu t-tkessiħ;

(i) il-promozzjoni tal-produzzjoni tal-bijogass u l-injezzjoni tiegħu fin-network tal-gass, minflok l-użu tiegħu għall-produzzjoni tal-elettriku;

(j) miżuri li jippromwovu l-integrazzjoni tat-teknoloġija tal-ħażna tal-enerġija termali fis-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ;

(k) il-promozzjoni ta' networks ta' tisħin u tkessiħ distrettwali bbażati fuq sorsi rinnovabbli, b'mod partikolari minn komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' miżuri regolatorji, arranġamenti ta' finanzjament u appoġġ;

(l) miżuri oħra ta' politika, b'effett ekwivalenti, inklużi miżuri fiskali, skemi ta' appoġġ jew inċentivi finanzjarji oħra li jikkontribwixxu għall-installazzjoni ta' tagħmir ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli u l-iżvilupp ta' networks tal-enerġija li jipprovdu enerġija rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ fil-bini u l-industrija.

(16) Meta jadotta u jimplimenta kwalunkwe mill-miżuri deskritti fis-subregolament (14), il-Ministru għandu jiżgura l-aċċessibbiltà tagħhom għall-konsumaturi kollha, b'mod partikolari dawk f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew vulnerabbli, li kieku ma jkollhomx biżżejjed kapital bil-quddiem sabiex jibbenefikaw.

L.S. 545.33.
L.S. 623.07.

(17) Il-Ministru jista' juża l-istrutturi stabbiliti taħt l-iskemi nazzjonali ta' obbligi ta' ffrankar tal-enerġija stabbilit fir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija sabiex jimplimenta u jissorvelja l-miżuri msemmija fis-subregolament (14).

(18) Fejn entitajiet ikunu maħtura skont is-subregolament (14), il-Ministru għandu jiżgura li l-kontribuzzjoni ta' dawk l-entitajiet maħtura tista' titkejjel u tista' tiġi vverifikata.

(19) Fejn entitajiet huma maħtura skont is-subregolament (14) għandhom jirrappurtaw annwalment lir-Regolatur dwar:

(a) l-ammont totali ta' enerġija fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ;

(b) l-ammont totali ta' enerġija rinnovabbli fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ;

(ċ) l-ammont ta' sħana u kesħa mormija fornuti għat-tisħin u t-tkessiħ;

(d) is-sehem tal-enerġija rinnovabbli u ta' sħana u kesħa mormija fl-ammont totali tal-enerġija fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ; u

(e) it-tip tas-sors tal-enerġija rinnovabbli.

(20) Fejn entitajiet huma maħtura skont is-subregolament (14) u jirrapurtaw lir-Regolatur skont is-subregolament (19), ir-Regolatur għandu jivverifika l-kontribuzzjonijiet rappurtati sottomessi u għandu jirrapporta dwar dan lill-Ministru fil-qosor.

Tisħin u tkessiħ distrettwali.

**13.** (1) Il-forniturі ta' tisħin u tkessiħ distrettwali għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-enerġija u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali tagħhom lill-konsumaturi finali b'mod faċilment aċċessibbli bil-modi li ġejjin:

(a) fuq il-kontijiet jew fuq il-websites tagħhom; u

(b) fuq talba.

(2) L-informazzjoni dwar is-sehem tal-enerġija rinnovabbli msemmija fis-subregolament (1) għandha tiġi espressa mill-inqas bħala perċentwal tal-konsum finali gross tal-enerġija fit-tisħin u t-tkessiħ assenjat lill-klijenti ta' sistema partikolari ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, inkluża informazzjoni dwar kemm intużat enerġija sabiex titwassal unità waħda (1) ta' tisħin lill-klijent jew lill-utent finali.

Żieda fl-enerġija rinnovabbli u tnaqqis fl-intensità tal-gassijiet serra fis-settur tat-trasport.
L.S. 545.17.
L.S. 545.25.

**14.** (1) Il-forniturі tal-karburanti li huma partijiet obbligati skont ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* fis-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art, l-Ibbottiljar tal-LPG u l-Faċilitajiet tal-Ħżin Primarji u, jew fir-Regolamenti dwar l-Awtorizzazzjoni ta' *Bunkering* għandhom jikkonformaw ma' kwalunkwe obbligi maħsuba sabiex iżidu s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-enerġija fornuta lis-settur tat-trasport li huma stabbiliti taħt l-imsemmija regolamenti.

(2) L-obbligi msemmija fis-subregolament (1) għandhom jirriżultaw fis-segwenti:

(a) l-ammont ta' karburanti rinnovabbli u elettriku rinnovabbli fornut lis-settur tat-trasport iwassal għal sehem ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fis-settur tat-trasport ta' mill-inqas disgħa u għoxrin fil-mija (29%) sal-2030; u

(b) is-sehem ikkombinat ta' bijokarburnti avvanzati u bijogass prodotti mill-materja prima elenkata fit-Taqsima A tar-Raba' Skeda u ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fl-enerġija fornuta lis-settur tat-trasport ikun ta' mill-inqas wieħed fil-mija (1%) fl-2025 u ħamsa punt ħamsa fil-mija (5.5%) fl-2030, li minnu sehem ta' mill-inqas wieħed fil-mija (1%) għandu jkun minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fl-2030.

(3) Il-Ministru għandu jagħmel ħiltu sabiex jiżgura li mill-2030, is-sehem ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fl-ammont totali ta' enerġija fornuta lis-settur tat-trasport marittimu jkun ta' mill-inqas wieħed punt tnejn fil-mija (1.2%).

(4) Is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fis-settur tat-trasport, inkluż fis-settur tat-trasport marittimu, kif ukoll it-tnaqqis tal-intensità tal-gassijiet serra għandu jiġi rrappurtat fir-rapporti nazzjonali ta' progress dwar l-enerġija u l-klima sottomessi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

(5) Fil-każ ta' emenda tal-lista ta' materja prima stabbilita fil-Parti A tal-Anness IX tad-Direttiva, il-Ministru jista' jżid is-sehem minimu ta' bijokarburanti avvanzati u bijogass prodotti minn dik il-materja prima fl-enerġija fornuta lis-settur tat-trasport skont il-każ.

(6) Għall-kalkolu tal-miri msemmija fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) u l-ishma msemmija fil-paragrafu (b) tal-istess subregolament, ir-Regolatur għandu jqis il-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika anke meta jintużaw bħala prodotti intermedjarji għall-produzzjoni ta':

(a) karburanti konvenzjonali għat-trasport; jew

(b) bijokarburanti, sakemm it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra miksub bl-użu ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika ma jingħaddx fil-kalkolu tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-bijokarburanti.

(7) Għall-kalkolu tal-miri msemmija fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) ir-Regolatur jista' jqis karburanti tal-karbonju riċiklati.

(8) It-tfassil tal-obbligi fuq il-fornituri tal-karburanti imsemmija fis-subartikoli (1) u (2) jista':

(a) jeżenta lill-fornituri tal-karburanti li jfornu l-elettriku jew karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika mir-rekwiżit li jikkonformaw mas-sehem minimu ta' bijokarburanti avvanzati u bijogass prodotti mill-materja prima elenkata fit-Taqsima A tar-Raba' Skeda fir-rigward ta' dawk il-karburanti;

(b) jistabbilixxi l-obbligu permezz ta' miżuri mmirati lejn volumi, kontenut ta' enerġija jew emissjonijiet ta' gassijiet serra;

(ċ) jiddistingwi bejn trasportaturi tal-enerġija differenti;

(d) jiddistingwi bejn is-settur tat-trasport marittimu u setturi oħra.

(9) Ir-Regolatur għandu jistabbilixxi mekkaniżmu għall-fornituri tal-karburanti f'Malta sabiex jiskambjaw krediti għall-forniment ta' enerġija rinnovabbli lis-settur tat-trasport.

(10) L-operaturi ekonomiċi li jipprovdu l-elettriku rinnovabbli lil vetturi elettriċi permezz ta' punti pubbliċi tal-irriċarġjar għandhom jirċievu krediti, irrispettivament minn jekk humiex soġġetti għall-obbligi msemmija fis-subregolament (1), u jistgħu jbigħu dawk il-krediti lill-fornituri tal-karburanti, li għandhom jitħallew jużaw il-krediti sabiex jissodisfaw l-obbligu msemmija fis-subregolament (1):

Iżda "provvista" għandha tinftiehem kif imfissra u rregolata fir-Regolamenti dwar l-Elettriku. L.S. 545.34.

(11) Ir-Regolatur jista' jinkludi punti privati tal-irriċarġjar fil-mekkaniżmu msemmi fis-subregolament (9), diment li jista' jintwera li l-elettriku rinnovabbli fornut lil dawk il-punti privati tal-irriċarġjar ikun ipprovdut unikament lill-vetturi elettriċi.

Regoli speċifiċi għal bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-għalf.

**15.** (1) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli msemmija fir-regolament 5 tas-sehem minimu tal-enerġija rinnovabbli, is-sehem tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi, kif ukoll tal-karburanti tal-bijomassa kkunsmati fit-trasport, fejn dawn ikunu prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf, għandu jkun żero fil-mija (0%) tal-konsum finali tal-enerġija.

(2) Il-Ministru jista' jistabbilixxi limitu alternattiv għas-sehem stabbilit fis-subregolament (1), liema sehem ma jistax fi kwalunkwe każ jaqbeż it-tnejn fil-mija (2%), u jista' jiddistingwi, għall-finijiet tar-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, tal-Bijolikwidi u tal-Karburanti mill-Bijomassa bejn bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa differenti, prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf, filwaqt li jqis l-aħjar evidenza disponibbli dwar l-impatt indirett tal-bidla fl-użu tal-art, inkluż, pereżempju, l-għażla li jiġi stabbilit limitu aktar baxx għas-sehem ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa prodotti minn għelejjel taż-żejt.

L.S. 545.45.

(3) Minkejja l-mira stabbilita fir-regolament 14(2)(a), il-limitazzjoni fuq is-sehem tal-bijokarburanti u tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi, kif ukoll tal-karburanti tal-bijomassa kkunsmati fit-trasport, fejn prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf, kif stabbilit fis-subregolament (1), għandu jkollha l-effett li tnaqqas tali mira b'seba' (7) punti perċentwali:

Iżda fejn is-sehem imsemmi fis-subregolament (1) jiġi aġġustat skont is-subregolament (2), it-tnaqqis applikat skont dan is-subregolament għandu jiġi rivedut kif xieraq fid-dawl tal-kontribut li tali karburanti jagħmlu f'termini tas-sehem minimu tal-enerġija rinnovabbli.

Ir-regoli għall-kalkolu fis-settur tat-trasport u fir-rigward ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika irrispettivament mill-użu finali tagħhom.

**16.** (1) Għall-kalkolu tal-ishma minimi msemmija fir-regolament 14(2), għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) għall-kalkolu tad-denominatur, jiġifieri l-ammont ta' enerġija kkunsmata fis-settur tat-trasport, għandhom jitqiesu l-elettriku u l-karburanti kollha fornuti lis-settur tat-trasport;

(b) għall-kalkolu tan-numeratur, jiġifieri l-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli kkunsmata fis-settur tat-trasport għall-finijiet tar-regolament 14(2), għandu jitqies il-kontenut enerġetiku tat-tipi kollha ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fornuta lill-modi kollha ta' trasport, inkluż lil bunkers marittimi internazzjonali:

Iżda jistgħu jitqiesu l-karburanti tal-karbonju riċiklat;

(ċ) is-sehem ta' bijokarburanti u bijogass prodotti mill-materja prima elenkata fir-Raba' Skeda u karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika għandu jitqies li jkun id-doppju tal-kontenut enerġetiku tiegħu;

(d) is-sehem tal-elettriku rinnovabbli għandu jitqies li jkun erba' (4) darbiet tal-kontenut enerġetiku tiegħu meta jiġi fornut lill-vetturi għat-triq;

(e) is-sehem ta' bijokarburanti u ta' bijogass avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fit-Taqsima A tar-Raba' Skeda, fornuti lill-modi ta' trasport tal-avjazzjoni u marittimi għandhom jitqiesu li jkunu wieħed punt tnejn (1.2) darbiet tal-kontenut enerġetiku tagħhom u s-sehem ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fornuti lill-modi ta' trasport tal-avjazzjoni u marittimi għandhom jitqiesu bħala wieħed punt ħames (1.5) darbiet tal-kontenut enerġetiku tagħhom;

(f) sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' enerġija fornuta lis-settur tat-trasport, għandhom jintużaw il-valuri fir-rigward tal-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport stabbiliti fit-Tielet Skeda;

(g) sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport mhux inklużi fit-Tielet Skeda, għandhom jintużaw l-istandards Ewropej rilevanti għad-determinazzjoni tal-valuri kalorifiċi tal-karburanti, jew fejn l-ebda standard Ewropew ma jkun ġie adottat għal tali għan, l-istandards tal-ISO rilevanti;

(h) l-ammont ta' elettriku rinnovabbli fornut lis-settur tat-trasport għandu jiġi ddeterminat billi l-ammont ta' elettriku fornut lil tali settur jiġi mmultiplikat bis-sehem medju ta' elettriku rinnovabbli fornut ġewwa Malta fis-sentejn (2) preċedenti, sakemm l-elettriku ma jinkisibx minn konnessjoni diretta ma' installazzjoni li tiġġenera elettriku rinnovabbli li jiġi fornut lis-settur tat-trasport, f'liema każ dak l-elettriku għandu jingħadd kollu bħala rinnovabbli, u l-elettriku ġġenerat minn vettura elettrika solari u użat għall-konsum tal-vettura nnifisha jista' jingħadd kollu bħala rinnovabbli.

(2) Għall-finijiet tal-kalkoli msemmija fis-subregolament (1), sal-31 ta' Diċembru 2030 l-ammont ta' enerġija fornuta lis-settur tat-trasport marittimu għandu, bħala proporzjon tal-konsum finali gross tal-enerġija, jitqies li mhux aktar minn ħamsa fil-mija (5%).

(3) Fejn l-elettriku jintuża għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, direttament jew għall-produzzjoni ta' prodotti intermedji, is-sehem medju ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni, kif imkejjel sentejn (2) qabel is-sena inkwistjoni, għandu jintuża sabiex jiġi ddeterminat is-sehem tal-enerġija rinnovabbli bla ħsara għas-subregolamenti (4) u (5).

(4) L-elettriku miksub minn konnessjoni diretta ma' installazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli jista' jingħadd kollu bħala rinnovabbli fejn jintuża għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika diment li l-installazzjoni:

(a) tibda taħdem wara, jew fl-istess ħin tal-installazzjoni li tipproduċi karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika; u

(b) ma tkunx konnessa mal-grilja, jew tkun konnessa mal-grilja iżda tkun tista' tingħata evidenza li l-elettriku kkonċernat ikun ġie fornut mingħajr ma jkun ittieħed l-elettriku mill-grilja.

(5) L-elettriku li jkun ittieħed mill-grilja jista' jingħadd bis-sħiħ bħala rinnovabbli sakemm ikun prodott esklużivament minn sorsi rinnovabbli u jkunu ntwerew il-proprjetajiet rinnovabbli u l-kriterji xierqa l-oħra, waqt li jiġi żgurat li l-karatteristiċi rinnovabbli ta' dak l-elettriku jiġu magħduda darba biss u unikament f'settur ta' użu finali wieħed (1).

(6) It-tnaqqis fl-intensità tal-gassijiet serra mill-użu ta' enerġija rinnovabbli li jirriżulta mill-konformità mal-ishma minimi msemmija fir-regolament 14(2) għandu jiġi ddeterminat billi l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu ta' bijokarburanti, bijogass, karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u elettriku rinnovabbli fornut lill-modi kollha tat-trasport jiġi diviż bil-linja bażilari:

Iżda jistgħu wkoll jitqiesu l-karburanti tal-karbonju riċiklat.

(7) L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra msemmi fis-subregolament (6) għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) għall-bijokarburanti u għall-bijogass, billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' dawn il-karburanti fornuti lill-modi kollha tat-trasport bl-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom iddeterminat skont ir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, tal-Bijolikwidi u tal-Karburanti mill-Bijomassa; L.S. 545.45.

(b) għall-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u għall-karburanti tal-karbonju riċiklat, billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' dawk il-karburanti li jiġu fornuti lill-modi kollha tat-trasport bl-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom iddeterminati skont l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 29a(3) tad-Direttiva;

(ċ) għall-elettriku rinnovabbli, billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' elettriku rinnovabbli li jiġi fornut lill-modi kollha tat-trasport bil-komparatur tal-karburanti fossili ECF(e) stabbilit fil-Ħames Skeda.

(8) Il-linja bażilari msemmija fis-subregolament (6) għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2030 billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' enerġija fornuta lis-settur tat-trasport bil-komparatur tal-karburanti fossili EF(t) stabbilit fil-Ħames Skeda;

(b) mill-1 ta' Jannar 2031 il-linja bażilari għandha tkun is-somma ta':

(i) l-ammont ta' karburanti fornuti lill-modi kollha tat-trasport immultiplikat bil-komparatur tal-karburanti fossili EF(t) stabbilit fil-Ħames Skeda; u

(ii) l-ammont ta' elettriku fornut lill-modi kollha tat-trasport immultiplikat bil-komparatur tal-karburanti fossili ECF(e) stabbilit fil-Ħames Skeda.

(9) L-ammonti rilevanti ta' enerġija fornuti lis-settur tat-trasport għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fis-subregolament (6) għandhom jiġu determinati skont il-paragrafi (f), (g) u (h) tas-subregolament (1).

**17.** (1) Sabiex ikunu eliġibbli biex jingħaddu għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli: Applikabbiltà tal-kriterji tas-sostenibbiltà.

(a) fil-konsum gross finali tal-enerġija ta' Malta;

(b) fis-settur tal-bini;

(ċ) fl-industrija;

(d) fit-tisħin u t-tkessiħ;

(e) fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali; u

(f) fis-settur tat-trasport,

il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa għandhom ikunu konformi mal-kriterji ta' sostenibbiltà u ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fir-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, tal-Bijolikwidi u tal-Karburanti mill-Bijomassa. L.S. 545.45.

(2) L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jissottomettu informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet magħmula u l-karatteristiċi tas-sostenibbiltà tal-karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport li huma eliġibbli sabiex jingħaddu, inklużi l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, fil-bażi tad-data tal-Unjoni, li tibda mill-punt tal-produzzjoni tagħhom sal-fornitur tal-karburant li jqiegħed il-karburant fis-suq.

## TAQSIMA III

Ġenerazzjoni u Konsum ta' Enerġija Rinnovabbli

**18.** (1) Il-konsumaturi kollha huma intitolati li jsiru awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, kif soġġett għal dan ir-regolament. Awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli.

(2) L-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, individwalment jew permezz ta' aggregaturi, għandhom id-dritt:

(a) li jiġġeneraw l-enerġija rinnovabbli, inkluż għall-konsum tagħhom stess, jaħżnu u jbigħu l-produzzjoni żejda tagħhom ta' elettriku rinnovabbli, inkluż permezz ta' ftehim dwar ix-xiri tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, arranġamenti ta' negozjar bejn il-pari u l-forniturі, mingħajr ma jkunu soġġetti:

(i) fir-rigward tal-elettriku li huma jikkunsmaw minn, jew li jitfgħu fil-grilja, għal proċeduri u imposti

diskriminatorji jew sproporzjonati, u għall-imposti fuq in-network li ma jirriflettux l-ispejjeż;

(ii) fir-rigward tal-elettriku rinnovabbli awtoġenerat tagħhom minn sorsi rinovibbli li jibqa' fil-proprjetà tagħhom, għal proċeduri diskriminatorji jew sproporzjonati, u kwalunkwe imposti jew tariffi;

(b) li jinstallaw u jħaddmu sistemi ta' ħżin tal-elettriku kkombinati ma' installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku rinnovabbli għall-awtokonsum mingħajr ebda responsabbiltà għal xi ħlas doppju, inkluż l-imposti fuq in-network għal elettriku maħżun li jibqa' fil-proprjetà tagħhom;

(ċ) li jżommu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala konsumaturi finali; u

(d) li jirċievu remunerazzjoni, inkluż fejn applikabbli, permezz ta' skemi ta' appoġġ, għall-elettriku rinnovabbli awtoġenerat li jitfgħu fil-grilja, li tirrifletti l-valur tas-suq ta' tali elettriku u li tista' tqis il-valur tiegħu fit-tul għall-grilja, l-ambjent u s-soċjetà:

Iżda dan għandu jkun bla ħsara għall-eżerċizzju ta' Malta tad-derogi mill-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva (UE) 2019/944:

Iżda wkoll għat-tul ta' żmien tal-eżerċizzju kontinwu ta' tali id-derogi, ir-regolament 54A tar-Regolamenti dwar l-Elettriku għandu jkompli japplika għax-xiri tal-elettriku rinnovabbli kollu prodott f'Malta u esportat lejn il-grilja, kif soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fih.

L.S. 545.34.

(3) Jistgħu jiġu applikati imposti u tariffi mhux diskriminatorji u proporzjonati fuq awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, fir-rigward tal-elettriku rinnovabbli awtoġenerat tagħhom, li jibqa' fil-proprjetà tagħhom f'wieħed (1) jew aktar mill-każijiet li ġejjin:

(a) jekk l-elettriku rinnovabbli awtoġenerat huwa appoġġat b'mod effettiv permezz ta' skemi ta' appoġġ, unikament sal-punt li l-vijabilità ekonomika tal-proġett u l-effett ta' inċentiv ta' tali appoġġ ma jiġux imminati;

(b) mill-1 ta' Diċembru 2026, jekk is-sehem globali tal-installazzjonijiet ta' awtokonsum jeċċedi t-tmienja fil-mija (8%) tal-kapaċità totali tal-elettriku installata f'Malta, u jekk jintwera, permezz ta' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji mwettqa mir-Regolatur, li għandha tigi kondotta bi proċess miftuħ, trasparenti

u parteċipattiv, li d-dispożizzjoni stipulata fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (2) jew tirriżulta f'piż sproporzjonat sinifikanti fuq is-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul tas-sistema elettrika, jew toħloq inċentiv li jeċċedi dak li hu oġġettivament meħtieġ sabiex tinkiseb l-implimentazzjoni kost-effettiva tal-enerġija rinnovabbli, u li tali piż jew inċentiv ma jistax jitnaqqas billi jittieħdu azzjonijiet raġonevoli oħra; jew

(ċ) jekk l-elettriku rinnovabbli ġġenerat waħdu jiġi prodott f'installazzjonijiet b'kapaċità elettrika installata totali ta' aktar minn tletin kilowatt (30 kW).

(4) L-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li jinsabu fl-istess bini, inklużi blokki b'ħafna appartamenti, huma intitolati li jieħdu sehem konġunt f'attivitajiet imsemmija fis-subregolament (2) u huma permessi li jagħmluarranġamenti dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija rinnovabbli li tiġi prodotta fis-sit jew siti tagħhom bejniethom, bla ħsara għat-tariffi tan-network u tariffi, drittijiet, imposti u taxxi rilevanti oħra applikabbli għal kull awtokonsumatur ta' sorsi rinnovabbli u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (9).

(5) Fil-ħruġ ta' regolamenti li jirregolaw l-attivitajiet tal-konsumaturi deskritti fis-subregolamenti (1) sa (4), il-Ministru jista' jiddistingwi bejn awtokonsumaturi individwali ta' sorsi rinnovabbli u awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li jaġixxu b'mod konġunt, sakemm kwalunkwe tali differenzjazzjoni tkun proporzjonata u debitament ġustifikata.

(6) Installazzjoni ta' awtokonsumatur ta' sorsi rinnovabbli tista' tkun proprjetà ta' parti terza jew tkun ġestita minn parti terza għall-installazzjoni, it-tħaddim, inkluż il-kejl u l-manutenzjoni, sakemm il-parti terza tibqa' soġġetta għall-istruzzjonijiet tal-awtokonsumatur ta' sorsi rinnovabbli, fejn il-parti terza nnifisha ma għandhiex titqies bħala awtokonsumatur ta' sorsi rinnovabbli.

(7) Abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni relattiva tal-ostakli mhux ġustifikati eżistenti għall-awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli f'Malta, u tal-potenzjal tiegħu, fejn tali ostakli huma indipendenti mill-eżerċizzju minn Malta tad-derogi mill-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva (UE) 2019/944, il-Ministru għandu jkompli, *inter alia*:

(a) jindirizza l-aċċessibbiltà ta' awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli għall-konsumaturi finali kollha, inklużi dawk f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew vulnerabbli;

(b) jindirizza l-ostakli mhux ġustifikati għall-finanzjament ta' proġetti fis-suq u miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess

għall-finanzjament;

(ċ) jindirizza ostakli regolatorji mhux ġustifikati oħra għall-awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli, anke għall-inkwilini;

(d) jindirizza inċentivi għas-sidien tal-bini sabiex joħolqu opportunitajiet għall-awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli inkluż għall-inkwilini;

(e) jagħti lill-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, għall-elettriku rinnovabbli awtoġenerat li jitfgħu fil-grilja, aċċess mhux diskriminatorju għal skemi ta' appoġġ rilevanti eżistenti kif ukoll għall-oqsma kollha tas-suq tal-elettriku; u

(f) jiżgura li l-awtokonsumaturi rinnovabbli jikkontribwixxu b'mod adegwat u bbilanċjat għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ġenerali tas-sistema meta l-elettriku jiġi mitfugħ fil-grilja.

(8) Is-sommarju tal-politiki u l-miżuri li jippermettu l-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom rispettivament għandhom jiġu rrappurtati fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ta' Malta u fir-rapporti ta' progress skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

(9) Dan ir-regolament għandu japplika bla ħsara għall-Artikoli 107 u 108 TFUE u barra minn hekk għandu japplika bla ħsara għad-dritt ta' Malta li teżerċita d-derogi mogħtija skont l-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

Komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

**19.** (1) Il-klijenti finali, b'mod partikolari l-klijenti domestiċi, għandhom ikunu intitolati li jipparteċipaw f'komunità tal-enerġija rinnovabbli waqt li jżommu d-drittijiet jew l-obbligi tagħhom bħala klijenti finali, u mingħajr ma jkunu soġġetti għal kondizzjonijiet jew proċeduri mhux ġustifikati jew diskriminatorji li jipprevjenu l-parteċipazzjoni tagħhom f'komunità tal-enerġija rinnovabbli sakemm, għall-impriżi privati, il-parteċipazzjoni tagħhom ma tikkostitwixxix l-attività kummerċjali jew professjonali ewlenija tagħhom.

(2) Bla ħsara għall-eżerċizzju minn Malta tad-derogi mill-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva (UE) 2019/944, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli għandhom id-dritt li:

(a) jipproduċu, jużaw, jaħżnu u jbigħu enerġija minn sorsi rinnovabbli, inkluż permezz ta' ftehimiet ta' xiri tal-enerġija;

(b) jaqsmu fil-komunità tal-enerġija rinnovabbli, l-

enerġija rinnovabbli li tiġi prodotta mill-unitajiet ta' produzzjoni li huma proprjetà ta' tali komunità tal-enerġija rinnovabbli, soġġetta għar-rekwiżiti l-oħra stipulati f'dan ir-regolament u għaż-żamma tad-drittijiet u l-obbligi tal-membri tal-komunità tal-enerġija rinnovabbli bħala klijenti;

(ċ) jaċċessaw is-swieq tal-enerġija kollha xierqa kemm direttament kif ukoll permezz ta' aggregazzjoni b'mod mhux diskriminatorju:

Iżda għat-tul ta' żmien kontinwu tal-eżerċizzju ta' tali derogi, ir-regolament 54A tar-Regolamenti dwar l-Elettriku għandu jkompli japplika għax-xiri tal-elettriku rinnovabbli kollu prodott f'Malta u esportat lejn il-grilja, kif soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fih. L.S. 545.34.

(3) Il-Ministru għandu jwettaq valutazzjoni tal-ostakli eżistenti u l-potenzjal tal-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

(4) Bla ħsara għall-eżerċizzju minn Malta tad-derogi mill-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva (UE) 2019/944, l-iżvilupp ta' komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli għandu jiġi promoss u ffaċilitat filwaqt li jiġi żgurat, fost affarijiet oħra, li:

(a) jitneħħew l-ostakli regolatorji u amministrattivi mhux ġustifikati għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;

(b) il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli li jfornu l-enerġija jew jipprovdu servizzi ta' aggregazzjoni jew servizzi oħra kummerċjali tal-enerġija għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet rilevanti għal tali attivitajiet;

(ċ) l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni rilevanti jikkoopera mal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli sabiex jiffaċilita t-trasferimenti tal-enerġija fil-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;

(d) il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli huma soġġetti għal proċeduri ġusti, proporzjonati u trasparenti, inkluż proċeduri ta' reġistrazzjoni u ta' liċenzjar, u imposti fuq in-network li jirriflettu l-ispejjeż, kif ukoll imposti, tariffi u taxxi rilevanti, li jiżguraw li jikkontribwixxu, b'mod adegwat, ġust u bbilanċjat, għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ġenerali tas-sistema f'konformità ma' analiżi trasparenti tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' sorsi tal-enerġija distribwiti żviluppati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali;

(e) il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli ma jkunux

soġġetti għal trattament diskriminatorju fir-rigward tal-attivitajiet, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala klijenti finali, produtturi, fornituri, operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, jew parteċipanti oħra fis-suq;

(f) il-parteċipazzjoni fil-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli hija aċċessibbli għall-konsumaturi kollha, inklużi dawk f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew vulnerabbli;

(g) ikunu disponibbli għodod sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament u l-informazzjoni;

(h) jingħata appoġġ regolatorju u ta' bini ta' kapaċità lill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jiffaċilitaw u jistabbilixxu komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli, u sabiex jgħinu lill-awtoritajiet jipparteċipaw direttament;

(i) ikun hemm fis-seħħ regoli sabiex jiġi żgurat trattament ugwali u mhux diskriminatorju tal-konsumaturi li jipparteċipaw fil-komunità tal-enerġija rinnovabbli:

Iżda kwalunkwe limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet hawn fuq imsemmija li tirriżulta mill-eżerċizzju tad-derogi msemmija ma għandhomx jitqiesu bħala mhux ġustifikati.

(5) Is-sommarju tal-politiki u l-miżuri li jappoġġjaw il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u tal-implimentazzjoni tagħhom, għandu jkun parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u mir-rapporti ta' progress skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

(6) Bla ħsara għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-Ministru għandu jqis l-ispeċifiċitajiet tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli meta jfassal skemi ta' appoġġ sabiex jippermettilhom jikkompetu għall-appoġġ fuq bażi ugwali ma' parteċipanti oħra fis-suq.

(7) Dan ir-regolament għandu japplika bla ħsara għad-dritt ta' Malta li teżerċita d-derogi mogħtija skont l-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

Informazzjoni u taħriġ.

**20.** (1) Meta l-awtoritajiet rilevanti kollha joħorġu miżuri ta' appoġġ fl-ambitu tal-mandat legalment stabbilit tagħhom u f'konformità mal-istess, għandhom irendu disponibbli l-informazzjoni dwar tali miżuri ta' appoġġ li jaqgħu taħt il-mandat rispettiv tagħhom lill-atturi rilevanti kollha, bħal konsumaturi inklużi konsumaturi bi dħul baxx, konsumaturi vulnerabbli, awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli, bennejja, installaturi, periti, fornituri ta' tagħmir u sistemi ta' tisħin, tkessiħ u

elettriku, u fornituri ta' vetturi kompatibbli mal-użu tal-enerġija rinnovabbli u ta' sistemi ta' trasport intelliġenti.

(2) Fornituri ta' tagħmir u sistemi li jintużaw għat-tisħin, għat-tkessiħ u għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandhom irendu disponibbli l-informazzjoni dwar il-benefiċċji netti, l-ispiża u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' tali tagħmir u sistemi.

(3) L-informazzjoni dwar skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifika ekwivalenti għall-installaturi u d-disinjaturi tal-forom kollha ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli fil-bini, fl-industrija u fl-agrikoltura, għall-installaturi ta' sistemi fotovoltajċi solari, inkluż tal-ħażna tal-enerġija, u għall-installaturi ta' punti tal-iċċarġjar li jippermettu rispons għad-domanda għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mir-Regolatur, flimkien ma' lista trasparenti, faċilment aċċessibli u regolarment aġġornata ta' individwi li huma kkwalifikati jew iċċertifikati permezz ta' tali skemi.

(4) Ir-Regolatur, fejn xieraq bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, għandu jiżviluppa programmi adatti ta' informazzjoni, sensibilizzazzjoni, gwida jew taħriġ sabiex jinforma liċ-ċittadini dwar kif jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala klijenti attivi, u dwar il-benefiċċji u l-prattiċitajiet, inklużi aspetti tekniċi u finanzjarji, tal-iżvilupp u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, inkluż permezz ta' awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli jew fil-qafas ta' komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli.

Garanziji tal-oriġini għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli. S.L. 545.44.

**21.** Il-garanziji tal-oriġini għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli għandhom jinħarġu mir-Regolatur kif soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli tal-Enerġija Rinnovabbli.

## TAQSIMA IV

Skemi ta' Appoġġ, Proġetti u Kooperazzjoni.

Skemi ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

**22.** (1) Skemi ta' appoġġ applikati sabiex jgħinu fil-kisba tal-kontribuzzjoni ta' Malta msemmija fis-subregolament (1) tar-regolament 3 għandhom jikkonformaw ma' dan ir-regolament.

(2) Skemi ta' appoġġ għal elettriku minn sorsi rinnovabbli għandhom jipprovdu inċentivi għall-integrazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq tal-elettriku b'mod li huwa bbażat fuq, u risponsiv għas-suq, u għandhom jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn fis-swieq tal-elettriku filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż potenzjali għall-integrazzjoni tas-sistemi u l-istabbiltà tal-grilja.

(3) L-iskemi tal-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli

għandhom jiġu ddisinjati b'mod li tiġi massimizzata l-integrazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fis-suq tal-elettriku u sabiex jiġi żgurat li l-produtturi tal-enerġija rinnovabbli qegħdin jirrispondu għas-sinjali tal-prezz tas-suq u jimmassimizzaw l-introjti tagħhom mis-suq.

(4) Fejn l-iskemi ta' appoġġ imsemmija fis-subregolament (3) huma skemi ta' appoġġ dirett għall-prezzijiet, l-appoġġ għandu jingħata fil-forma ta' primjum tas-suq, li jista' jkun, *inter alia*, varjabbli jew fiss.

(5) Is-subregolament (4) ma għandux japplika għall-appoġġ għall-elettriku mis-sorsi elenkati fl-Artikolu 19d(4) tar-Regolament (UE) 2019/943, li għalih japplika l-Artikolu 19d(1) tal-istessRegolament.

(6) Installazjonijiet ta' skala żgħira u proġetti ta' dimostrazzjoni jistgħu jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (3) sa (5), bla ħsara għal-ligi tal-Unjoni applikabbli għas-suq intern tal-elettriku.

(7) L-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandu jingħata b'mod miftuħ, trasparenti, kompetittiv, mhux diskriminatorju u kosteffettiv.

(8) Installazzjonijiet fuq skala żgħira u proġetti ta' dimostrazzjoni jistgħu jiġu eżentati mill-proċeduri tal-offerti.

(9) Il-Ministru jista' jikkunsidra li jistabbilixxi mekkaniżmi sabiex jiżgura integrazzjoni tas-sistema kosteffiċjenti.

(10) Il-proċeduri tal-offerti jistgħu jkunu limitati għal teknoloġiji speċifiċi fejn il-ftuħ ta' skemi ta' appoġġ lill-produtturi kollha tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli jwassal għal riżultat subottimali, u dan minħabba:

(a) il-potenzjal ta' teknoloġija partikolari fuq medda ta' żmien;

(b) il-ħtieġa li tinkiseb diversifikazzjoni;

(ċ) l-ispejjeż għall-integrazzjoni tal-grilja;

(d) ir-restrizzjonijiet relatati man-network u l-istabbiltà tal-grilja;

(e) għall-bijomassa, il-bżonn li jiġu evitati d-distorsjonijiet fis-swieq tal-materja prima.

(11) Fejn l-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli jingħata permezz ta' proċedura tal-offerti, sabiex tiġi żgurata rata għolja ta' realizzazzjoni tal-proġett għandu japplika dan li ġej:

(a) għandhom jiġu stabbiliti u ppubblikati kriterji mhux diskriminatorji u trasparenti sabiex wieħed jikkwalifika għall-proċedura tal-offerti, li jistabbilixxu dati u regoli ċari għat-twettiq tal-proġett; u

(b) għandha tiġi ppubblikata informazzjoni dwar proċeduri tal-offerti preċedenti, inklużi r-rati ta' realizzazzjoni tal-proġetti.

(12) Sabiex jibbenefikaw minn skemi ta' appoġġ u jkunu eliġibbli taħt akkwist pubbliku, kwalunkwe tagħmir u sistemi ta' enerġija rinnovabbli għandhom jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fid-dokumentazzjoni relattiva tar-regoli applikabbli għal tali iskema ta' appoġġ, jew tal-proċess ta' sejħa għall-offerti:

Iżda tali speċifikazzjonijiet tekniċi ma għandhomx jippreskrivu fejn għandhom jiġu ċċertifikati t-tagħmir u s-sistemi u ma għandhomx ifixklu l-funzjonament xieraq tas-suq intern.

(13) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fis-subregolament (12) għandhom jiġu espressi f'termini ta' standards armonizzati jew standards Ewropej inklużi sistemi ta' referenza tekniċi stabbiliti mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, fejn jeżistu tali standards:

Iżda l-preċedenza fl-applikazzjoni ta' standards armonizzati għandha tingħata lil dawk l-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għal-liġi tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE, u r-Regolamenti dwar Qafas għall-Iffisar ta' Ħtieġiet ta' Ekodisinn għall-Prodotti li Jużaw l-Enerġija, segwiti minn standards armonizzati oħra u standards Ewropej. L.S. 427.64.

(14) Skemi ta' appoġġ li jagħtu appoġġ finanzjarju lill-produtturi tal-enerġija rinnovabbli għandhom jew jipprekludu l-intitolament għal garanzija tal-oriġini fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli appoġġjata prodotta, jew għandhom iqisu b'mod xieraq il-valur tas-suq tal-garanzija tal-oriġini għall-istess produzzjoni:

Iżda għandu jiġi preżunt li l-valur tas-suq tal-garanzija tal-oriġini ġie kkunsidrat b'mod xieraq fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) fejn l-appoġġ finanzjarju jingħata permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti jew sistema ta' ċertifikati ekoloġiċi negozjabbli;

(b) fejn il-valur tas-suq tal-garanziji tal-oriġini jitqies amministrattivament fil-livell ta' appoġġ finanzjarju; jew

(ċ) fejn il-garanziji tal-oriġini ma jinħarġux direttament lill-produttur iżda lil fornitur jew konsumatur li jixtri l-enerġija jew f'ambjent kompetittiv jew fi ftehim ta' xiri ta' enerġija rinnovabbli fit-tul:

Iżda wkoll sabiex jitqies il-valur tas-suq tal-garanzija tal-oriġini, ir-regoli applikabbli għal kwalunkwe skema ta' appoġġ speċifika jistgħu jippermettu li l-garanziji tal-oriġini jinħarġu lill-produttur u jiġu kkanċellati minnufih.

(15) Dan ir-regolament għandu jiġi applikat mill-Ministeri u l-entitajiet kollha li joħorġu skemi ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli u għandu barra minn hekk jiġi applikat bla ħsara għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE.

Regoli applikabbli għall-produzzjoni tal-enerġija mill-bijomassa u għall-appoġġ. L.S. 549.63.

**23.** (1) Il-produtturi tal-enerġija li jipproduċu enerġija mill-bijomassa għandhom iqisu l-ġerarkija tal-iskart stabbilita fir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart u għandhom jiżguraw l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-użu kaskata tal-bijomassa, filwaqt li jiżguraw li l-enerġija mill-bijomassa tiġi prodotta b'mod li jimminimizza l-effetti distorsivi żejda fuq is-suq tal-materja prima tal-bijomassa, u l-impatti negattivi fuq il-bijodiversità, l-ambjent u l-klima.

(2) Enerġija rinnovabbli prodotta mill:

(a) bijomassa li fir-rigward tagħha ma ġewx osservati l-obbligi stabbiliti fis-subregolament (1);

(b) użu ta' zkuk għas-serrar, zkuk għall-fuljetti, injam tond ta' grad industrijali, ġdur u għeruq għall-produzzjoni tal-enerġija;

L.S. 549.63.

(ċ) inċinerazzjoni tal-iskart, fir-rigward ta' liema l-obbligi ta' ġbir separat stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Iskart ma jkunux ġew irrispettati,

ma għandhiex tkun eliġibbli għal appoġġ, inkluż appoġġ finanzjarju dirett, permezz ta' xi skema ta' appoġġ jew mod ieħor.

(3) L-iskemi ta' appoġġ għall-enerġija mill-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa għandhom jevitaw l-inċentivar ta' perkorsi mhux sostenibbli u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni mas-setturi tal-materjali, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-bijomassa tal-injam tintuża skont l-ogħla valur miżjud ekonomiku u ambjentali tagħha fl-ordni ta' prijoritajiet li ġejjin:

(a) prodotti bbażati fuq l-injam;

(b) l-estensjoni tal-ħajja operattiva ta' prodotti bbażati fuq l-injam;

(ċ) l-użu mill-ġdid;

(d) ir-riċiklaġġ;

(e) il-bijoenerġija; u

(f) ir-rimi.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) ma għandhomx japplikaw fejn:

(a) dan huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;

(b) fejn l-industrija lokali ma tkunx kwantitattivament jew teknikament kapaċi tuża l-bijomassa forestali għal valur miżjud ekonomiku u ambjentali li huwa għola mill-produzzjoni tal-enerġija, għal materja prima li ġejja minn:

(i) attivitajiet meħtieġa ta' ġestjoni tal-foresti, bil-għan li jiżguraw operazzjonijiet ta' żbir ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni jew imwettqa skont il-liġi nazzjonali dwar il-prevenzjoni tan-nirien f'foresti f'żoni ta' riskju għoli;

(ii) qtugħ ta' salvataġġ wara xkiel naturali dokumentat; jew

(iii) il-ħsad ta' ċertu injam li l-karatteristiċi tiegħu mhumiex xierqa għal faċilitajiet ta' pproċessar lokali.

(5) Il-Ministru għandu jibgħat notifika lill-Kummissjoni kull sena fir-rigward ta' kwalunkwe deroga magħmula skont is-subregolament (4) flimkien mar-raġunijiet għal tali derogi u l-iskala ġeografika li għaliha japplikaw.

(6) Ma għandu jingħata l-ebda appoġġ għall-produzzjoni tal-elettriku minn bijomassa forestali f'installazzjonijiet tal-elettriku biss, sakemm tali elettriku ma jiġix prodott bl-applikazzjoni tal-qbid u l-ħażna tad-dijossidu tal-karbonju mill-bijomassa u jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-regolament 3(6) tar-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, tal-Bijolikwidi u tal-Karburanti mill-Bijomassa.

L.S. 545.45.

Ftuħ ta' skemi ta' appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli.

**24.** (1) Il-Ministru għandu jkollu d-dritt, skont dawn ir-regolamenti, li jiddetermina l-limiti ta' appoġġ għal elettriku minn sorsi rinnovabbli li jiġi prodott fi Stat Membru ieħor. Madankollu, il-Ministru jista' jiftaħ il-parteċipazzjoni fi skemi ta' appoġġ għal elettriku minn sorsi rinnovabbli għal produtturi li jinsabu fi Stati Membri oħra, kif soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-regolament.

(2) Meta jiftaħ il-parteċipazzjoni fi skemi ta' appoġġ għal elettriku minn sorsi rinnovabbli, il-Ministru jista' jiddeċiedi li l-appoġġ għal sehem indikattiv tal-kapaċità li għadha kif ġiet appoġġjata, jew tal-baġit allokat għaliha, f'kull sena tkun miftuħa għal produtturi li jinsabu fi Stati Membri oħra.

(3) Is-sehem indikattiv imsemmi fis-subregolament (2) jista', f'kull sena, jammonta għal mill-inqas ħamsa fil-mija (5%) mill-2023 sal-2026 u mill-inqas għaxra fil-mija (10%) mill-2027 sal-2030, jew, fejn inqas, għal-livell ta' interkonnettività tal-Istat Membru kkonċernat fi kwalunkwe sena partikolari.

(4) Sabiex tinkiseb aktar esperjenza fl-implimentazzjoni, il-Ministru jista' jorganizza skema pilota waħda (1) jew aktar fejn l-appoġġ ikun miftuħ għal produtturi li jinsabu fi Stati Membri oħra.

(5) Il-Ministru jista' jirrikjedi prova tal-importazzjoni fiżika tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u, għal dak il-għan, jista' jillimita l-parteċipazzjoni fi skemi ta' appoġġ għal produtturi li jinsabu fi Stati Membri li magħhom hemm konnessjoni diretta permezz ta' interkonnetturi:

Iżda l-iskedi transżonali u l-allokazzjoni tal-kapaċità dovuti lill-produtturi li jipparteċipaw fi skemi ta' appoġġ transkonfinali ma għandhomx jinbidlu jew jiġu xort'oħra affettwati , u t-trasferimenti transkonfinali tal-elettriku għandhom jiġu determinati biss mill-eżitu tal-allokazzjoni tal-kapaċità skont il-liġi tal-Unjoni dwar is-suq intern tal-elettriku.

(6) Fejn il-Ministru jiftaħ il-parteċipazzjoni fi skemi ta' appoġġ għal produtturi li jinsabu fi Stati Membri oħra, għandu jintlaħaq ftehim mal-Istati Membri rilevanti dwar il-prinċipji ta' tali

parteċipazzjoni, li jkopri mill-inqas il-prinċipji tal-allokazzjoni tal-elettriku rinnovabbli, li huwa s-suġġett ta' appoġġ transkonfinali:

Iżda l-Ministru jista', jekk ikun meħtieġ, jitlob lill-Kummissjoni sabiex tassisti fil-proċess ta' negozjati.

L-istabbiltà tal-appoġġ finanzjarju.

**25.** (1) Bla ħsara għall-adattazzjonijiet meħtieġa għall-konformità mal-Artikoli 107 u 108 TFUE, il-Ministru għandu jiżgura li l-livell ta', u l-kondizzjonijiet marbuta mal-appoġġ mogħti għal proġetti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ma jiġu riveduti bl-ebda mod li jkollu effetti negattivi fuq id-drittijiet hemmhekk konferiti u li jimmina l-vijabilità ekonomika ta' proġetti li diġà jibbenefikaw mill-appoġġ.

(2) Il-Ministru jista' jaġġusta l-livell ta' appoġġ skont kriterji oġġettivi, diment li tali kriterji jiġu stabbiliti fid-disinn oriġinali tal-iskema ta' appoġġ.

(3) Il-Ministru għandu jippubblika skeda fuq perjodu twil li tantiċipa l-allokazzjoni mistennija ta' appoġġ, li tkopri, bħala referenza, mill-inqas il-ħames (5) snin ta' wara, jew, f'każ ta' restrizzjonijiet ta' ppjanar baġitarju, it-tliet (3) snin ta' wara, inkluż, iż-żmien indikattiv, il-frekwenza tal-proċeduri tas-sejħa għall-offerti fejn xieraq, il-kapaċità mistennija u l-baġit jew l-appoġġ massimu unitarju mistenni li jiġi allokat u t-teknoloġiji eliġibbli mistennija, jekk applikabbli.

(4) L-iskeda msemmija fis-subregolament (3) għandha tiġi aġġornata fuq bażi annwali jew, fejn meħtieġ, sabiex tirrifletti żviluppi riċenti tas-suq jew l-allokazzjoni mistennija ta' appoġġ.

(5) Il-Ministru għandu, tal-anqas darba kull ħames (5) snin, jagħmel valutazzjoni ta':

(a) l-effettività tal-iskemi tal-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli;

(b) l-effetti distributtivi kbar tal-iskemi tal-appoġġ fuq gruppi ta' konsumaturi differenti, u fuq investimenti; u

(ċ) l-effett ta' bidliet potenzjali fl-iskemi ta' appoġġ.

(6) Il-valutazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (5) għandhom jiġu inklużi fl-aġġornamenti rilevanti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tal-enerġija u l-klima ta' Malta u r-rapporti ta' progress skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, u r-riżultati tagħhom għandhom jitqiesu fl-ippjanar indikattiv fit-tul li jirregola d-deċiżjonijiet tal-appoġġ u t-tfassil ta' appoġġ ġdid.

Il-pjattaforma għall-iżvilupp rinnovabbli tal-Unjoni u trasferimenti statistiċi bejn l-Istati Membri.

**26.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel arranġamenti għat-trasferiment statistiku ta' ammont speċifikat ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli minn Malta għal Stat Membru ieħor, jew minn Stat Membru ieħor għal Malta, skont il-każ.

(2) L-ammont trasferit għandu:

(a) jitnaqqas mill-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment għall-finijiet tad-Direttiva; u

(b) jiżdied mal-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru li jaċċetta t-trasferiment għall-finijiet tad-Direttiva.

(3) Il-Ministru jista', għall-finijiet imsemmija fis-subregolament (1), jagħmel użu mill-pjattaforma għall-iżvilupp rinnovabbli tal-Unjoni (hawn aktar 'il quddiem l-"URDP") stabbilita mill-Kummissjoni u jista', fuq bażi volontarja, jippreżenta lill-URDP id-data annwali dwar il-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-mira tal-Unjoni jew kwalunkwe punt ta' riferiment stabbilit għall-monitoraġġ tal-progress fir-Regolament (UE) 2018/1999, inkluż l-ammont li bih Malta hija mistennija li ma tilħaqx jew li teċċedi l-kontribuzzjoni tagħha, u indikazzjoni tal-prezz li għalih Malta lesta li taċċetta trasferiment ta' kwalunkwe produzzjoni żejda ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli minn, jew għal Stat Membru ieħor.

(4) Il-prezz ta' kwalunkwe trasferiment magħmul skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3) għandu jitqies fuq bażi ta' każ b'każ ibbażat fuq il-mekkaniżmu tat-tqabbil tad-domanda u l-offerta tal-URDP.

(5) L-arranġamenti msemmija fis-subregolamenti (1) sa (4) jista' jkollhom tul ta' sena kalendarja waħda (1) jew aktar u għandhom jiġu nnotifikati mill-Ministru lill-Kummissjoni jew iffinalizzati fuq l-URDP mhux aktar tard minn tnax (12)-il xahar wara t-tmiem ta' kull sena li fiha jsiru effettivi.

(6) L-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni msemmija fis-subregolament (5) għandha tinkludi l-kwantità u l-prezz tal-enerġija involuta, u għal trasferimenti finalizzati fuq l-URDP, il-partijiet involuti u l-informazzjoni dwar it-trasferiment partikolari għandhom jiġu żvelati lill-pubbliku.

(7) It-trasferimenti għandhom isiru effettivi wara li l-Istati Membri kollha involuti fit-trasferiment ikunu nnotifikaw it-

trasferiment lill-Kummissjoni jew wara li jkunu ġew issodisfati l-kondizzjonijiet kollha ta' clearing fuq l-URDP, kif applikabbli.

Proġetti konġunti ma' Stati Membri oħra.

**27.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel arranġamenti għal kooperazzjoni ma' awtorità waħda (1) jew aktar fi Stat Membru wieħed (1) jew aktar, jew jaħtar awtorità jew entità sabiex tagħmel tali arranġamenti għal kooperazzjoni, fuq kull tip ta' proġetti konġunti fir-rigward tal-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin jew it-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli, fejn il-kooperazzjoni tista' tinvolvi wkoll operaturi privati.

(2) Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Ministru għandu jaqbel li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fuq proġetti konġunti ma' Stat Membru wieħed (1) jew aktar għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli:

Iżda sal-31 ta' Diċembru 2030, il-Ministru għandu jagħmel ħiltu sabiex jasal għal ftehim dwar l-istabbiliment ta' mill-inqas żewġ (2) proġetti konġunti.

(3) L-identifikazzjoni ta' proġetti konġunti ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għandha tkun konsistenti mar-rekwiżiti identifikati fil-pjanijiet strateġiċi ta' żvilupp tan-network lil hinn mill-kosta integrat ta' livell għoli għal kull baċir tal-baħar imsemmi fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 u l-pjan ta' żvilupp tan-network ta' għaxar snin għall-Unjoni kollha msemmi fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament (UE) 2019/943, iżda tista' teċċedi dawk ir-rekwiżiti u tista' tinvolvi awtoritajiet lokali u reġjonali u impriżi privati.

(4) Għal proġetti konġunti, għandha ssir distribuzzjoni ġusta tal-ispejjeż u l-benefiċċji, fejn l-ispejjeż u l-benefiċċji rilevanti kollha tal-proġett konġunt jitqiesu fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni rilevanti.

(5) Kwalunkwe ftehim ta' kooperazzjoni li jsir, flimkien mad-data li fiha l-proġetti konġunti huma mistennija li jsiru operattivi, għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni.

(6) Proġetti ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet nazzjonali taħt il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni stabbilit mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 tal-15 ta' Settembru 2020 dwar il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni għandhom jitqiesu li

jissodisfaw l-obbligi msemmija fis-subregolament (2) għall-Istati Membri involuti.

(7) Il-Ministru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku, tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli prodotti minn kwalunkwe proġett konġunt li jinsab f'Malta li sar jew isir operattiv wara l-25 ta' Ġunju 2009, jew mill-kapaċità miżjuda ta' installazzjoni li ġiet rinnovata wara dik id-data, li għandha titqies bħala li tgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru ieħor għall-finijiet tad-Direttiva:

Iżda unitajiet ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli imputabbli għal żieda fil-kapaċità ta' installazzjoni għandhom jiġu ttrattati bħallikieku ġew prodotti minn installazzjoni separata li ssir operattiva fil-mument li seħħet iż-żieda fil-kapaċità.

(8) In-notifika msemmija fis-subregolament (7) għandha:

(a) tiddeskrivi l-installazzjoni proposta jew tidentifika l-installazzjoni rinnovata li tinsab f'Malta;

(b) tispeċifika l-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ prodott mill-installazzjoni li għandu jitqies bħala li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru l-ieħor;

(ċ) tidentifika l-Istat Membru li favur tiegħu qed issir in-notifika; u

(d) tispeċifika l-perjodu, fi snin kalendarji sħaħ, li matulu l-elettriku jew it-tisħin jew it-tkessiħ prodotti mill-installazzjoni minn sorsi rinnovabbli għandhom jitqiesu bħala li jgħoddu għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru l-ieħor.

(9) It-tul ta' żmien ta' proġett konġunt kif imsemmi f'dan ir-regolament jista' jestendi lil hinn mill-2030.

(10) Notifika magħmula skont dan ir-regolament ma għandhiex tiġi varjata jew irtirata mingħajr il-ftehim konġunt tal-awtoritajiet Maltin rilevanti u l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru identifikat skont il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (8).

(11) Il-Ministru jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita l-istabbiliment ta' proġetti konġunti ma' Stati Membri oħra, b'mod partikolari permezz ta' assistenza teknika ddedikata u assistenza għall-iżvilupp ta' proġetti.

(12) Abbażi tal-għanijiet indikattivi għall-ġenerazzjoni tal-

enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta li għandha tiġi skjerata f'kull baċir tal-baħar, identifikati skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013, dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, il-Ministru għandu jippubblika informazzjoni dwar il-volumi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta li huma ppjanati li jinkisbu permezz ta' offerti, filwaqt li jqis il-fattibbiltà teknika u ekonomika għall-infrastruttura tal-grilja u l-attivitajiet li diġà qed iseħħu.

(13) Il-Ministru għandu jagħmel ħiltu sabiex jalloka spazju għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fi pjanijiet spazjali marittimi, filwaqt li jqis l-attivitajiet li diġà qed iseħħu fiż-żoni affettwati.

(14) Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' permessi għal proġetti konġunti ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, l-awtoritajiet rilevanti għandhom inaqqsu l-kumplessità u jżidu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-proċedura tal-għoti ta' permessi, għandhom isaħħu l-kooperazzjoni bejniethom u għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu punt ta' kuntatt uniku.

Effetti tal-proġetti konġunti bejn l-Istati Membri.

**28.** (1) Fi żmien tliet (3) xhur mit-tmiem ta' kull sena li taqa' fil-perjodu msemmi fir-regolament 27(3)(d), il-Ministru għandu joħroġ ittra ta' notifika li tiddikjara:

(a) l-ammont totali ta' elettriku, tisħin jew tkessiħ prodott minn sorsi rinnovabbli matul dik is-sena mill-installazzjoni li kienet is-suġġett tan-notifika skont ir-regolament 27; u

(b) l-ammont ta' elettriku, tisħin jew tkessiħ prodott minn sorsi rinnovabbli matul dik is-sena minn dik l-installazzjoni li għandu jingħadd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru ieħor skont it-termini tan-notifika.

(2) Il-Ministru għandu jissottometti l-ittra ta' notifika lill-Istat Membru li favur tiegħu tkun saret in-notifika u lill-Kummissjoni.

(3) L-ammont ta' elettriku, tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli nnotifikat skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) għandu jkun:

(a) imnaqqas mill-ammont ta' elettriku, tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli li jitqies fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Malta għall-finijiet ta' dawn ir-

regolamenti; u

(b) miżjud mal-ammont ta' elettriku, tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli li jitqies fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru li jirċievi l-ittra ta' notifika skont is-subregolament (2) għall-finijiet tad-Direttiva.

Proġetti konġunti ma' pajjiżi terzi.

**29.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel arranġamenti, jew jaħtar awtorità jew entità sabiex tagħmel tali arranġamenti, għall-fini ta' kooperazzjoni ma' pajjiż terz wieħed (1) jew aktar dwar kull tip ta' proġetti konġunti fir-rigward tal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, fejn il-kooperazzjoni tista' tinvolvi wkoll operaturi privati u għandha sseħħ b'osservanza sħiħa għal-liġi internazzjonali:

Iżda tali kooperazzjoni tista' ssir ukoll b'mod konġunt ma' Stat Membru wieħed (1) jew aktar.

(2) L-elettriku minn sorsi rinnovabbli prodott f'pajjiż terz għandu jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Malta, u inkwantu jkunu involuti Stati Membri oħra fil-kooperazzjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem tagħhom tal-enerġija rinnovabbli, kemm-il darba jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-elettriku jiġi kkunsmat fl-Unjoni, li jitqies li jkun sodisfatt fejn:

(i) ammont ekwivalenti ta' elettriku għall-elettriku kkunsidrat ikun ġie nnominat b'mod deċiż għall-kapaċità ta' interkonnessjoni allokata mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni kollha responsabbli fil-pajjiż tal-oriġini, fil-pajjiż tad-destinazzjoni u, jekk rilevanti, f'kull pajjiż terz ta' tranżitu;

(ii) ammont ekwivalenti ta' elettriku għall-elettriku kkunsidrat ikun ġie rreġistrat b'mod deċiż fl-iskeda ta' bilanċ mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fuq in-naħa tal-Unjoni ta' l-interkonnettur; u

(iii) il-kapaċità nominata u l-produzzjoni tal-elettriku mis-sorsi rinnovabbli permezz tal-installazzjoni msemmija fil-paragrafu (b) jirreferu għall-istess perjodu ta' żmien;

(b) l-elettriku jiġi prodott minn installazzjoni li saret operattiva wara l-25 ta' Ġunju 2009 jew permezz taż-żieda fil-kapaċità ta' installazzjoni li ġiet rinnovata wara tali data, fil-qafas ta' proġett konġunt kif imsemmi fis-subregolament (1):

Iżda l-unitajiet tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli imputabbli għal żieda fil-kapaċità tal-installazzjoni għandhom jiġu ttrattati bħallikieku ġew prodotti f'installazzjoni separata li bdiet topera fil-mument meta ż-żieda fil-kapaċità seħħet;

(ċ) l-ammont ta' elettriku prodott u esportat ma rċeviex appoġġ minn skema ta' appoġġ ta' pajjiż terz minbarra għajnuna għall-investiment li ngħatat lill-installazzjoni; u

(d) l-elettriku jkun ġie prodott f'konformità mad-dritt internazzjonali, f'pajjiż terz li huwa firmatarju għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, jew konvenzjonijiet internazzjonali jew trattati oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem.

(3) Għall-finijiet tas-subregolament (4), il-Ministru jista' japplika lill-Kummissjoni sabiex jittieħed kont tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli prodott u kkunsmat minn pajjiż terz, fil-kuntest ta' bini ta' interkonnettur bejn Stat Membru u pajjiż terz li jirrikjedi żmien twil ħafna fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kostruzzjoni tal-interkonnettur bdiet sal-31 ta' Diċembru 2026;

(b) ma huwiex possibbli li l-interkonnettur isir operattiv sal-31 ta' Diċembru 2030;

(ċ) huwa possibbli li l-interkonnettur isir operattiv sal-31 ta' Diċembru 2032;

(d) wara li jibda jopera, l-interkonnettur għandu jintuża għall-esportazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli lejn l-Unjoni, skont is-subregolament (2); u

(e) l-applikazzjoni tirrigwarda proġett konġunt li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafi (b) u (ċ) tas-subregolament (2) u li ser juża l-interkonnettur wara li jibda jaħdem, u tirreferi għal kwantità ta' elettriku li ma tkunx aktar mill-kwantità li ser tiġi esportata lejn Unjoni wara li l-interkonnettur jibda jaħdem.

(4) Il-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku prodott minn kwalunkwe installazzjoni fit-territorju ta' pajjiż terz, li għandu jitqies bħala li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Malta, għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni mill-Ministru, u meta jkun ikkonċernat aktar minn Stat Membru wieħed (1), id-distribuzzjoni bejn l-Istati

Membri ta' dak il-proporzjon jew ammont għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni:

Iżda l-proporzjon jew l-ammont ma għandux jeċċedi l-proporzjon jew l-ammont attwalment esportat lejn, u kkunsmat fl-Unjoni, għandu jikkorrispondi għall-ammont imsemmi fis-subparagrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (2) u għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (a) ta' dak is-subregolament.

(5) In-notifika msemmija fis-subregolament (4) għandha:

(a) tiddeskrivi l-installazzjoni proposta jew tidentifika l-installazzjoni rinnovata;

(b) tispeċifika l-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku prodott mill-installazzjoni li għandu jitqies bħala li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Malta kif ukoll, kif soġġett għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità, l-arranġamenti finanzjarji relatati;

(ċ) tispeċifika l-perjodu, fi snin kalendarji sħaħ, li matulu l-elettriku għandu jitqies bħala li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Malta; u

(d) tinkludi rikonoxximent tal-paragrafi (b) u (ċ) mill-pajjiż terz li fit-territorju tiegħu għandha tibda topera l-installazzjoni u indikazzjoni tal-proporzjon jew ammont ta' elettriku prodott mill-installazzjoni li ser ikun għall-użu domestiku ta' tali pajjiż terz.

(6) It-tul ta' żmien ta' proġett konġunt kif imsemmi f'dan ir-regolament jista' jestendi lil hinn mill-2030.

(7) In-notifika magħmula skont dan ir-regolament għandha tiġi varjata jew irtirata biss fejn ikun hemm ftehim konġunt bejn Malta u l-pajjiż terz li jkun irrikonoxxa l-proġett konġunt skont il-paragrafu (d) tas-subregolament (5).

Effetti tal-proġetti konġunti ma' pajjiżi terzi.

**30.** (1) Fi żmien tnax (12)-il xahar mit-tmiem ta' kull sena li taqa' fil-perjodu speċifikat taħt il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (5) tar-regolament 29, il-Ministru għandu joħroġ ittra ta' notifika li tiddikjara:

(a) l-ammont totali ta' elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli matul dik is-sena mill-installazzjoni li kienet is-suġġett tan-notifika skont ir-regolament 29;

(b) l-ammont ta' elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli matul dik is-sena minn dik l-installazzjoni li għandu jingħadd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Malta skont it-termini tan-notifika skont ir-regolament 29; u

(ċ) prova ta' konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolament (2) tar-regolament 29.

(2) Il-Ministru għandu jippreżenta l-ittra ta' notifika msemmija fis-subregolament (1) lill-Kummissjoni u lill-pajjiż terz li rrikonoxxa l-proġett skont il-paragrafu (d) tas-subregolament (5) tar-regolament 29.

(3) Għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli taħt dawn ir-regolamenti, l-ammont ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli nnotifikat skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) għandu jiġi miżjud mal-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jitqies fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Malta.

Skemi konġunti ta' appoġġ.

**31.** (1) Bla ħsara għall-obbligi tal-Ministru taħt ir-regolament 24, il-Ministru jista' jaqbel mal-awtoritajiet rilevanti tal-Stat Membru wieħed jew aktar, fuq bażi volontarja, sabiex jgħaqqdu jew jiġu parzjalment ikkoordinati l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali tagħhom.

(2) Fejn jintlaħaq ftehim dwar it-twaħħid jew il-koordinament parzjali tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali, ċertu ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli prodotta f'Malta, jista' jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru parteċipanti ieħor jew viċi versa, diment li Malta u kwalunkwe Stat Membru ieħor ikkonċernat:

(a) jagħmlu trasferiment statistiku tal-ammonti speċifikati tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli skont ir-regolament 26; jew

(b) jistabbilixxu regola ta' distribuzzjoni bi qbil bejn Malta u kwalunkwe Stat Membru parteċipanti li talloka ammonti ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejniethom.

(3) Kwalunkwe regola ta' distribuzzjoni kif imsemmija fil-paragrafu (b) tas-subregolament (2) għandha tiġi nnotifikata mill-Ministru lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara t-tmiem tal-ewwel sena li fiha tidħol fis-seħħ.

(4) Fi żmien tliet (3) xhur mit-tmiem ta' kull sena, fejn tkun saret notifika skont is-subregolament (3), il-Ministru għandu joħroġ ittra ta' notifika li tiddikjara l-ammont totali ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli prodott matul is-sena li għandu jkun is-

suġġett tar-regola ta' distribuzzjoni.

(5) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ishma tal-enerġija rinnovabbli taħt dawn ir-regolamenti, l-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli nnotifikat skont is-subregolament (4) għandu jiġi allokat mill-ġdid bejn Malta u kwalunkwe Stat Membru kkonċernat skont ir-regola ta' distribuzzjoni nnotifikata.

(6) Il-Ministru jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita t-twaqqif ta' skemi ta' appoġġ konġunti bejn Malta u kwalunkwe Stat Membru ieħor.

## TAQSIMA V
Proċeduri Amministrattivi u ta' Permessi għall-Iskjerament ta' Kapaċità Rinnovabbli Ġdida.

Proċeduri, regolamenti u kodiċijiet amministrattivi.

**32.** (1) Kwalunkwe regola nazzjonali dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar li huma applikati għal:

(a) impjanti u networks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni assoċjati għall-produzzjoni tal-elettriku, tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli;

(b) il-proċess ta' trasformazzjoni tal-bijomassa f'bijokarburanti, bijolikwidi, karburanti tal-bijomassa jew prodotti oħra tal-enerġija; u

(ċ) karburanti tat-trasport rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika;

għandha tkun proporzjonata u meħtieġa u għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel.

(2) L-awtoritajiet rilevanti għandhom, b'mod partikolari u sa fejn dan ikun fl-ambitu ta' kull wieħed mill-mandati tagħhom legalment stabbiliti, jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw li:

(a) il-proċeduri amministrattivi jkunu simplifikati u mħaffa fil-livell amministrattiv xieraq u jiġu stabbiliti perjodi ta' żmien prevedibbli għall-proċeduri imsemmija fis-subregolament (1);

(b) ir-regoli dwar l-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar ikunu oġġettivi, trasparenti u proporzjonati, ma jiddiskriminawx bejn l-applikanti u jqisu bis-sħiħ il-partikolaritajiet tat-teknoloġiji individwali tal-enerġija rinnovabbli;

(ċ) il-ħlasijiet amministrattivi mħallsa minn konsumaturi, dawk responsabbli għall-ippjanar, periti, bennejja u installaturi u fornituri ta' tagħmir u sistemi jkunu trasparenti u relatati mal-ispiża; u

(d) proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati u ta' anqas xkiel, inkluża proċedura ta' notifika sempliċi, jkunu stabbiliti għal apparati deċentralizzati u għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

(3) Proġetti pilota li jinvolvu l-ittestjar f'ambjent tad-dinja reali u għal perjodu limitat, ta' teknoloġija innovattiva tal-enerġija rinnovabbli għall-produzzjoni, il-kondiviżjoni u l-ħażna tal-enerġija rinnovabbli għandhom jiġu promossi u appoġġjati f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali ta' Malta għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma 2021-2030.

(4) L-awtoritajiet rilevanti kollha għandhom jiżguraw li jiġu nklużi dispożizzjonijiet għall-integrazzjoni u l-varar tal-enerġija rinnovabbli, inkluż għall-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli u għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, u għall-użu tas-sħana u l-kesħa inevitabbli mormija fl-ippjanar, inkluż fl-ippjanar spazjali bikri, l-iddisinjar, il-bini u r-rinnovazzjoni ta' infrastruttura urbana, iż-żoni industrijali, kummerċjali jew residenzjali u fl-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport, inklużi n-networks tal-elettriku, tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, tal-gass naturali u tal-karburanti alternattivi.

(5) Il-korpi amministrattivi lokali u reġjonali huma mħeġġa sabiex jinkludu t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli fl-ippjanar tal-infrastruttura tal-ibliet fejn xieraq, u sabiex jikkonsultaw lill-operaturi tan-network sabiex jirriflettu l-impatt tal-programmi ta' effiċjenza enerġetika u tar-rispons tad-domanda kif ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, dwar il-pjanijiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-operaturi tan-network.

Immappjar ta' żoni meħtieġa għall-kontribuzzjonijiet nazzjonali lejn il-mira ġenerali tal-Unjoni dwar l-enerġija rinnovabbli għall-2030.

**33.** (1) Id-dokumenti u l-pjanijiet eżistenti tal-ippjanar spazjali għandhom jiffurmaw il-bażi għall-immappjar ikkoordinat għall-iskjerament tal-enerġija rinnovabbli sabiex jiġi identifikat il-potenzjal domestiku u tal-wiċċ tal-art disponibbli li huwa meħtieġ għall-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli meħtieġa sabiex jintlaħaq il-kontribut nazzjonali lejn il-mira ġenerali tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għall-2030:

Iżda l-infrastruttura relatata relattiva, bħal faċilitajiet tal-grilja u tal-ħażna, inkluż il-ħażna termali għandha tkun inkluża f'tali mmappjar.

(2) Iż-żoni inklużi fl-eżerċizzju kkoordinat ta' mmappjar imsemmi fis-subregolament (1), inklużi l-impjanti tal-enerġija rinnovabbli eżistenti u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, għandhom ikunu:

(a) proporzjonati mat-trajettorji stmati u l-kapaċità installata totali ppjanata tat-teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli stabbilita fil-pjanijiet nazzjonali tal-enerġija u l-klima ta' Malta; u

(b) riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ aġġornati b'mod parallel mal-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali tal-enerġija u l-klima ta' Malta.

(3) Għall-finijiet tal-identifikazzjoni taż-żoni msemmija fis-subregolament (1), għandhom jitqiesu b'mod partikolari dawn li ġejjin:

(a) id-disponibbiltà tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-potenzjal għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli tat-tipi differenti ta' teknoloġija fiż-żoni tal-wiċċ tal-art;

(b) id-domanda projettata għall-enerġija, filwaqt li titqies il-flessibbiltà potenzjali tar-rispons attiv għad-domanda, iż-żidiet mistennija fl-effiċjenza u l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija; u

(ċ) id-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-enerġija rilevanti, inklużi grilji, ħażna u għodod oħra ta' flessibilità jew il-potenzjal li tinħoloq jew tiġi aġġornata tali infrastruttura tal-grilja u ħażna.

(4) Il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli għandhom ikunu kompatibbli mal-użi pre-eżistenti taż-żoni msemmija fis-subregolament (1), bl-użi multipli jkunu ffavoriti.

(5) L-awtoritajiet rilevanti kollha u l-awtoritajiet lokali, inklużi l-operaturi tan-network, għandhom jikkontribwixxu għall-eżerċizzju kkoordinat ta' mmappjar imsemmi fis-subregolament (1) u l-aġġornamenti sussegwenti tiegħu msemmija fis-subregolament (2)(1)(b) kif xieraq, fil-limiti tal-funzjonijiet tagħhom kif deskritti fil-mandati legali tagħhom:

Iżda żoni taħt il-wiċċ u tal-baħar jew tal-ilmijiet interni jistgħu, fejn rilevanti, jiġu kkunsidrati għall-inklużjoni f'tali aġġornamenti.

Żoni ta' aċċelerazzjoni ta''sorsi rinnovabbli.

**34.** (1) Żoni msemmija bħala:

(a) Żoni Urbani Prinċipali;

(b) Insedjamenti Urbani Reġjonali;

(ċ) Insedjamenti Urbani Żgħar; u

(d) Ċentri ta' Intrapriżi,

kif identifikati spazjalment fis-Sitt Skeda u stabbiliti fil-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp tal-2015 għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu żoni ta' aċċelerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

(2) L-identifikazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha, bla ħsara għall-esklużjonijiet stabbiliti fis-subregolament (3), tapplika esklussivament għal sistemi fotovoltajċi solari installati fuq uċuh artifiċjali u mibnija, inklużi bjut jew strutturi eżistenti.

(3) L-identifikazzjoni imsemmija fis-subregolament (1) ma għandhiex tapplika għal kwalunkwe bini jew strutturi li:

(a) ġew elenkati jew identifikati bħala bini skedat jew proprjetà skedata taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp; jew Kap. 552.

(b) ġew irrakkomandati għall-iskedar mis-Sovrintendent tal-Wirt Kulturali għar-raġuni li huma kkunsidrati li jikkostitwixxu proprjetà kulturali kif imfisser fl-Att dwar il-Patrimonju Kulturali. Kap. 445.

(4) L-installazzjonijiet rinnovabbli kollha li jiġu installati fiż-żoni elenkati fis-subregolament (1), għandhom jikkonformaw mal-linji gwida u l-istandards applikabbli għal tali installazzjonijiet kif stabbilit fid-dokument dwar il-Policy dwar il-Kontroll tad-Disinn ta' Żvilupp, Gwida u Standard, kif jistgħu jiġu emendati minn żmien għal żmien, jew kif imfissra fl-Ordni dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp. L.S. 552.08.

(5) Il-proċeduri tal-għoti tal-permessi applikabbli għal installazzjonijiet li jinsabu fiż-żoni elenkati fis-subregolament (1), għandhom ikunu soġġetti għall-perjodi ta' żmien stabbiliti fir-regolament 38:

Iżda fejn kwalunkwe dispożizzjoni oħra f'dawn ir-regolamenti tippreskrivi perjodu ta' żmien iqsar, għandu japplika dak il-perjodu ta' żmien iqsar.

(6) Dan ir-regolament għandu jkun bla ħsara għall-identifikazzjoni potenzjali mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' żoni ta' aċċelerazzjoni rinnovabbli, inklużi żoni li jistgħu jkunu

jinsabu lil hinn mill-kosta, maħsuba sabiex ikunu applikabbli għal installazzjonijiet fotovoltajċi solari jew għal teknoloġiji rinnovabbli oħra.

Parteċipazzjoni tal-pubbliku.

L.S. 549.61.

**35.** (1) L-identifikazzjoni taż-żoni ta' aċċelerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli msemmija fir-regolament 34(1), għandha tinkludi l-parteċipazzjoni tal-pubbliku skont ir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika, inkluż l-identifikazzjoni tal-pubbliku affettwat jew li x'aktarx jiġi affettwat.

(2) L-aċċettazzjoni pubblika ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli għandha tiġi promossa permezz ta' parteċipazzjoni diretta u indiretta tal-komunitajiet lokali f'dawk il-proġetti.

Żoni għall-infrastruttura tal-grilja u tal-ħażna meħtieġa sabiex tiġi integrata l-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku.

**36.** (1) Jistgħu jiġu adottati pjan wieħed (1) jew aktar sabiex jiġu identifikati żoni għall-infrastruttura ddedikati għall-iżvilupp ta' proġetti tal-grilja u tal-ħażna li huma meħtieġa sabiex tiġi integrata l-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku, f'każijiet fejn tali żvilupp ma jkunx mistenni li jkollu impatt ambjentali sinifikanti, tali impatt jista' jiġi debitament mitigat jew, fejn tali mitigazzjoni ma tkunx possibbli, isir kumpens għalih.

(2) L-għan taż-żoni msemmija fis-subregolament (1) għandu jkun li jappoġġjaw u jikkumplimentaw iż-żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli.

(3) Il-pjanijiet imsemmija fis-subregolament (1) għandhom:

(a) għal proġetti tal-grilja, jevitaw siti u żoni tan-Natura 2000 u żoni identifikati taħt skemi nazzjonali ta' protezzjoni għall-konservazzjoni tan-natura u l-bijodiversità, sakemm ma jkunx hemm alternattivi proporzjonati għall-użu tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet tas-sit;

(b) għal proġetti ta' ħażna, jeskludu siti tan-Natura 2000 u żoni identifikati taħt skemi nazzjonali ta' protezzjoni;

(ċ) jiżguraw sinerġiji mal-identikazzjoni ta' żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli;

L.S. 549.61.

L.S. 549.44.

(d) ikunu soġġetti għal stima ambjentali strateġika skont ir-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika u, fejn applikabbli, għal evalwazzjoni skont ir-regolament 19 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali;

(e) jistabbilixxu regoli xierqa u proporzjonati, inkluż dwar miżuri proporzjonati ta' mitigazzjoni li għandhom jiġu

adottati għall-iżvilupp ta' proġetti tal-grilja u ta' ħażna sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq l-ambjent li jistgħu jinħolqu jew, fejn ma jkunx possibbli li jiġu evitati tali effetti, sabiex jitnaqqsu b'mod sinifikanti; u

(f) jiġu mfassla wara konsultazzjoni mal-operaturi tas-sistema tal-infrastruttura rilevanti.

(4) Tali proġetti tal-grilja u ta' ħażna li huma meħtieġa sabiex jintegraw l-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku jistgħu, f'ċirkostanzi ġustifikati, inkluż fejn meħtieġ sabiex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli ħalli jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija rinnovabbli, jiġu eżentati minn:

(a) valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont ir-regolament 6(1) tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali; L.S. 549.46.

(b) valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-proġetti tal-grilja u ta' ħażna għas-siti tan-Natura 2000 skont ir-regolament 19 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; u L.S. 549.44.

(ċ) il-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-proġetti tal-grilja u ta' ħażna fuq il-protezzjoni tal-ispeċi skont ir-regolamenti 24 u 25 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, u r-regolament 4(1) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi: L.S. 549.44. L.S. 549.42.

Iżda tali proġetti tal-grilja jew ta' ħażna għandhom ikunu jinsabu f'żona ta' infrastruttura ddedikata identifikata skont is-subregolament (1) u għandhom jikkonformaw mar-regoli stabbiliti, inkluż dwar miżuri proporzjonati ta' mitigazzjoni li għandhom jiġu adottati skont il-paragrafu (e) tas-subregolament (3), b'deroga mir-regolamenti 6(1) u 10(2) tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali u mill-partiti 3.4.1.1, 3.4.2.1 u 10.0.2.7 tal-Iskeda I tal-imsemmija regolamenti u b'deroga mir-regolament 19 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali. L.S. 549.46. L.S. 549.44.

(5) Fejn proġetti tal-grilja u ta' ħażna jkunu jinsabu f'żoni ta' infrastruttura ddedikati u eżentati mill-valutazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (4), huma għandhom ikunu soġġetti għal proċess ta' eżaminazzjoni li għandu jkun ibbażat fuq data eżistenti mill-istima ambjentali strateġika skont ir-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika, filwaqt li l-applikanti tal-proġetti jistgħu jintalbu li jipprovdu informazzjoni addizzjonali disponibbli. L.S. 549.61.

(6) Il-proċess ta' eżaminazzjoni msemmi fis-subregolament (5) għandu jiġi ffinalizzat fi żmien tletin (30) jum mill-bidu tiegħu u għandu jkollu l-għan li jidentifika jekk proġetti għandhomx probabbiltà għolja li jagħtu lok għal effetti negattivi sinifikanti mhux previsti, fid-dawl tas-sensittività ambjentali taż-żoni ġeografiċi fejn jinsabu, liema effetti negattivi ma jkunux ġew identifikati matul il-valutazzjoni ambjentali tal-pjanijiet li jidentifikaw iż-żoni għall-infrastruttura dedikati li jkunu ġew imwettqa skont ir-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika u, fejn rilevanti, skont ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali.

L.S. 549.61.

L.S. 549.44.

(7) Meta l-proċess ta' eżaminazzjoni msemmi fis-subregolament (5) jidentifika proġett bħala wieħed li għandu probabbiltà għolja li jagħti lok għal effetti negattivi sinifikanti mhux previsti kif imsemmi fis-subregolament (6), għandhom jiġu applikati miżuri ta' mitigazzjoni xierqa u proporzjonati, abbażi ta' data eżistenti, sabiex jiġu indirizzati dawk l-effetti.

(8) Fejn ma jkunx possibbli li jiġu applikati l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa skont is-subregolament (7), l-operatur tal-installazzjoni għandu jkun meħtieġ li jadotta miżuri ta' kumpens xierqa sabiex jiġu indirizzati dawk l-effetti li, fejn ma jkunux disponibbli miżuri kompensatorji proporzjonati oħra, jistgħu jieħdu l-forma ta' kumpens fi flus għall-programmi ta' protezzjoni tal-ispeċi, sabiex jiġi żgurat jew imtejjeb l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi affettwati.

(9) Fejn l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku teħtieġ proġett sabiex tissaħħaħ l-infrastruttura tal-grilja kemm f'żoni tal-infrastruttura ddedikati jew lil hinn minnhom, u tali proġett ikun soġġett għal proċess ta' eżami imwettaq skont is-subregolament (5), jew għal determinazzjoni dwar jekk il-proġett jeħtieġx valutazzjoni tal-impatt ambjentali, jew għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont ir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali, tali proċess ta' eżaminazzjoni, determinazzjoni jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali għandu jkun limitat għall-impatt potenzjali li jirriżulta mill-bidla jew l-estensjoni meta mqabbla mal-infrastruttura oriġinali tal-grilja.

L.S. 549.46.

L-organizzazzjoni u l-prinċipji ewlenin tal-proċedura tal-għoti ta' permessi.

**37.** (1) Il-proċedura tal-għoti ta' permessi għandha tkopri l-permessi amministrattivi rilevanti kollha għall-bini, ir-repowering u t-tħaddim ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli, inklużi dawk li jikkombinaw sorsi differenti ta' enerġija rinnovabbli, il-pompi tas-sħana u l-ħażna tal-enerġija kollokata, inklużi faċilitajiet tal-enerġija u termali, kif ukoll l-assi meħtieġa għall-konnessjoni ta' tali impjanti, pompi tas-sħana u ħażna mal-grilja u sabiex tiġi integrata l-enerġija

rinnovabbli fin-networks tat-tisħin u t-tkessiħ, inklużi l-permessi ta' konnessjoni mal-grilja u fejn ikunu meħtieġa, il-valutazzjonijiet ambjentali.

(2) Il-proċedura tal-għoti ta' permessi għandha tinkludi l-istadji amministrattivi kollha, mir-rikonoxximent tal-kompletezza tal-applikazzjoni għall-permess skont is-subregolament (3), sal-avviż tad-deċiżjoni finali dwar l-eżitu tal-proċedura tal-għoti ta' permessi mill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

(3) Kull awtorità rilevanti li hija responsabbli għall-ħruġ ta' kwalunkwe permess amministrattiv assoċjat ma' impjanti tal-enerġija rinnovabbli għandha tirrikonoxxi l-kompletezza tal-applikazzjoni jew, jekk l-applikant ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiġi pproċessata l-applikazzjoni, għandha titlob li l-applikant jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien bla bżonn:

Iżda tali rikonoxximent jew talba, skont il-każ, għandha tingħata fi żmien tletin (30) jum, għall-impjanti tal-enerġija rinnovabbli li jinsabu f'żoni ta' aċċelerazzjoni rinnovabbli, u fi żmien ħamsa u erbgħin (45) jum għall-impjanti tal-enerġija rinnovabbli li jinsabu barra ż-żoni ta' aċċelerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, minn meta tiġi riċevuta applikazzjoni għal permess.

(4) Id-data tar-rikonoxximent tal-kompletezza tal-applikazzjoni mill-awtorità rilevanti għandha tindika l-bidu tal-proċedura tal-għoti ta' permessi.

(5) Struttura *ad hoc* magħmula mill-awtoritajiet rilevanti, li tagħha ir-Regolatur għas-servizzi tal-enerġija u l-awtorità kompetenti għall-ħruġ tal-permessi għall-iżvilupp għandhom ikunu membri permanenti, għandha taġixxi bħala l-punt uniku ta' kuntatt għall-proċedura amministrattiva kollha tal-applikazzjoni u għoti ta' permessi:

Iżda tista' tiġi miżjuda fl-istruttura kwalunkwe awtorità oħra rilevanti kif meħtieġ.

(6) Il-punt ta' kuntatt identifikat skont is-subregolament (5) għandu, fuq talba tal-applikant, jiggwida u jiffaċilita l-proċess lill-applikant matul il-proċeduri amministrattivi kollha tal-applikazzjoni għall-permessi u tal-għoti ta' permessi u l-applikant ma għandux ikun meħtieġ li jikkuntattja aktar minn punt ta' kuntatt wieħed (1) matul il-proċedura kollha.

(7) Il-punt ta' kuntatt identifikat skont is-subregolament (5) għandu jkun ta' gwida għall-applikant fil-proċedura amministrattiva

tal-applikazzjoni għall-permessi, inklużi l-passi li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-ambjent, b'mod trasparenti sal-għoti ta' deċiżjoni waħda (1) jew aktar mill-awtoritajiet kompetenti fi tmiem il-proċedura tal-għoti ta' permessi, jipprovdi lill-applikant bl-informazzjoni kollha meħtieġa u fejn xieraq, jinvolvi awtoritajiet amministrattivi oħra.

(8) Il-punt ta' kuntatt identifikat skont is-subregolament (5) għandu jiżgura li l-iskadenzi għall-proċeduri tal-għoti ta' permessi stabbiliti f'dawn ir-regolamenti jintlaħqu.

(9) L-awtoritajiet rilevanti kollha għandhom jippermettu lill-applikanti li jissottomettu d-dokumenti rilevanti diġitalment, iżda sal-21 ta' Novembru 2025, il-proċeduri kollha għall-għoti ta' permessi msemmija fis-subregolament (1) għandhom isiru f'format elettroniku.

(10) Il-punt ta' kuntatt identifikat skont is-subregolament (5) għandu jipprovdi manwal ta' proċeduri għall-iżviluppaturi ta' impjanti ta' enerġija rinnovabbli u għandu jipprovdi dik l-informazzjoni online, filwaqt li jiġu indirizzati b'mod distint ukoll proġetti ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira, proġetti ta' awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli.

(11) Jekk jiġi identifikat aktar minn punt ta' kuntatt wieħed (1) f'konformità mas-subregolament (5), l-informazzjoni online għandha tindika l-punt ta' kuntatt rilevanti għall-applikazzjoni inkwistjoni.

(12) Kull awtorità rilevanti għandha tiżgura li l-applikanti u l-pubbliku ġenerali jkollhom aċċess faċli għal proċeduri sempliċi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim dwar il-proċedura tal-għoti ta' permessi u l-ħruġ ta' permessi għall-bini u t-tħaddim ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli inkluż, fejn applikabbli, mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim.

(13) L-appelli amministrattivi u ġudizzjarji fil-kuntest ta' proġett għall-iżvilupp ta' impjant tal-enerġija rinnovabbli, il-konnessjoni ta' tali impjant mal-grilja, u l-assi meħtieġa għall-iżvilupp tan-networks tal-infrastruttura tal-enerġija meħtieġa għall-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija, inklużi appelli relatati ma' aspetti ambjentali, għandhom jiġu żgurati li jkunu soġġetti għall-proċedura amministrattiva u ġudizzjarja l-aktar mħaffa li tkun disponibbli.

(14) Kull awtorità rilevanti għandha tqis il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli installata u ppjanata prevista fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ta' Malta sottomessi skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 biex tiżgura li l-persunal tagħha jkun ikkwalifikat kif xieraq u sabiex

tħejji kwalunkwe pjan għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid li jista' jitqies meħtieġ.

(15) Għajr meta jikkoinċidi ma' stadji amministrattivi oħra tal-proċedura għall-għoti ta' permessi, id-durata tal-proċedura għall-għoti ta' permessi ma għandhiex tinkludi:

(a) iż-żmien li fih l-impjanti tal-enerġija rinnovabbli, il-konnessjonijiet mal-grilja tagħhom u bil-ħsieb li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-grilja, l-affidabbiltà u s-sikurezza tal-grilja, iż-żmien li fih ikunu qegħdin jinbnew jew jiġu repowered l-infrastruttura tal-grilja meħtieġa relatata;

(b) iż-żmien għall-istadji amministrattivi meħtieġa għal titjib sinifikanti fil-grilja meħtieġ sabiex jiġu żgurati l-istabbiltà tal-grilja, l-affidabbiltà tal-grilja u s-sikurezza tal-grilja;

(ċ) iż-żmien għal kwalunkwe appelli u rimedji ġudizzjarji, proċeduri oħra quddiem qorti jew tribunal u mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, inklużi proċeduri ta' ilmenti u appelli u rimedji mhux ġudizzjarji.

(16) L-awtoritajiet rilevanti kollha għandhom jipprovdu lill-pubbliku d-deċiżjonijiet li jirriżultaw mill-proċeduri tal-għoti ta' permessi.

Il-proċedura għall-għoti tal-permessi fiż-żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli.

**38.** (1) Il-proċedura għall-għoti ta' permessi msemmija fir-regolament 37 ma għandhiex teċċedi tnax (12)-il xahar għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli f'żona ta' aċċelerazzjoni ta' sorsi rinnovabbli u ma għandhiex teċċedi sentejn (2) għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta f'żona ta' aċċelerazzjoni ta' sorsi rinnovabbli.

(2) Il-perjodi ta' żmien imsemmija fis-subregolament (1) jistgħu, għal raġunijiet ta' ċirkostanzi straordinarji, jiġu estiżi b'massimu ta' sitt (6) xhur

(3) Il-proċedura tal-għoti tal-permessi għal dawn li ġejjin ma għandhiex teċċedi sitt (6) xhur meta jkunu jinsabu f'żona ta' aċċelerazzjoni ta' sorsi rinnovabbli:

(a) ir-repowering ta' implanti ta' enerġija rinnovabbli;

(b) installazzjonijiet ġodda b'kapaċità elettrika ta' inqas minn mija u ħamsin kilowatt (150 kW);

(ċ) ħażna tal-enerġija kolokalizzata, inklużi l-faċilitajiet tal-enerġija u termiċi;

(d) il-konnessjoni mal-grilja ta' dawk kollha hawn fuq imsemmija:

Iżda fejn ġustifikat minħabba ċirkostanzi straordinarji, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'massimu ta' tliet (3) xhur.

(4) Il-proċedura tal-għoti tal-permessi għal proġetti lil hinn mill-kosta tal-enerġija eolika li jinsabu f'żona ta' aċċelerazzjoni rinnovabbli ma għandhiex teċċedi tnax-il (12) xahar:

Iżda fejn ġustifikat minħabba ċirkostanzi straordinarji, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'massimu ta' sitt (6) xhur.

(5) Għall-finijiet tas-subregolamenti (2), (3) u (4), ċirkostanzi straordinarji għandhom jinkludu raġunijiet ta' sikurezza prevalenti fejn il-proġett ta' repowering ikollu impatt sostanzjali fuq il-grilja jew fuq il-kapaċità, id-daqs jew il-prestazzjoni oriġinali tal-installazzjoni, u fejn il-perjodi ta' żmien jiġu estiżi b'dan il-mod, l-awtorità rilevanti għandha tinforma b'mod ċar lill-iżviluppatur tal-proġett dwar iċ-ċirkostanzi straordinarji li jiġġustifikaw tali estensjoni.

(6) Bla ħsara għas-subregolamenti (9) sa (16), b'deroga mir-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali u mill-partiti 3.1.2.1, 10.0.2.7, 3.4.1.1, 3.4.2.1, 10.0.2.2, 3.3.2.1, 3.3.2.2, u 10.0.1.2 u 10.0.2.3 waħedhom jew moqrija flimkien mal-partita 10.0.1.1 tal-Iskeda I tar-regolamenti msemmija, fir-rigward ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli, applikazzjonijiet ġodda għal impjanti tal-enerġija rinnovabbli, inklużi impjanti li jikkombinaw tipi differenti ta' teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli u t-tisħiħ mill-ġdid ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli f'żoni magħżula ta' aċċelerazzjoni rinnovabbli għat-teknoloġija rilevanti u l-ħażna tal-enerġija kollokata, kif ukoll il-konnessjoni ta' tali impjanti u ħażna mal-grilja, għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit li titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali ddedikata skont ir-regolament 6(1) tal-istess regolamenti, diment li dawk il-proġetti jikkonformaw mal-paragrafu (b) tar-regolament 34(2).

L.S.549.46.

(7) Id-deroga msemmija fis-subregolament (6) ma għandhiex tapplika għal proġetti li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent fi Stat Membru ieħor jew fuq talba ta' Stat Membru li x'aktarx jiġi affettwat b'mod sinifikanti, skont ir-regolament 25 tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali.

L.S. 549.46.

L.S.549.44.

(8) B'deroga mir-regolament 19 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, l-impjanti tal-enerġija rinnovabbli msemmija fis-subregolament (6) ma għandhomx ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatti tagħhom fuq is-siti tan-Natura 2000 sakemm dawk il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli ikunu

jikkonformaw mar-regoli u l-miżuri stabbiliti skont il-paragrafu (b) tar-regolament 34(2).

(9) L-awtorità kompetenti rilevanti għandha twettaq proċess għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (6) li għandu jkollu l-għan li jidentifika jekk xi wieħed mill-proġetti tal-enerġija rinnovabbli għandux probabbiltà għolja li jagħti lok għal effetti negattivi sinifikanti mhux previsti fid-dawl tas-sensittività ambjentali taż-żoni ġeografiċi fejn jinsab, li ma jkunux ġew identifikati matul il-valutazzjoni ambjentali tal-pjanijiet li jidentifikaw żoni ta' aċċelerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) tar-regolament 34, imwettqa skont ir-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika u, fejn rilevanti, ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali. L.S. 549.61. L.S. 549.44.

(10) Il-proċess ta' eżaminazzjoni msemmi fis-subregolament (9) għandu wkoll ikollul-għan li jidentifika jekk xi wieħed minn dawn il-proġetti ta' enerġija rinnovabbli jaqax fl-ambitu tar-regolament 25 tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali minħabba l-probabbiltà ta' effetti sinifikanti fuq l-ambjent fi Stat Membru ieħor jew minħabba t-talba ta' Stat Membru li x'aktarx jiġi affettwat b'mod sinifikanti. L.S. 549.46.

(11) Għall-fini tal-proċess ta' eżaminazzjoni msemmi fis-subregolament (9), l-iżviluppatur tal-proġett għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-proġett tal-enerġija rinnovabbli, dwar il-konformità tiegħu mar-regoli u l-miżuri identifikati skont il-paragrafu (b) tar-regolament 34(2), għaż-żona speċifika ta' aċċelerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, dwar kwalunkwe miżura addizzjonali adottata mill-iżviluppatur tal-proġett u dwar kif dawk il-miżuri jindirizzaw l-impatt ambjentali:

Iżda l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jistgħu jitolbu lill-iżviluppatur tal-proġett sabiex jipprovdi informazzjoni addizzjonali disponibbli.

(12) Il-proċess ta' eżaminazzjoni relatat mal-applikazzjonijiet għal impjanti ġodda tal-enerġija rinnovabbli għandu jiġi ffinalizzat fi żmien ħamsa u erbgħin (45) jum mid-data tas-sottomissjoni tal-informazzjoni suffiċjenti meħtieġa għal dak il-għan:

Iżda dan il-perjodu ta' żmien għandu jitnaqqas għal tletin (30) jum fil-każ ta' applikazzjonijiet għal installazzjonijiet b'kapaċità elettrika ta' inqas minn mija u ħamsin kilowatt (150kW) u ta' applikazzjonijiet ġodda għar-repowering ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli.

(13) Wara l-proċess ta' eżaminazzjoni imsemmi fis-subregolament (9), l-applikazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (6) għandhom jiġu awtorizzati minn perspettiva ambjentali mingħajr ma tkun meħtieġa xi deċiżjoni espressa mill-awtorità kompetenti, diment li l-awtorità kompetenti ma tadottax deċiżjoni amministrattiva, li tistabbilixxi raġunijiet dovuti abbażi ta' prova ċara, bl-effett li proġett speċifiku x'aktarx li jagħti lok għal effetti negattivi sinifikanti mhux previsti fid-dawl tas-sensittività ambjentali taż-żona ġeografika fejn jinsab il-proġett li ma jistgħux jiġu mitigati mill-miżuri identifikati fil-pjanijiet li jindikaw żoni ta' aċċelerazzjoni jew proposti mill-iżviluppatur tal-proġett.

(14) Il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli li x'aktarx jagħtu lok għal effetti negattivi sinifikanti mhux previsti msemmija fis-subregolament (13) għandhom ikunu soġġetti għall-valutazzjoni tal-
L.S. 549.46. impatt ambjentali skont ir-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali u jekk applikabbli, għal valutazzjoni skont ir-
L.S. 549.44. Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, li għandha titwettaq fi żmien sitt (6) xhur mid-deċiżjoni amministrattiva li tidentifika probabbiltà għolja ta' effetti negattivi sinifikanti mhux previsti:

Iżda il-perjodu ta' sitt (6) xhur jista', fejn ikun debitament ġustifikat minħabba ċirkostanzi straordinarji, jiġi estiż b'massimu ta' sitt (6) xhur ulterjuri.

(15) Fil-każ ta' ċirkostanzi ġustifikati, inkluż fejn meħtieġ sabiex jiġi aċċellerat l-użu tal-enerġija rinnovabbli sabiex jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija rinnovabbli, proġetti fotovoltajċi tar-riħ u tax-xemx jistgħu, bla ħsara għas-subregolament (16), jiġu eżentati mill-valutazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (14).

(16) Fejn proġetti tar-riħ u tax-xemx fotovoltajċi huma eżentati mill-valutazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (14), l-operatur għandu jadotta miżuri ta' mitigazzjoni proporzjonati jew, fejn tali miżuri ta' mitigazzjoni ma jkunux disponibbli, miżuri kompensatorji, proporzjonati oħra, u fin-nuqqas ta' dawn tal-aħħar, kumpens fi flus, sabiex jindirizzaw kwalunkwe effetti negattivi:

Iżda fejn dawk l-effetti negattivi jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tal-ispeċi, l-operatur għandu jħallas kumpens fi flus għal programmi ta' protezzjoni tal-ispeċi għat-tul ta' żmien tal-operat tal-impjant tal-enerġija rinnovabbli sabiex jiżgura jew itejjeb l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi affettwati.

(17) Fil-proċedura tal-għoti tal-permessi msemmija fis-subregolamenti (1) sa (5), in-nuqqas ta' risposta minn kwalunkwe

awtorità kompetenti rilevanti fiż-żmien stabbilit għandu jirriżulta fil-fatt li l-passi amministrattivi intermedji relevanti jitqiesu bħala approvati, iżda unikament fejn l-approvazzjoni amministrattiva taċita tkun provduta minn dik l-awtorità kompetenti għal dik il-parti tal-proċedura tal-għoti tal-permessi:

Iżda l-approvazzjoni taċita fl-ebda każ ma għandha tkun applikabbli fejn il-proġett speċifiku ta' enerġija rinnovabbli jkun soġġett għall-valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont is-subregolamenti (13) u (14) u barra minn hekk ma għandhiex tapplika għal deċiżjonijiet finali dwar l-eżitu tal-proċedura tal-għoti tal-permessi, li għandhom ikunu espliċiti.

(18) Id-deċiżjonijiet relatati mal-proċedura tal-għoti tal-permessi msemmija fis-subregolamenti (13) u (17) għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Il-proċedura tal-għoti ta' permessi barra miż-żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli.

**39.** (1) Il-proċedura tal-għoti ta' permessi msemmija fir-regolament 37(1) ma għandhiex teċċedi s-sentejn (2) għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli li jinsabu barra ż-żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli iżda fil-każ ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-proċedura għall-għoti ta' permessi ma għandhiex teċċedi tliet (3) snin.

(2) Il-perjodi ta' żmien imsemmija fis-subregolament (1) għandhom ikunu soġġetti għall-konformità mill-iżviluppatur tal-proġett ma' perjodi ta' żmien raġonevoli stabbiliti minn kull awtorità rilevanti għas-sottomissjoni ta' kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa iżda, fejn ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' ċirkostanzi straordinarji, inkluż fejn tkun meħtieġa l-estensjoni ta' perjodi għal valutazzjonijiet skont il-leġiżlazzjoni ambjentali applikabbli tal-Unjoni, kwalunkwe minn dawk il-perjodi jista' jiġi estiż sa massimu ta' sitt (6) xhur, u f'tali każ l-iżviluppatur tal-proġett għandu jiġi infurmat b'mod ċar dwar iċ-ċirkostanzi straordinarji li jiġġustifikaw tali estensjoni.

(3) Meta tkun meħtieġa valutazzjoni ambjentali skont ir-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali jew ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u l-Ambjenti Naturali bħala parti mill-proċedura tal-għoti ta' permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli li jinsabu barra ż-żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli, din għandha titwettaq fi proċedura waħda li tikkombina l-valutazzjonijiet rilevanti kollha għall-proġett partikolari tal-enerġija rinnovabbli, u l-awtorità rilevanti b'qies għall-informazzjoni pprovduta mill-iżviluppatur tal-proġett, għandha toħroġ opinjoni dwar l-ambitu u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża mill-iżviluppatur tal-proġett fir-rapport tal-

L.S. 549.46.

L.S. 549.44.

valutazzjoni tal-impatt ambjentali, li l-ambitu tiegħu ma għandux jiġi sussegwentement estiż.

(4) Meta proġett tal-enerġija rinnovabbli jkun adotta l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, kwalunkwe qtil jew disturb tal-ispeċi protetti skont ir-regolamenti 24 u 25 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, u r-regolament 4(1) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi ma għandux jitqies bħala intenzjonat.

L.S. 549.44.

L.S. 549.42.

(5) Fejn kwalunkwe miżuri ġodda ta' mitigazzjoni sabiex jipprevjenu, safejn ikun possibbli, il-qtil jew it-tfixkil ta' speċi protetti taħt ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ħabitats Naturali u r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, jew sabiex jipprevjenu kwalunkwe impatt ambjentali ieħor, ma jkunux ġew ittestjati b'mod wiesgħa fir-rigward tal-effettività tagħhom, l-użu tagħhom jista' jkun permess għal proġett pilota wieħed (1) jew għal diversi proġetti pilota għal perjodu ta' żmien limitat, diment li l-effettività ta' tali miżuri ta' mitigazzjoni tiġi sorveljata mill-qrib u jittieħdu minnufih passi xierqa jekk ma jirriżultawx li huma effettivi.

L.S. 549.44.

L.S. 549.42.

(6) Il-proċedura għall-għoti ta' permessi ma għandhiex teċċedi tnax (12)-il xahar għall-proġetti fuq l-art jew sentejn (2) għall-proġetti lil hinn mill-kosta għat-tipi ta' proġetti li ġejjin, meta jkunu jinsabu barra ż-żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli:

(a) ir-repowering ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli;

(b) installazzjonijiet ġodda b'kapaċità elettrika ta' inqas minn mija u ħamsin kilowatt (150 kW);

(ċ) il-ħażna tal-enerġija kollokata;

(d) il-konnessjoni mal-grilja għall-proġetti deskritti fil-paragrafi (a) sa (ċ).

(7) Il-perjodi ta' żmien stabbiliti fis-subregolament (6) għandhom jinkludu kwalunkwe valutazzjoni ambjentali li tista' tkun meħtieġa mil-liġi rilevanti u kwalunkwe wieħed minnhom jista', fejn debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' ċirkostanzi straordinarji, jiġi estiż sa massimu ta' (3) tliet xhur kemm-il darba l-iżviluppatur tal-proġett jiġi nfurmat b'mod ċar dwar iċ-ċirkostanzi straordinarji li jiġġustifikaw tali estensjoni.

Aċċelerazzjoni tal-proċedura għall-għoti ta' permessi għal repowering.

**40.** (1) Fejn ir-repowering ta' impjant tal-enerġija rinnovabbli ma jirriżultax f'żieda fil-kapaċità tal-imsemmi impjant tal-enerġija rinnovabbli ta'aktar minn ħmistax fil-mija (15%), u bla ħsara

għal kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt ambjentali potenzjali meħtieġa skont is-subregolamenti (2) u (3), il-perjodu ta' żmien applikabbli għall-għoti tal-konnessjonijiet mal-grilja tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni ma għandux jeċċedi t-tliet (3) xhur min-notifika lill-awtorità rilevanti, sakemm ma jkunx hemm tħassib ġustifikat dwar is-sikurezza jew inkompatibbiltà teknika tal-komponenti tas-sistema.

(2) Fejn ir-repowering ta' impjant tal-enerġija rinnovabbli jkun soġġett għall-proċess ta' eżaminazzjoni previst fir-regolament 38(9), għal determinazzjoni dwar jekk il-proġett jeħtieġx valutazzjoni tal-impatt ambjentali, jew għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont ir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali, tali determinazzjoni jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali għandha tkun limitata għall-impatt potenzjali li jirriżulta minn bidla jew estensjoni mqabbla mal-proġett oriġinali. L.S. 549.46.

(3) Fejn ir-repowering ta' installazzjonijiet solari ma jinvolvix l-użu ta' spazju addizzjonali u jkun konformi mal-miżuri ta' mitigazzjoni ambjentali applikabbli stabbiliti għall-installazzjoni solari oriġinali, il-proġett għandu jiġi eżentat minn kwalunkwe rekwiżit applikabbli sabiex isir proċess ta' eżaminazzjoni previst fir-regolament 38(9), sabiex jiġi ddeterminat jekk il-proġett jirrikjedix valutazzjoni tal-impatt ambjentali, jew it-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont ir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali. L.S. 549.46.

Il-proċedura tal-għoti ta' permessi għall-installazzjoni ta' tagħmir tal-enerġija solari.

**41.** (1) L-awtoritajiet rilevanti għandhom jiżguraw li l-proċedura għall-għoti ta' permessi msemmija fir-regolament 37 għall-installazzjoni ta' tagħmir tal-enerġija solari u l-ħażna tal-enerġija kolokallizata, inklużi installazzjonijiet solari integrati fil-bini, fi strutturi artifiċjali eżistenti jew futuri, bl-esklużjoni ta' uċuh tal-ilma artifiċjali, ma għandhiex teċċedi tliet (3) xhur, sakemm l-għan primarju ta' tali strutturi artifiċjali ma jkunx il-produzzjoni tal-enerġija solari jew il-ħażna tal-enerġija.

(2) Ċerti żoni jew strutturi jistgħu jiġu esklużi mill-applikazzjoni tal-perjodu ta' żmien stabbilit fis-subregolament (1) għall-fini tal-protezzjoni tal-wirt kulturali jew storiku, l-interessi nazzjonali tad-difiża, jew għal raġunijiet ta' sigurtà.

(3) B'deroga mir-regolament 10(2) u mill-partiti 3.1.2.1, 3.4.2.1 u 10.0.2.7 tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali meħuda waħedhom jew moqrija flimkien mal-partita 13.0.1.1 tal-Iskeda I li tinsab mal-imsemmija regolamenti, l-installazzjoni ta' tagħmir solari msemmi fis-subregolament (1) għandha tkun eżentata mir-rekwiżit, jekk applikabbli, li titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali ddedikata skont ir-regolament 6(1) tal-istess regolamenti. L.S. 549.46.

(4) L-awtoritajiet rilevanti għandhom jiżguraw li l-proċedura tal-għoti ta' permessi għall-installazzjoni ta' tagħmir tal-enerġija solari b'kapaċità ta' mitt kilowatt (100kW) jew inqas, inkluż għall-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, ma għandhiex teċċedi xahar (1).

(5) Fir-rigward tal-proċedura tal-għoti ta' permessi msemmija fis-subregolament (4), in-nuqqas ta' risposta mill-awtoritajiet jew l-entitajiet rilevanti sal-iskadenza stabbilita wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta għandu jfisser li l-permess jiġi meqjus bħala mogħti, sakemm il-kapaċità tat-tagħmir tal-enerġija solari ma teċċedix il-kapaċità eżistenti tal-konnessjoni mal-grilja tad-distribuzzjoni.

(6) Meta l-applikazzjoni tal-limitu tal-kapaċità msemmija fis-subregolament (4) twassal għal piż amministrattiv sinifikanti jew għal restrizzjonijiet fuq l-operat tal-grilja tal-elettriku, jista' jiġi applikat limitu aktar baxx fuq il-kapaċità li, fil-każijiet kollha, għandu jibqa' 'l fuq minn għaxra punt tmienja kilowatts (10.8kW).

Il-proċedura tal-għoti ta' permessi għall-installazzjoni tal-pompi tas-sħana.

**42.** (1) L-awtoritajiet rilevanti għandhom jiżguraw li kwalunkwe proċedura tal-għoti ta' permessi li tista' tkun applikabbli għall-installazzjoni ta' pompi tas-sħana taħt il-ħamsin megawatt (50 MW) ma għandhiex teċċedi xahar (1), iżda fil-każ ta' pompi tas-sħana ġeotermika, kwalunkwe proċedura applikabbli tal-għoti ta' permessi ma għandhiex teċċedi tliet (3) xhur.

(2) L-awtoritajiet rilevanti għandhom jiżguraw li l-konnessjonijiet mal-grilja tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni għandhom ikunu permessi fi żmien ġimagħtejn (2) mill-avviż lill-awtorità rilevanti għal:

(a) pompi tas-sħana b'kapaċità elettrika sa tnax-il kilowatt (12kW); u

(b) pompi tas-sħana b'kapaċità elettrika sa ħamsin kilowatt (50kW) installati minn awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, sakemm il-kapaċità elettrika tal-installazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli tal-awtokonsumatur ta' sorsi rinnovabbli tammonta mill-inqas għal sittin fil-mija (60%) tal-kapaċità elettrika tal-pompa tas-sħana.

(3) Il-perjodu ta' żmien stabbilit fis-subregolament (2) ma għandux ikun applikabbli meta:

(a) jkun hemm tħassib ġustifikat dwar is-sigurtà; jew

(b) jkunu meħtieġa aktar xogħlijiet għall-konnessjonijiet mal-grilja; jew

(ċ) jkun hemm inkompatibbiltà teknika tal-komponenti tas-sistema.

(4) L-awtoritajiet rilevanti jistgħu jeskludu ċerti żoni jew strutturi mill-applikazzjoni tas-subregolamenti (1) u (2) għall-fini tal-protezzjoni tal-wirt kulturali jew storiku, l-interessi nazzjonali tad-difiża jew għal raġunijiet ta' sigurtà.

(5) L-awtoritajiet rilevanti għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-pubbiku d-deċiżjonijiet kollha li jirriżultaw mill-proċedura tal-għoti ta' permessi msemmija f'dan ir-regolament skont kwalunkwe liġi applikabbli.

Interess pubbliku prevalenti.

**43.** (1) Sakemm tinkiseb in-newtralità fil-klima l-awtoritajiet rilevanti għandhom jiżguraw li, fil-proċedura tal-għoti tal-permessi, l-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-operat ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli, il-konnessjoni ta' tali impjanti mal-grilja, il-grilja relatata nnifisha u l-assi tal-ħażna jkunu preżunti li huma fl-interess pubbliku prevalenti u li jservu s-saħħa u s-sigurtà pubblika meta jibbilanċjaw l-interessi legali f'każijiet individwali għall-finijiet tar-regolamenti 19(2), (3) u 44(ċ) tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, ir-regolament 5(7) tar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal-Ilma, u l-paragrafi (a) sa (d) tar-regolament 9(1) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

L.S. 549.44.

L.S. 549.100.

L.S. 549.42.

(2) F'ċirkostanzi debitament ġustifikati u speċifiċi, l-applikazzjoni tas-subregolament (1) tista' tkun ristretta għal ċerti partijiet tat-territorju Malti, għal ċerti tipi ta' teknoloġija jew għal proġetti b'ċerti karatteristiċi tekniċi skont il-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ta' Malta sottomessi skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, kemm-il darba l-Kummissjoni tkun infurmata b'dawn ir-restrizzjonijiet, flimkien mar-raġunijiet għall-istess.

Proċedura b'notifika sempliċi għall-konnessjonijiet mal-grilja.

**44.** (1) Ir-Regolatur għandu jistabbilixxi proċedura ta' notifika sempliċi għal konnessjonijiet mal-grilja li permezz tagħha l-installazzjonijiet jew l-unitajiet ta' produzzjoni aggregati ta' awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u proġetti ta' dimostrazzjoni, b'kapaċità elettrika ta' għaxra punt tmienja kilowatts (10.8 kW) jew inqas, jew ta' kapaċità li hija ekwivalenti għaliha għal konnessjonijiet għajr dawk bi tliet fażijiet, għandhom jiġu konnessi mal-grilja wara notifika lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(2) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', għall-perjodu ta' żmien limitat wara n-notifika msemmija fis-subregolament (1), jiċħad il-punt ta' konnessjoni mal-grilja mitlub jew jipproponi

punt ta' konnessjoni mal-grilja alternattiv għal raġunijiet ġustifikati ta' tħassib dwar is-sikurezza jew l-inkompatibbiltà teknika tal-komponenti tas-sistema:

Iżda f'każ ta' deċiżjoni pożittiva mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, jew fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fi żmien xahar (1) min-notifika l-installazzjoni jew l-unità ta' produzzjoni aggregata tista' tiġi konnessa.

(3) Ir-Regolatur jista' jippermetti proċedura ta' notifika sempliċi għal installazzjonijiet jew unitajiet ta' produzzjoni aggregati b'kapaċità elettrika ta' aktar minn għaxra punt tmienja kilowatts (10.8kW) u sa ħamsin kilowatt (50 kW), sakemm jinżammu l-istabbiltà tal-grilja, l-affidabbiltà tal-grilja u s-sikurezza tal-grilja.

Aċċess għall-grilji u t-tħaddim tagħhom.

L.S. 545.12.

**45.** (1) Fejn huwa rilevanti, ir-Regolatur għandu jeħtieġ li l-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni f'Malta jippubblikaw regoli tekniċi skont ir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali, b'mod partikolari rigward ir-regoli tal-konnessjoni man-network li jinkludu r-rekwiżiti dwar il-kwalità tal-gass, l-odorazzjoni tal-gass u l-pressjoni tal-gass.

(2) Ir-Regolatur għandu jeħtieġ lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' sistemi ta' distribuzzjoni li jippubblikaw it-tariffi ta' konnessjoni sabiex issir il-konnessjoni tal-gass minn sorsi rinnovabbli bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

(3) Kif soġġett għall-valutazzjoni inkluża fil-pjanijiet nazzjonali integrati tal-enerġija u l-klima ppreżentati skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u skont l-Anness I tal-istess Regolament dwar il-ħtieġa li tinbena infrastruttura ġdida għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali minn sorsi rinnovabbli sabiex tintlaħaq il-mira ġenerali tal-Unjoni msemmija fir-regolament 3(1), il-Ministru għandu, fejn rilevanti, jieħu l-passi meħtieġa bil-ħsieb li jiżviluppa infrastruttura effiċjenti għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali sabiex jippromwovi t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli, bħall-enerġija termali solari, l-enerġija fotovoltajka solari, pompi tas-sħana mħaddma minn elettriku rinnovabbli li jużaw enerġija ambjentali u enerġija ġeotermali, teknoloġija oħra tal-enerġija ġeotermali, bijomassa, bijogass, bijolikwidi u sħana u kesħa mormija, fejn possibbli flimkien mal-ħażna tal-enerġija termali, sistemi ta' rispons għad-domanda u installazzjonijiet li jikkonvertu l-elettriku fi sħana.

L-iffaċilitar tal-integrazzjoni tas-sistema tal-elettriku rinnovabbli.

L.S. 545.34.

**46.** (1) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni maħtur skont ir-regolament 27 tar-Regolamenti dwar l-Elettriku għandu jrendi disponibbli d-data dwar is-sehem tal-elettriku rinnovabbli u l-kontenut tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-elettriku fornut bl-aktar mod

preċiż possibbli f'intervalli ta' mhux aktar minn siegħa (1), bit-tbassir fejn disponibbli.

(2) Il-Ministru għandu jipprovdi inċentivi għal aġġornamenti fil-grilji intelliġenti għal monitoraġġ aħjar tal-bilanċ tal-grilji u sabiex id-data tkun disponibbli f'ħin reali.

(3) Fejn dan ikun teknikament disponibbli, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu wkoll irendi disponibbli data anonimizzata u aggregata dwar il-potenzjal tar-rispons għad-domanda u l-elettriku rinnovabbli ġġenerat u injettat fil-grilja minn awtokonsumaturi u komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli.

(4) Id-data msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun disponibbli diġitalment b'mod li jiżgura l-interoperabbiltà abbażi ta' formati ta' data armonizzati u settijiet ta' data standardizzati sabiex tkun tista' tintuża b'mod mhux diskriminatorju minn parteċipanti fis-suq tal-elettriku, aggregaturi, konsumaturi u utenti finali, u li tkun tista' tinqara minn apparati ta' komunikazzjoni elettronika bħal sistemi ta' kejl intelliġenti, punti ta' ċċarġjar ta' vetturi elettriċi, sistemi ta' tisħin u tkessiħ u sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija tal-bini.

(5) Minbarra r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (UE) 2023/1804, il-punti ta' ċċarġjar b'enerġija normali mhux aċċessibbli għall-pubbliku li huma ġodda jew li qegħdin jiġu sostitwiti għandhom jappoġġjaw funzjonalitajiet ta' ċċarġjar intelliġenti u, fejn xieraq, l-interfaċċja ma' sistemi ta' kejl intelliġenti, u funzjonalitajiet ta' ċċarġjar bidirezzjonali skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 15(3) u (4) tal-imsemmi Regolament.

(6) Minbarra r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (UE) 2019/943 u r-Regolamenti dwar l-Elettriku, sistemi żgħar jew mobbli bħal batteriji domestiċi u vetturi elettriċi u sorsi oħra ta' enerġija żgħar u deċentralizzati għandhom ikunu intitolati li jipparteċipaw fis-swieq tal-elettriku, inkluż il-ġestjoni tal-konġestjoni u l-provvista ta' servizzi ta' flessibbiltà u bbilanċjar, inkluż permezz tal-aggregazzjoni: L.S. 543.34.

Iżda għal dan il-għan, il-Ministru b'kooperazzjoni mal-parteċipanti fis-suq u awtoritajiet regolatorji, għandu jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għall-parteċipazzjoni fis-swieq tal-elettriku, abbażi tal-karatteristiċi tekniċi ta' dawk is-sistemi:

Iżda wkoll dan għandu jkun bla ħsara għall-eżerċizzju minn Malta tad-derogi mill-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

(7) Għandhom jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwi u parteċipazzjoni mhux diskriminatorja fis-swieq tal-elettriku għal assi

tal-enerġija żgħar u deċentralizzati jew sistemi mobbli.

(8) Dan ir-regolament għandu japplika bla ħsara għad-dritt ta' Malta li teżerċita d-derogi mogħtija skont l-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

Il-valutazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għall-iskjerament tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

L.S. 545.34.

**47.** (1) L-iskjerament tal-elettriku rinnovabbli għal livell li huwa konsistenti mal-kontribut ta' Malta għall-miri tal-Unjoni u b'pass li huwa konsistenti mat-trajettorji indikattivi msemmija fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1999, għandu, bla ħsara għall-eżerċizzju minn Malta tad-derogi mill-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva (UE) 2019/944, ikun possibbli permezz tal-applikabbiltà tar-regolament 54A tar-Regolamenti dwar l-Elettriku li għandu, kif soġġett għall-kondizzjonijiet stipulatifih, jipprovdi għax-xiri tal-elettriku rinnovabbli kollu prodott f'Malta u esportat lejn il-grilja.

(2) Is-sommarju tal-politiki u l-miżuri li jindirizzaw l-ostakli għal livell għoli ta' provvista ta' elettriku rinnovabbli, inklużi dawk relatati mal-proċeduri tal-għoti tal-permessi u mal-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa għat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-ħażna, inkluż il-ħażna tal-enerġija kollokata, fejn tali ostakli ma humiex assoċjati mal-eżerċizzju tad-derogi msemmija fis-subregolament (1), flimkien ma' valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom, għandu jiġi inkluż fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ppreżentati skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u fir-rapporti nazzjonali integrati dwar il-progress dwar l-enerġija u l-klima ppreżentati skont l-Artikolu 17 tal-imsemmi Regolament.

(3) Il-politiki u l-miżuri msemmija fis-subregolament (2) għandhom iqisu l-elettriku rinnovabbli addizzjonali meħtieġ sabiex jissodisfa d-domanda fis-setturi tat-trasport, tal-industrija, tal-bini u tat-tisħin u t-tkessiħ u għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.

(4) Abbażi tal-eżitu tal-valutazzjonijiet relattivi ta' kwalunkwe ostakli regolatorji u amministrattivi eżistenti għall-ftehimiet dwar ix-xiri ta' enerġija rinnovabbli fit-tul, fejn tali ostakli regolatorji u amministrattivi huma indipendenti mill-eżerċizzju ta' Malta tad-derogi mill-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva (UE) 2019/944 il-Ministru għandu, bla ħsara għall-eżerċizzju kontinwu ta' tali derogi, ineħħi ostakli mhux ġustifikati għal, u jippromwovi l-adozzjoni ta' tali ftehimiet, inkluż billi jesplora kif jitnaqqsu r-riskji finanzjarji assoċjati magħhom, b'mod partikolari billi juża garanziji ta' kreditu:

L.S. 545.34.

Iżda għat-tul ta' żmien li matulu jissussisti l-eżerċizzju ta' tali derogi, ir-regolament 54A tar-Regolamenti dwar l-Elettriku għandu jkompli japplika għax-xiri tal-elettriku rinnovabbli kollu

prodott f'Malta u esportat lejn il-grilja, kif soġġett għall-kondizzjonijiet stipulatifih.

(5) Il-ftehimiet imsemmija fis-subregolament (4) ma għandhomx ikunu soġġetti għal proċeduri jew ħlasijiet sproporzjonati jew diskriminatorji u kwalunkwe garanzija tal-oriġini assoċjata għandha tkun trasferibbli lix-xerrej tal-enerġija rinnovabbli skont il-ftehim tax-xiri tal-enerġija rinnovabbli.

(6) Kwalunkwe politiki u miżuri li jippromwovu l-adozzjoni ta-ftehimiet ta' xiri ta' enerġija rinnovabbli msemmija fis-subregolament (4) għandhom jiġu deskritti fil-pjanijiet nazzjonali integrati tal-enerġija u l-klima ta' Malta ppreżentati skont l-Artikoli 3 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u r-rapporti nazzjonali integrati tal-progress dwar l-enerġija u l-klima ppreżentati skont l-Artikolu 17 tal-imsemmi Regolament.

(7) Ir-rapporti ta' progress imsemmija fis-subregolament (6) għandhom jipprovdu wkoll indikazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli li hija sostnuta minn ftehimiet ta' xiri ta' enerġija rinnovabbli.

(8) Is-subregolamenti (4) u (5) għandhom ikunu bla ħsara għall-eżerċizzju tad-derogi mogħtija skont l-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

## TAQSIMA VI
Mixxellanji

Penali amministrattivi.

**48.** (1) Ir-Regolatur jista' jimponi penali amministrattiva fuq kwalunkwe persuna li tikser kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew li tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe direttiva jew deċiżjoni mogħtija mir-Regolatur sabiex jiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Penali amministrattiva imposta taħt is-subregolament (1) ma għandhiex teċċedi mitt elf euro (€100,000) għal kull ksur.

(3) Penali amministrattiva imposta taħt is-subregolament (1) għandha ssegwi l-proċeduri applikabbi għaliha skont l-artikolu 13 tal-Att u kwalunkwe appell minnha għandu jsir skont il-Parti VI tal-Att.

Tħassir u riżervi.
L.S. 545.35.

**49.** (1) Ir-Regolamenti dwar il-Promozzjoni ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħthom.

(2) Mad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, il-kliem u l-frażijiet imsemmija fit-tielet kolonna tas-Seba' Skeda, liema kliem u

frażijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet speċifikati fit-tieni kolonna tal-istess Skeda, liema dispożizzjonijiet jinsabu fil-liġijiet imsemmija fl-ewwel kolonna tal-istess Skeda, għandhom jiġu emendati skont l-emendi msemmija fir-raba' kolonna ta' dik l-Iskeda.

**L-EWWEL SKEDA**
**(regolament 6)**

**REGOLA TA' NORMALIZZAZZJONI GĦALL-IKKALKULAR TA' ELETTRIKU ĠĠENERAT MILL-IDROENERĠIJA U MILL-ENERĠIJA EOLIKA (MIR-RIĦ)**

Ir-regola li ġejja għandha tkun applikata għall-finijiet tal-ikkalkular ta' elettriku ġġenerat mill-idroenerġija:

$$Q_{N(norm)} = C_N \times \left[ \sum_{i=N-14}^{N} \frac{Q_i}{C_i} \right] /15$$

fejn:

| | | |
|---|---|---|
| N | = | is-sena ta' referenza; |
| $Q_{N(norm)}$ | = | l-elettriku normalizzat iġġenerat mill-impjanti kollha tal-idroenerġija fis-sena N, għal finijiet ta' kontabbiltà; |
| $Q_i$ | = | il-kwantità ta' elettriku li fil-fatt tiġi ġġenerata fis-sena i mill-impjanti kollha tal-idroenerġija mkejla f'GWh, minbarra l-produzzjoni minn sistema ta' ħażna bl-ippumpjar mill-ilma li qabel kien ippumpjat 'il fuq; |
| $C_i$ | = | il-kapaċità installata totali, il-kwantità netta tal-ħażna bl-ippumpjar, tal-impjanti kollha tal-idroenerġija fi tmiem is-sena i, imkejla f'MW. |

Ir-regola li ġejja għandha tkun applikata għall-finijiet tal-kalkolu tal-elettriku ġġenerat bl-enerġija mir-riħ fuq l-art:

$$Q_{N(norm)} = \frac{C_N + C_{N-1}}{2} \times \frac{\sum_{i=N-n}^{N} Q_i}{\sum_{j=N-n}^{N} \frac{C_j + C_{j-1}}{2}}$$

fejn:

| | | |
|---|---|---|
| N | = | is-sena ta' referenza; |
| $Q_{N(norm)}$ | = | l-elettriku normalizzat iġġenerat mill-impjanti kollha tal-enerġija mir-riħ fuq l-art fis-sena N, għal finijiet ta' kontabbiltà; |
| $Q_i$ | = | il-kwantità ta' elettriku fil-fatt iġġenerata fis-sena i mill-impjanti kollha tal-enerġija mir-riħ fuq l-art mkejla f'GWh; |
| $C_j$ | = | il-kapaċità installata totali tal-impjanti kollha tal-enerġija mir-riħ fuq l-art fi tmiem is-sena j, imkejla f'MW; |
| n | = | 4 snin, jew in-numru ta' snin qabel is-sena N li għalihom hemm disponibbli informazzjoni dwar kapaċità u produzzjoni, skont liema wieħed hu l-inqas. |

Ir-regola li ġejja għandha tkun applikata għall-finijiet tal-kalkolu tal-elettriku ġġenerat bl-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta:

$$Q_{N(norm)} = \frac{C_N + C_{N-1}}{2} \times \frac{\sum_{i=N-n}^{N} Q_i}{\sum_{j=N-n}^{N} \frac{C_j + C_{j-1}}{2}}$$

fejn:

| | | |
|---|---|---|
| N | = | is-sena ta' referenza; |
| $Q_{N(norm)}$ | = | l-elettriku normalizzat iġġenerat mill-impjanti kollha tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta fis-sena N, għal finijiet ta' kontabbiltà; |
| $Q_i$ | = | il-kwantità ta' elettriku fil-fatt iġġenerata fis-sena i mill-impjanti kollha ta' tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta mkejla f'GWh; |
| $C_j$ | = | il-kapaċità installata totali tal-impjanti kollha tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta fi tmiem is-sena j, imkejla f'MW; |
| n | = | 4 snin, jew in-numru ta' snin qabel is-sena N li għalihom hemm disponibbli informazzjoni dwar kapaċità u produzzjoni, skont liema wieħed hu l-inqas. |

## IT-TIENI SKEDA
## (regolament 7)

## KONTABBILTÀ TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI UŻATA GĦAT-TISĦIN U T-TKESSIĦ

### PARTI A: KONTABBILTÀ TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI MILL-POMPI TAS-SĦANA UŻATI GĦAT-TISĦIN

L-ammont tal-enerġija aerotermali, ġeotermali jew idrotermali maqbuda mill-pompi tas-sħana li għandu jiġi kkunsidrat bħala enerġija rinnovabbli għall-finijiet ta' din id-Direttiva, $E_{RES}$, għandu jiġi kkalkolat skont il-formula li ġejja:

$E_{RES} = Q_{usable} * (1 – 1/SPF)$

Fejn:

| | | | |
|---|---|---|---|
| — | $Q_{usable}$ | = | is-sħana totali utilizzabbli stmata pprovduta mill-pompi tas-sħana li jissodisfaw il-kriterji msemmija fir-regolament 7, implimentati kif ġej: Għandhom jitqiesu biss il-pompi tas-sħana li għalihom SPF > 1.15 * 1/η, |
| — | SPF | = | il-fattur tal-prestazzjoni staġunali medja stmata għal dawk il-pompi tas-sħana, |
| — | η | = | il-proporzjon bejn il-produzzjoni grossa totali ta' elettriku u l-konsum ta' enerġija primarja għall-produzzjoni tal-elettriku u għandha tiġi kkalkulata bħala medja tal-UE bbażata fuq id-*data* tal-Eurostat. |

### PARTI B: KONTABBILTÀ TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI UŻATA GĦAT-TKESSIĦ

#### Taqsima 1
#### TIFSIR

Meta tiġi kkalkolata l-enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiħ, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

(1) “tkessiħ” tfisser l-estrazzjoni tas-sħana minn spazju magħluq jew fuq ġewwa (applikazzjoni ta' kumditià) jew minn proċess sabiex it-temperatura tal-ispazju jew tal-proċess titnaqqas jew tinżamm f’temperatura speċifikata (punt stabbilit); għas-sistemi tat-tkessiħ, is-sħana estratta tiġi mormija u assorbita mill-arja ambjentali, mill-ilma ambjentali jew mill-art, fejn l-ambjent (l-arja, l-art, u l-ilma) jipprovdi bir għas-sħana estratta u għalhekk jaħdem bħala sors kiesaħ;

(2) “sistema tat-tkessiħ” tfisser assemblaġġ ta' komponenti li jikkonsistu f’sistema ta' estrazzjoni tas-sħana, apparat tat-tkessiħ wieħed jew aktar u sistema ta' rimi tas-sħana, ikkumplimentati fil-każ tat-tkessiħ attiv b’mezz tat-tkessiħ fil-forma ta' fluwidu, li jaħdmu flimkien biex jiġġeneraw trasferiment tas-sħana speċifikat u, b’hekk, jiżguraw temperatura meħtieġa;

(a) għat-tkessiħ tal-ispazju, is-sistema tat-tkessiħ tista' tkun sistema tat-tkessiħ liberu jew sistema tat-tkessiħ li tinkorpora ġeneratur tat-tkessiħ, u li għaliha t-tkessiħ huwa waħda mill-funzjonijiet primarji;

(b) għat-tkessiħ tal-proċess, is-sistema tat-tkessiħ qed tinkorpora ġeneratur tat-tkessiħ, u li t-tkessiħ tiegħu huwa waħda mill-funzjonijiet primarji;

(3) “tkessiħ liberu” tfisser sistema tat-tkessiħ li tuża sors tat-tkessiħ naturali sabiex toħroġ is-sħana mill-ispazju jew mill-proċess li għandha titkessaħ permezz ta' trasportazzjoni ta' fluwidu(i) b’pompa(i) u/jew fann(ijiet) u li ma teħtieġx l-użu ta' ġeneratur tat-tkessiħ;
(4) “ġeneratur tat-tkessiħ” tfisser il-parti ta' sistema tat-tkessiħ li tiġġenera differenza fit-temperatura li tippermetti l-estrazzjoni tas-sħana mill-ispazju jew mill-proċess li jrid jiġi mkessaħ, bl-użu ta' ċiklu ta' kompressjoni tal-fwar, ċiklu ta' sorbiment jew potenzjat minn ċiklu termodinamiku ieħor, użat meta s-sors kiesaħ ikun indisponibbli jew insuffiċjenti;
(5) “tkessiħ attiv” tfisser it-tneħħija tas-sħana minn spazju jew minn proċess, li għalih ikun meħtieġ input ta' enerġija biex tiġi ssodisfata d-domanda għat-tkessiħ, użata meta l-fluss naturali tal-enerġija ikun indisponibbli jew insuffiċjenti u jista' jseħħ b’ġeneratur tat-tkessiħ jew mingħajru;
(6) “tkessiħ passiv” tfisser it-tneħħija tas-sħana permezz tal-fluss naturali tal-enerġija permezz ta' trażmissjoni, konvezzjoni, radjazzjoni jew trasferiment tal-massa mingħajr il-ħtieġa li fluwidu tat-tkessiħ jiġi ttrasportat sabiex tiġi estratta u mormija s-sħana jew sabiex tiġi ġġenerata temperatura aktar baxxa b’ġeneratur tat-tkessiħ, inkluż it-tnaqqis tal-ħtieġa għat-tkessiħ permezz ta' karatteristiċi tad-disinn tal-bini, bħall-iżolament tal-bini, is-soqfa ħodor, il-ħitan veġetali, il-ġenerazzjoni tad-dell jew iż-żieda fil-massa tal-binja, bil-ventilazzjoni jew bl-użu ta' fannijiet għall-użu personali;
(7) “ventilazzjoni” tfisser il-moviment naturali jew sfurzat tal-arja biex tiġi introdotta l-arja ambjentali fi spazju bl-għan li tiġi żgurata kwalità xierqa tal-arja ta' ġewwa, inkluża t-temperatura;
(8) “fann għall-użu personali” tfisser prodott li jinkludi assemblaġġ ta' fann u mutur elettriku biex iċaqlaq l-arja u jipprovdi kumditàfis-sajf billi jżid il-veloċità tal-arja madwar il-ġisem tal-bniedem u jagħti sensazzjoni termali tat-tkessiħ;
(9) “kwantità ta' enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ” tfisser il-provvista tat-tkessiħ li tkun ġiet iġġenerata b’effiċjenza enerġetika speċifikata espressa bħala Fattur ta' Prestazzjoni Staġunali kkalkolat fl-enerġija primarja;
(10) “bir tas-sħana” jew “sors kiesaħ” tfisser bir naturali estern li fih tiġi ttrasferita s-sħana estratta mill-ispazju jew mill-proċess; tista' tkun arja ambjentali, ilma ambjentali fil-forma ta' korpi tal-ilma naturali jew artifiċjali u formazzjonijiet ġeotermali taħt il-wiċċ ta' art solida;
(11) “sistema ta' estrazzjoni tas-sħana” tfisser apparat li jneħħi s-sħana mill-ispazju jew mill-proċess li għandu jitkessaħ, bħal evaporatur f’ċiklu ta' kompressjoni tal-fwar;
(12) “apparat tat-tkessiħ” tfisser apparat iddisinjat biex iwettaq tkessiħ attiv;
(13) “sistema ta' rifjut tas-sħana” tfisser l-apparat fejn iseħħ it-trasferiment finali tas-sħana mill-mezz tat-tkessiħ għall-bir tas-sħana, bħall-kondensatur tal-arja għar-refriġerant f’ċiklu ta' kompressjoni tal-fwar imkessaħ bl-arja;
(14) “input tal-enerġija” tfisser l-enerġija meħtieġa għat-trasport tal-fluwidu (tkessiħ liberu), jew l-enerġija meħtieġa għat-trasport tal-fluwidu u għat-tħaddim tal-ġeneratur tat-tkessiħ (tkessiħ attiv b’ġeneratur tat-tkessiħ);
(15) “tkessiħ distrettwali” tfisser id-distribuzzjoni tal-enerġija termali fil-forma ta' likwidi mkessħa, minn sorsi ċentrali jew deċentralizzati ta' produzzjoni permezz ta' network għal diversi binjiet jew siti, għall-użu tat-tkessiħ ta' spazju jew proċess;
(16) “fattur ta' prestazzjoni staġunali primarja” tfisser metrika tal-effiċjenza tal-konverżjoni tal-enerġija primarja tas-sistema tat-tkessiħ;
(17) “sigħat ekwivalenti ta' tagħbija sħiħa” tfisser l-għadd ta' sigħat li sistema tat-tkessiħ taħdem b’tagħbija sħiħa biex tipproduċi l-ammont tat-tkessiħ li fil-fatt tipproduċi matul sena iżda b’tagħbijiet li jvarjaw;
(18) “Jiem ta' Gradi ta' Tkessiħ” tfisser il-valuri klimatiċi kkalkolati b’bażi ta' tmintax-il grad Celsius (18 °C) użati bħala input biex jiġu ddeterminati sigħat ekwivalenti ta' tagħbija sħiħa.

## Taqsima 2
## AMBITU

1. Meta jiġi kkalkolat l-ammont ta' enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiħ, għandhom jingħaddu t-tkessiħ attiv, inkluż it-tkessiħ distrettwali, irrispettivament minn jekk jintużax tkessiħ liberu jew ġeneratur tat-tkessiħ.

2. Ma għandomx jingħaddu:
(a) it-tkessiħ passiv, għalkemm fejn l-arja tal-ventilazzjoni tintuża bħala mezz għat-trasport tas-sħana għat-tkessiħ, il-provvista korrispondenti tat-tkessiħ, li tista' tiġi pprovduta jew minn ġeneratur tat-tkessiħ jew bi tkessiħ liberu hija parti mill-kalkolu tat-tkessiħ rinnovabbli.
(b) it-teknoloġiji jew il-proċessi tat-tkessiħ li ġejjin:
(i) it-tkessiħ f'mezzi ta' trasport (**Nota 1**);
(ii) is-sistemi tat-tkessiħ li l-funzjoni primarja tagħhom hija li jipproduċu jew jaħżnu materjali li jitħassru f'temperaturi speċifikati (refriġerazzjoni u ffriżar);
(iii)is-sistemi tat-tkessiħ b'punti stabbiliti tat-temperatura tat-tkessiħ tal-ispazju jew tal-proċess inqas minn żewġ gradi Celsius (2 °C);
(iv) is-sistemi tat-tkessiħ b'punti stabbiliti tat-temperatura tat-tkessiħ tal-ispazju jew tal-proċess ogħla minn tletin grad Celsius (30 °C);
(v) it-tkessiħ tas-sħana mormija li tirriżulta mill-ġenerazzjoni tal-enerġija, mill-proċessi industrijali u mis-settur terzjarju (sħana mormija) (**Nota 2**).
(ċ) l-enerġija użata għat-tkessiħ fl-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija; il-manifattura tas-siment, tal-ħadid u tal-azzar; l-impjanti għat-trattament tal-ilma mormi; il-faċilitajiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni (bħaċ-ċentri tad-*data*); il-faċilitajiet għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija; u l-infrastrutturi tat-trasport.

Jistgħu jiġu esklużi aktar kategoriji ta' sistemi tat-tkessiħ mill-kalkolu tal-enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiħ sabiex jippreżervaw is-sorsi ta' kesħa naturali f'żoni ġeografiċi speċifiċi għal raġunijiet ta' protezzjoni ambjentali. Xi eżempji jinkludu l-protezzjoni tax-xmajjar jew tal-lagi mir-riskju ta' tisħin żejjed.

## Taqsima 3
## METODOLOĠIJA GĦALL-KONTABBILTÀ TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI GĦAT-TKESSIĦ INDIVIDWALI U DISTRETTWALI

Is-sistemi tat-tkessiħ li joperaw 'il fuq mir-rekwiżit ta' effiċjenza minima espress bħala Fattur ta' Prestazzjoni Staġunali primarju ($SPF_p$) fit-tieni paragrafu tat-Taqsima 3.2 biss għandhom jitqiesu li jipproduċu l-enerġija rinnovabbli.

### 3.1. Kwantità tal-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ

Il-kwantità tal-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ ($E_{RES\text{-}C}$) għandha tiġi kkalkolata bil-formula li ġejja:

$$E_{RES-C} = (Q_{C_{Source}} - E_{INPUT}) \times s_{SPF_p} = Q_{C_{Supply}} \times s_{SPF_p}$$

fejn:

$Q_{C_{Source}}$ hija l-ammont ta' sħana rilaxxat fl-arja ambjentali, fl-ilma ambjentali jew fl-art mis-sistema tat-tkessiħ (**Nota 3**);

$E_{INPUT}$ hija l-konsum tal-enerġija tas-sistema tat-tkessiħ, inkluż il-konsum tal-enerġija tas-sistemi awżiljarji għal sistemi mkejla, bħat-tkessiħ distrettwali;

$Q_{C_{Supply}}$ hija l-enerġija tat-tkessiħ ipprovduta mis-sistema tat-tkessiħ (**Nota 4**);

$S_{SPF_p}$ huwa ddefinit fil-livell tas-sistema tat-tkessiħ bħala s-sehem tal-provvista tat-tkessiħ li jista' jitqies bħala rinnovabbli skont ir-rekwiżiti ta' SPF, espress bħala perċentwal. SPF huwa stabbilit mingħajr ma jiġi kontabilizzat it-telf mid-distribuzzjoni. Għat-tkessiħ distrettwali, dan ifisser li SPF jiġi stabbilit għal kull ġeneratur tat-tkessiħ, jew fil-livell tas-sistema tat-tkessiħ liberu. Għas-sistemi tat-tkessiħ fejn jista' japplika SPF standard, il-koeffiċjenti F(1) u F(2) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2281 (**Nota 5**) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (**Nota 6**) relatata ma jintużawx bħala fatturi ta' korrezzjoni.

Għal 100 % tkessiħ rinnovabbli potenzjat mis-sħana (assorbiment u assorbiment) it-tkessiħ ikkonsenjat jenħtieġ li jitqies kompletament rinnovabbli.

Il-passi tal-kalkolu meħtieġa għal $Q_{C_{Supply}}$ u $S_{SPF_p}$ huma spjegati fit-Taqsimiet 3.2 sa 3.4.

### 3.2. Kalkolu tas-sehem tal-Fattur ta' Prestazzjoni Staġunali li jikkwalifika bħala enerġija rinnovabbli – $S_{SPF_p}$

$S_{SPF}$ hija s-sehem tal-provvista tat-tkessiħ li jista' jitqies bħala rinnovabbli. $S_{SPF_p}$ jiżdied billi jiżdiedu l-valuri ta' $SPF_p$. $SPF_p$ (**Nota 7**) huwa ddefinit kif deskritt fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2281 u fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2012 (**Nota 8**), ħlief li l-fattur prestabbilit tal-enerġija primarja għall-elettriku ġie aġġornat għal 2.1 fid-Direttiva 2012/27/UE (kif emendata mid-Direttiva (UE) 2018/2002 (**Nota 9**)) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għandhom jintużaw kundizzjonijiet tal-konfini mill-istandard EN14511.

Ir-rekwiżit tal-effiċjenza minima tas-sistema tat-tkessiħ espress bħala fattur ta' prestazzjoni staġunali primarju għandu jkun tal-anqas 1.4 ($SPFp_{LOW}$). Sabiex $S_{SPF_p}$ ikun 100 %, ir-rekwiżit ta' effiċjenza minima tas-sistema tat-tkessiħ għandu jkun tal-anqas 6 ($SPFp_{HIGH}$). Għas-sistemi tat-tkessiħ l-oħra kollha għandu jiġi applikat il-kalkolu li ġej:

$$s_{SPFp} = \frac{SPF_p - SPF_{p_LOW}}{SPF_{p_HIGH} - SPF_{p_LOW}} \%$$

$SPF_P$ hija l-effiċjenza tas-sistema tat-tkessiħ espressa bħala fattur primarju tal-prestazzjoni staġunali;

$SPFp_{LOW}$ hija l-fattur minimu tal-prestazzjoni staġunali espress fl-enerġija primarja u bbażat fuq l-effiċjenza ta' sistemi standard tat-tkessiħ (rekwiżiti minimi tal-ekodisinn);

$SPFp_{HIGH}$ hija s-soll massimu għall-fattur ta' prestazzjoni staġunali espress fl-enerġija primarja u bbażat fuq l-aħjar prattiki għat-tkessiħ liberu użat fit-tkessiħ distrettwali (**Nota 10**).

### 3.3. Kalkolu tal-kwantità ta' enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ bl-użu ta' $SPF_p$ standard u mkejjel

*SPF standard u mkejjel*

Il-valuri standardizzati ta' SPF huma disponibbli għall-ġeneraturi tat-tkessiħ tal-kompressjoni tal-fwar tal-elettriku u għall-ġeneratur tat-tkessiħ tal-kompressjoni tal-fwar tal-magna tal-kombustjoni minħabba r-rekwiżiti tal-Ekodisinn fir-Regolament (UE) Nru 206/2012 u (UE) 2016/2281. Il-valuri huma disponibbli għal dawn il-ġeneraturi tat-tkessiħ sa 2 MW għat-tkessiħ tal-kumdità u sa 1.5 MW għat-tkessiħ tal-proċess. Għal teknoloġiji u skali ta' kapaċità oħrajn, il-valuri standard mhumiex disponibbli. Fir-rigward tat-tkessiħ distrettwali, il-valuri standard mhumiex disponibbli iżda l-kejl jintuża u huwa disponibbli; dawn jippermettu li jiġu kkalkolati l-valuri ta' SPF mill-inqas fuq bażi annwali.

Sabiex tiġi kkalkolata l-kwantità tat-tkessiħ rinnovabbli, jistgħu jintużaw valuri standard ta' SPF fejn disponibbli. Meta l-valuri standard ma jkunux disponibbli jew il-kejl ikun prattika standard, għandhom jintużaw il-valuri mkejla ta' SPF, separati mis-sollijiet tal-kapaċità tat-tkessiħ. Għal ġeneraturi tat-tkessiħ b'kapaċità tat-tkessiħ ta' anqas minn 1.5 MW, jista' jintuża SPF standard, filwaqt li SPF imkejjel għandu jintuża għat-tkessiħ distrettwali, għal ġeneraturi tat-tkessiħ b'kapaċitajiet tat-tkessiħ ogħla minn jew ekwivalenti għal 1.5 MW u ġeneraturi tat-tkessiħ li għalihom mhumiex disponibbli valuri standard.

Barra minn hekk, għas-sistemi kollha tat-tkessiħ mingħajr SPF standard, li jinkludi s-soluzzjonijiet kollha tat-tkessiħ liberu u l-ġeneraturi tat-tkessiħ attivati bis-sħana, għandu jiġi stabbilit SPF imkejjel sabiex jittieħed vantaġġ mill-metodoloġija tal-kalkolu għat-tkessiħ rinnovabbli.

*Definizzjoni ta' valuri ta' SPF standard*

Il-valuri ta' SPF huma espressi f'termini tal-effiċjenza enerġetika primarja kkalkolata bl-użu ta' fatturi tal-enerġija primarja skont ir-Regolament (UE) 2016/2281 biex tiġi ddeterminata l-effiċjenza tat-tkessiħ tal-ispazju għat-tipi differenti ta' ġeneraturi tat-tkessiħ (**Nota 11**). Il-fattur tal-enerġija primarja fir-Regolament (UE) 2016/2281 għandu jiġi kkalkolat bħala 1/η, fejn η huwa l-proporzjon medju tal-produzzjoni grossa totali tal-elettriku għall-konsum tal-enerġija primarja għall-produzzjoni tal-elettriku fl-UE kollha. Bl-emenda tal-fattur tal-enerġija primarja prestabbilita għall-elettriku, imsejjaħ koeffiċjent fil-punt (1) tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2018/2002 li temenda n-nota tal-qiegħ (3) tal-Anness IV tad-Direttiva 2021/27/UE, il-fattur tal-enerġija primarja ta' 2.5 fir-Regolament (UE) 2016/2281 għandu jiġi sostitwit b'2.1 meta jiġu kkalkolati l-valuri tal-SPF.

Meta t-trasportaturi tal-enerġija primarja, bħas-sħana jew il-gass jintużaw bħala input tal-enerġija biex jitħaddem il-ġeneratur tat-tkessiħ, il-fattur tal-enerġija primarja prestabbilita (1/η) huwa ta' 1, li jirrifletti n-nuqqas ta' trasformazzjoni tal-enerġija $\eta = 1$.

Il-kundizzjonijiet operattivi standard u l-parametri l-oħra meħtieġa għad-determinazzjoni ta' SPF huma definiti fir-Regolament (UE) 2016/2281 u fir-Regolament (UE) Nru 206/2012, skont il-kategorija tal-ġeneratur tat-tkessiħ. Il-kundizzjonijiet tal-konfini huma dawk iddefiniti fl-istandard EN14511.

Għall-ġeneraturi tat-tkessiħ riversibbli (pompi tas-sħana riversibbli), li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2281 minħabba li l-funzjoni tat-tisħin tagħhom hija koperta mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2013 (**Nota 12**) fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Ekodisinn għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati, għandu jintuża l-istess kalkolu ta' SPF li huwa definit għal ġeneraturi tat-tkessiħ simili mhux riversibbli fir-Regolament (UE) 2016/2281.

Pereżempju, għall-ġeneraturi tat-tkessiħ tal-kompressjoni tal-fwar elettriku, $SPF_p$ għandu jiġi ddefinit kif ġej (l-indiċi *p* jintuża biex jiġi ċċarat li SPF huwa definit f'termini ta' enerġija primarja):

Għat-tkessiħ ta' spazju:

$$SPF_p = \frac{SEER}{\frac{1}{\eta}} - F(1) - F(2)$$

Għat-tkessiħ ta' proċess:

$$SPF_p = \frac{SEPR}{\frac{1}{\eta}} - F(1) - F(2)$$

Fejn:

- SEER u SEPR huma fatturi ta' prestazzjoni staġunali (**Nota 13**) (SEER jirrappreżenta l-"Proporzjon tal-Effiċjenza Enerġetika Staġunali", SEPR jirrappreżenta l-"Proporzjon tal-Prestazzjoni Enerġetika Staġunali") fl-enerġija finali ddefinita skont ir-Regolament (UE) 2016/2281 u r-Regolament (UE) Nru 206/2012;

- η hija l-proporzjon medju tal-produzzjoni grossa totali tal-elettriku għall-konsum tal-enerġija primarja għall-produzzjoni tal-elettriku fl-UE (η = 0.475 u 1/η = 2.1).

- F(1) u F(2) huma fatturi ta' korrezzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/2281 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni relatata. Dawn il-koeffiċjenti ma japplikawx għat-tkessiħ tal-proċess fir-Regolament (UE) 2016/2281 peress li l-metrika finali tal-enerġija ta' SEPR tintuża direttament. Fin-nuqqas ta' valuri adattati, għandhom jintużaw l-istess valuri użati għall- ta' ta' SEER għall-konverżjoni ta' SEPR.

*Kundizzjonijiet tal-konfini SPF*

Għad-definizzjoni ta' SPF tal-ġeneratur tat-tkessiħ, għandhom jintużaw il-kundizzjonijiet tal-konfini ta' SPF iddefiniti fir-Regolament (UE) 2016/2281 u fir-Regolament (UE) Nru 206/2012. Fil-każ ta' ġeneraturi tat-tkessiħ mill-ilma għall-arja u mill-ilma għall-ilma, l-input tal-enerġija meħtieġ biex is-sors kiesaħ ikun disponibbli huwa inkluż permezz tal-fattur ta' korrezzjoni F(2). Il-kundizzjonijiet tal-konfini ta' SPF huma murija fil-Figura 1. Dawn il-kundizzjonijiet tal-konfini għandhom japplikaw għas-sistemi kollha tat-tkessiħ, jew għas-sistemi tat-tkessiħ ħieles jew għas-sistemi li jkun fihom ġeneraturi tat-tkessiħ.

Dawn il-kundizzjonijiet tal-konfini huma simili għal dawk għall-pompi tas-sħana (użati fil-modalità tat-tisħin) fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/114/UE. (**Nota 14**) Id-differenza hija li għall-pompi tas-sħana, il-konsum tal-elettriku li jikkorrispondi għall-konsum tal-enerġija awżiljarja (modalità bit-termostat mitfi, modalità standby, modalità mitfi, apparat tat-tisħin tal-kaxxa tal-krank) ma jiġix ikkunsidrat sabiex jiġi evalwat ' SPF. Madankollu, bħal fil-każ tat-tkessiħ, kemm il-valuri ta' SPF standard kif ukoll ta' SPF imkejjel se jintużaw, u minħabba l-fatt li fil-konsum awżiljarju mkejjel ta' SPF jitqies, huwa meħtieġ li jiġi inkluż il-konsum tal-enerġija awżiljarja fiż-żewġ sitwazzjonijiet.

Għat-tkessiħ distrettwali, it-telf fil-kesħa tad-distribuzzjoni u l-konsum elettriku tal-pompa tad-distribuzzjoni bejn l-impjant tat-tkessiħ u s-substazzjon tal-klijent ma għandhomx jiġu inklużi fl-istima ta' SPF.

Fil-każ ta' sistemi tat-tkessiħ ibbażati fuq l-arja li jiżguraw ukoll il-funzjoni tal-ventilazzjoni, il-provvista tat-tkessiħ minħabba l-fluss tal-arja tal-ventilazzjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata. Il-potenza tal-fann minħabba l-ventilazzjoni għandha tiġi skontata wkoll proporzjonalment mal-proporzjon tal-fluss tal-arja tal-ventilazzjoni mal-fluss tal-arja tat-tkessiħ.





***Figura 1*** *Illustrazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-konfini ta' SPF għall-ġeneratur tat-tkessiħ bl-użu ta' SPF standard u t-tkessiħ distrettwali (u sistemi kbar oħra tat-tkessiħ bl-użu ta' SPF imkejjel), fejn EINPUT_AUX huwa l-input tal-enerġija għall-fann u/jew għall-pompa u EINPUT_CG l-input tal-enerġija għall-ġeneratur tat-tkessiħ*

Fil-każ ta' sistemi tat-tkessiħ ibbażati fuq l-arja mgħammra b'irkupru intern tal-ksieħ, ma għandhiex titqies il-provvista tat-tkessiħ minħabba l-irkupru tal-kesħa. Il-potenza tal-fann minħabba l-iskambjatur tas-sħana għall-irkupru tal-kesħa għandha tiġi skontata proporzjonalment mal-proporzjon tat-telf tal-pressjoni minħabba l-iskambjatur tas-sħana għall-irkupru tal-kesħa mat-telf totali tal-pressjoni tas-sistema tat-tkessiħ ibbażata fuq l-arja.

### 3.4. Kalkolu bl-użu ta' valuri standard

Jista' jintuża metodu ssimplifikat għal sistemi tat-tkessiħ individwali b'kapaċità ta' inqas minn 1.5 MW, li għalihom hemm disponibbli valur ta' SPF standard, biex tiġi stmata l-enerġija totali tat-tkessiħ ipprovduta.

Skont il-metodu ssimplifikat, l-enerġija tat-tkessiħ ipprovduta mis-sistema tat-tkessiħ ($Q_{Csupply}$) hija l-kapaċità nominali tat-tkessiħ *($P_C$)* immultiplikata bin-numru ta' sigħat ekwivalenti ta' tagħbija sħiħa *(EFLH)*. Jista' jintuża valur wieħed tal-jiem ta' gradi tat-tkessiħ (CDD) għal

pajjiż sħiħ, jew valuri distinti għal żoni klimatiċi differenti sakemm il-kapaċitajiet nominali u SPFs ikunu disponibbli għal dawn iż-żoni klimatiċi.

Il-metodi standard li ġejjin jistgħu jintużaw għall-komputazzjoni ta' *EFLH*:

- għat-tkessiħ tal-ispazju fis-settur residenzjali: EFLH = 96 + 0.85 * CDD
- għat-tkessiħ tal-ispazju fis-settur terzjarju: EFLH = 475 + 0.49 * CDD
- għat-tkessiħ tal-proċess: EFLH = $\tau_S$ * (7300 + 0.32 * CDD)

Fejn:

$\tau_S$ huwa fattur ta' attività li jqis il-ħin tat-tħaddim tal-proċessi speċifiċi (eż. tul is-sena kollha $\tau_S$ = 1, mhux fuq tmiem il-ġimgħa $\tau_S$ = 5/7). Ma hemm l-ebda valur standard.

### 3.4.1. *Kalkolu bl-użu t ta' a' valuri mkejla*

Is-sistemi li għalihom ma jeżisti l-ebda valur standard, kif ukoll is-sistemi tat-tkessiħ akbar mill-kapaċità ta' 1.5 MW u s-sistemi tat-tkessiħ distrettwali**,** għandhom jikkalkulaw it-tkessiħ rinnovabbli tagħhom abbażi tal-kejl li ġej:

*Input ta' enerġija mkejjel:* L-input tal-enerġija mkejjel jinkludi s-sorsi kollha tal-enerġija għas-sistema tat-tkessiħ, inkluż kwalunkwe ġeneratur tat-tkessiħ, jiġifieri l-elettriku, il-gass, is-sħana eċċ. Dan jinkludi wkoll pompi u fannijiet awżiljarji għas-sistema tat-tkessiħ iżda mhux għad-distribuzzjoni tat-tkessiħ għal binja jew għal proċess. Fil-każ tat-tkessiħ ibbażat fuq l-arja bil-funzjoni ta' ventilazzjoni, l-input ta' enerġija addizzjonali biss minħabba t-tkessiħ għandu jiġi inkluż fl-input ta' enerġija tas-sistema tat-tkessiħ.

*Provvista mkejla tal-enerġija tat-tkessiħ:* Il-provvista tal-enerġija tat-tkessiħ għandha titkejjel bħala l-output mis-sistema tat-tkessiħ u għandu jitnaqqas kwalunkwe telf ta' kesħa sabiex tiġi stmata l-provvista netta tal-enerġija tat-tkessiħ għall-binja jew għall-proċess li huwa l-utent finali tat-tkessiħ. It-telf fil-kesħa jinkludi t-telf f'sistema tat-tkessiħ distrettwali u fis-sistema ta' distribuzzjoni tat-tkessiħ f'binja jew f'sit industrijali. Fil-każ tat-tkessiħ ibbażat fuq l-arja bil-funzjoni ta' ventilazzjoni, il-provvista tal-enerġija tat-tkessiħ għandha tkun netta mill-effett tal-introduzzjoni tal-arja friska għal finijiet ta' ventilazzjoni.

Il-kejl jeħtieġ li jitwettaq għas-sena speċifika li għandha tiġi rrapportata, jiġifieri l-input kollu tal-enerġija u l-provvista kollha tal-enerġija tat-tkessiħ għas-sena kollha.

### 3.4.2. *Tkessiħ distrettwali: rekwiżiti addizzjonali*

Għas-sistemi tat-tkessiħ distrettwali, għandu jittieħed kont tal-provvista netta tat-tkessiħ fil-livell tal-konsumatur meta tiġi ddefinita l-provvista netta tat-tkessiħ, immarkata bħala $Q_{C_Supply_net}$ . It-telf termali li jseħħ fin-network ta' distribuzzjoni $(Q_{C_LOSS})$ għandu jitnaqqas mill-provvista grossa tat-tkessiħ $(Q_{C_Supply_gross})$ kif ġej:

$$Q_{C\ Supply\ net} = Q_{C\ Supply\ gross} - Q_{C\ LOSS}$$

#### 3.4.2.1. *Diviżjoni fis-subsistemi*

Is-sistemi tat-tkessiħ distrettwali jistgħu jinqasmu f'subsistemi, li jinkludu mill-inqas ġeneratur tat-tkessiħ wieħed jew sistema tat-tkessiħ ħieles. Dan jeħtieġ il-kejl tal-provvista tal-enerġija tat-tkessiħ u tal-input tal-enerġija għal kull subsistema kif ukoll l-allokazzjoni tat-telf fil-kesħa għal kull subsistema kif ġej:

$$Q_{C_Supply_net_i} = Q_{C_Supply_gross_i} x\ (1\ -\ \frac{Q_{C_{LOSS}}}{(\sum_{i=1}^{n} Q_{C_{Supply_{gross_i}}})})$$

3.4.2.2. ***Awżiljari***

Meta sistema tat-tkessiħ tiġi diviża f'subsistemi, l-awżiljarji (eż. kontrolli, pompi u fannijiet) tal-ġeneratur(i) tat-tkessiħ u/jew tas-sistema/i tat-tkessiħ ħieles għandhom jiġu inklużi fl-istess subsistema/i. L-enerġija awżiljarja li tikkorrispondi għad-distribuzzjoni tat-tkessiħ fil-binja, eż. pompi sekondarji u unitajiet terminali (eż. kojls tal-fann, fannijiet ta' unitajiet li jimmaniġġaw l-arja) ma tiġix ikkunsidrata.

Għal awżiljarji li ma jistgħux jiġu allokati għal subsistema speċifika, pereżempju pompi tan-network tat-tkessiħ distrettwali li jwasslu l-enerġija tat-tkessiħ ipprovduta mill-ġeneraturi kollha tat-tkessiħ, il-konsum tal-enerġija primarja tagħhom għandu jiġi allokat għal kull subsistema tat-tkessiħ fil-proporzjon tal-enerġija tat-tkessiħ ipprovduta mill-ġeneraturi tat-tkessiħ u/jew mis-sistemi tat-tkessiħ ħieles ta' kull subsistema bl-istess mod bħal b'telf fil-kesħa fin-network kif ġej

$$E_{INPUT_AUX_i} = E_{INPUT_AUX1_i} + E_{INPUT_AUX2} * \frac{Q_{C_Supply_net_i}}{\sum_{i=1}^{n} Q_{C_Supply_net_i}}$$

fejn:

$E_{INPUT_AUX1_i}$ huwa l-konsum tal-enerġija awżiljarja tas-subsistema "i";

$E_{INPUT_AUX2}$ huwa l-konsum tal-enerġija awżiljarja tas-sistema kollha tat-tkessiħ, li ma jistax jiġi allokat għal subsistema speċifika tat-tkessiħ.

### 3.5. Kalkolu tal-kwantità tal-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ għall-ishma rinnovabbli ġenerali u għall-ishma tal-enerġija rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ

Għall-kalkolu tal-ishma globali tal-enerġija rinnovabbli, il-kwantità tal-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ għandha tiżdied kemm man-numeratur "konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli" kif ukoll mad-denominatur "konsum finali gross tal-enerġija".

Għall-kalkolu tal-ishma tal-enerġija rinnovabbli tat-tisħin u tat-tkessiħ, il-kwantità tal-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ għandha tiżdied kemm man-numeratur "konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ" kif ukoll mad-denominatur "konsum finali gross tal-enerġija għat-tisħin u t-tkessiħ".

### 3.6. Gwida dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji u kalkoli aktar akkurati

L-Istati Membri huma mistennija u mħeġġa jwettqu l-istimi tagħhom stess, kemm għall-fattur SPF kif ukoll għal HHP. Kwalunkwe approċċ nazzjonali/reġjonali bħal dan jenħtieġ li jkun ibbażat fuq suppożizzjonijiet akkurati, kampjuni rappreżentattivi ta' daqs suffiċjenti, li jirriżultaw fi stima mtejba konsiderevolment tal-enerġija rinnovabbli meta mqabbla ma' dik miksuba bl-użu tal-metodoloġija stabbilita f'dan l-Att Delegat. Dawn il-metodoloġiji mtejba jistgħu jkunu bbażati fuq kalkolu dettaljat li juża *data* teknika li tqis, fost fatturi oħra, is-sena tal-installazzjoni, il-kwalità tal-installazzjoni, it-tip tal-kompressur, il-mod operatorju, is-sistema ta' distribuzzjoni tas-sħana, il-kaskar tal-ġeneraturi u l-klima reġjonali. Jekk jintużaw metodoloġiji u/jew valuri alternattivi dawn għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni flimkien ma' rapport li jiddeskrivi l-metodu u d-*data* użati. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tittraduċi d-dokumenti u tippubblikahom fuq il-pjattaforma ta' trasparenza tagħha.

## Noti għal din l-Iskeda:

**(Nota 1)** Id-definizzjoni ta' tkessiħ rinnovabbli tikkonċerna biss tkessiħ stazzjonarju.
**(Nota 2)** "Sħana mormija" hija definita fir-regolament 2 u tista' tiġi kkunsidrata għall-finijiet tar-regolamenti 12 u 13**.**
**(Nota 3)** Il-kwantità ta' sors kiesaħ tikkorrispondi għall-kwantità ta' sħana assorbita mill-arja ambjentali, l-ilma ambjentali u l-art li jaġixxu bħala sinkijiet tas-sħana. L-arja ambjentali u l-ilma ambjentali jikkorrispondu għal "enerġija ambjentali", u l-art tikkorrispondi għal "enerġija ġeotermali" kif definiti fir-regolament 2.
**(Nota 4)** Minn perspettiva termodinamika, il-provvista tat-tkessiħ tikkorrispondi għal porzjon tas-sħana rilaxxata minn sistema ta' tkessiħ għall-arja ambjentali, l-ilma ambjentali jew għall-art, li jiffunzjonaw bħala sink tas-sħana jew sors kiesaħ. L-arja ambjentali u l-ilma ambjentali jikkorrispondu għall-"enerġija ambjentali" u l-funzjoni tas-sink tas-sħana jew tas-sors tal-kesħa tal-art tikkorrispondi għall-"enerġija ġeotermika" kif definiti fir-regolament 2.
**(Nota 5)** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2281 tat-30 ta' Novembru 2016 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija, fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti tat-tisħin tal-arja, prodotti tat-tkessiħ, chillers tal-proċessi ta' temperatura għolja u unitajiet tal-fan coil (ĠU L 346, 20.12.2016, p. 1).
**(Nota 6)** https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2017.229.01.0001.01.ENG&toc=OJ:C:2017:229:TOC
**(Nota 7)** Fil-każ li l-kundizzjonijiet reali tat-tħaddim tal-ġeneraturi tat-tkessiħ iwasslu għal valuri SPF sostanzjalment aktar baxxi milli ppjanat f'kundizzjonijiet standard minħabba dispożizzjonijiet differenti ta' installazzjoni, dawn is-sistemi jistgħu jiġu eskluży mill-ambitu tad-definizzjoni tat-tkessiħ rinnovabbli (eż. ġeneratur tat-tkessiħ imkessaħ bl-ilma li juża apparat li jkessaħ niexef minflok torri tat-tkessiħ biex jirrilaxxa s-sħana fl-arja ambjentali).
**(Nota 8)** Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2012 tas-6 ta' Marzu 2012 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-arja kondizzjonata u l-fannijiet tal-kumditá (ĠU L 72, 10.3.2012, p. 7).
**(Nota 9)** Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210).
**(Nota 10)** ENER/C1/2018-493, Tkessiħ rinnovabbli skont id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli, TU-Wien, 2021.
**(Nota 11)** SPF p huwa identiku għal η s,c definit fir-Regolament (UE) Nru 2016/2281.
**(Nota 12)** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-ispazju u l-ħiters ikkombinati (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 136).
**(Nota 13)** Il-Parti 1 tal-istudju ENER/C1/2018-493 dwar 'Ħarsa Ġenerali lejn it-Teknoloġiji tat-Tkessiħ u s-Sehem tas-Suq' tipprovdi definizzjonijiet u ekwazzjonijiet aktar dettaljati għal dawn il-metriċi fil-kapitlu 1.5 'Metriċi tal-effiċjenza enerġetika ta' sistemi ta' tkessiħ avvanzati'.
**(Nota 14)** Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2013 li tistabbilixxi l-linji gwida għall-Istati Membri dwar il-kalkolu tal-enerġija rinnovabbli minn pompi tas-sħana minn teknoloġiji differenti ta' pompi tas-sħana skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 62, 6.3.2013, p. 27).

**IT-TIELET SKEDA**
**(regolamenti 8, 10 u 16)**

**KONTENUT ENERĠETIKU TAL-KARBURANTI**

| **Karburant** | **Kontenut enerġetiku skont il-piż** **(valur kalorifiku aktar baxx, MJ/kg)** | **Kontenut enerġetiku skont il-volum** **(valur kalorifiku aktar baxx, MJ/l)** |
|---|---|---|
| KARBURANTI TAL-BIJOMASSA U/JEW OPERAZZJONIJIET TAL-IPPROĊESSAR TAL-BIJOMASSA | | |
| Bijopropan | 46 | 24 |
| Żejt veġetali pur (żejt prodott minn pjanti taż-żejt permezz tal-għasir, l-estrazzjoni jew proċeduri paragunabbli, grezz jew raffinat imma mhux modifikat kimikament) | 37 | 34 |
| Bijodiżil — ester metiliku tal-aċidi xaħmin (ester metiliku prodott minn żejt ta' oriġini mill-bijomassa) | 37 | 33 |
| Bijodiżil — ester etiliku tal-aċidi xaħmin (ester etiliku prodott minn żejt ta' oriġini mill-bijomassa) | 38 | 34 |
| Bijogass li jista' jissaffa sa kwalità ta' gass naturali | 50 | — |
| Żejt idrotrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għad-diżil | 44 | 34 |
| Żejt idrotrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għall-petrol | 45 | 30 |
| Żejt idrotrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għall-karburant tal-ġettijiet | 44 | 34 |
| Żejt idrotrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża | 46 | 24 |

| | | |
|---|---|---|
| bħala sostitut għall-gass likwifikat miż-żejt | | |
| Żejt koproċessat (proċessat f'raffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għad-diżil | 43 | 36 |
| Żejt koproċessat (proċessat f'raffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għall-petrol | 44 | 32 |
| Żejt koproċessat (proċessat f'raffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għall-karburant tal-ġettijiet | 43 | 33 |
| Żejt koproċessat (proċessat f'raffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għall-gass likwifikat miż-żejt | 46 | 23 |
| KARBURANTI RINNOVABBLI LI JISTGĦU JIĠU PRODOTTI MINN SORSI RINNOVABBLI VARJI, INKLUŻA L-BIJOMASSA | | |
| Metanol minn sorsi rinnovabbli | 20 | 16 |
| Etanol minn sorsi rinnovabbli | 27 | 21 |
| Propanol minn sorsi rinnovabbli | 31 | 25 |
| Butanol minn sorsi rinnovabbli | 33 | 27 |
| Diżil Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi li jintużaw bħala sostitut għad-diżil) | 44 | 34 |
| Petrol Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi prodotta mill-bijomassa li jintużaw bħala sostitut għall-petrol) | 44 | 33 |
| Karburant tal-ġettijiet Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi | 44 | 33 |

| | | |
|---|---|---|
| prodotta mill-bijomassa li jintużaw bħala sostitut għall-karburant tal-ġettijiet) | | |
| Gass likwifikat miż-żejt Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi li jintużaw bħala sostitut għall-gass likwifikat miż-żejt) | 46 | 24 |
| DME (dimetiletere) | 28 | 19 |
| Idroġenu minn sorsi rinnovabbli | 120 | — |
| ETBE (etil-terz-butil-etere prodott abbażi tal-etanol) | 36 (li minnu 33 % minn sorsi rinnovabbli) | 27 (li minnu 33 % minn sorsi rinnovabbli) |
| MTBE (metil-terz-butil-etere prodott abbażi tal-metanol) | 35 (li minnu 22 % minn sorsi rinnovabbli) | 26 (li minnu 22 % minn sorsi rinnovabbli) |
| TAEE (terz-amil-etil-etere prodott abbażi tal-etanol) | 38 (li minnu 29 % minn sorsi rinnovabbli) | 29 (li minnu 29 % minn sorsi rinnovabbli) |
| TAME (terz-amil-metil-etere prodott abbażi tal-metanol) | 36 (li minnu 18 % minn sorsi rinnovabbli) | 28 (li minnu 18 % minn sorsi rinnovabbli) |
| THxEE (terz-eżil-etil-etere prodott fuq il-bażi tal-metanol) | 38 (li minnu 25 % minn sorsi rinnovabbli) | 30 (li minnu 25 % minn sorsi rinnovabbli) |
| THxME (terz-eżil-metil-etere prodott abbażi tal-metanol) | 38 (li minnu 14 % minn sorsi rinnovabbli) | 30 (li minnu 14 % minn sorsi rinnovabbli) |
| KARBURANTI MHUX RINNOVABBLI | | |
| Petrol | 43 | 32 |
| Diżil | 43 | 36 |
| Karburant tal-ġettijiet | 43 | 34 |
| Idroġenu minn sorsi mhux rinnovabbli | 120 | — |

## IR-RABA' SKEDA
## (regolamenti 14 u 16)

## LISTA TA' MATERJA PRIMA

**Parti A**

**Materja prima għall-produzzjoni tal-bijogass għat-trasport u bijokarburanti avvanzati:**

(a) Alka jekk ikkultivata fuq l-art f'għadajjar jew fotobijoreatturi;

L.S. 549.63. (b) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart muniċipali mħallat, iżda mhux skart domestiku soġġett għal miri ta' riċiklaġġ skont il-paragrafu (*a*) tal-partita 12 tal-Iskeda 5 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

L.S. 549.63. (ċ) Bijoskart minn unitajiet domestiċi privati soġġetti għal ġbir separat kif imfisser fir-regolament 4 tar- Regolamenti dwar l-Iskart;

(d) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart industrijali li mhux adatt biex jintuża fil-katina alimentari jew tal-għalf, inklużi materjali mill-industrija tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa u dik agroalimentari u tas-sajd u l-akkwakultura, u eskluży l-materja prima elenkati fit- Parti B ta' din l-Iskeda;

(e) Tiben;

(f) Demel tal-annimali u ħama tad-drenaġġ;

(g) Effluwent minn imtieħen taż-żejt tal-palm u għenieqed vojta tal-frott tal-palma;

(h) Żift taż-żejt tal-arżnu;

(i) Gliċerina mhux raffinata;

(j) Bagassa;

(k) Residwi tal-għasra u karfa tal-inbid;

(l) Qxur tal-ġewż;

(m) Ħliefa;

(n) Ċfaċagħ imnaddfa minn ħabb il-qamħirrum;

(o) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart u residwi mill-forestrija u l-industriji bbażati fuq il-forestrija, jiġifieri qxur tas-siġar, friegħi, żbir ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni, weraq, weraq tal-arżnu, qċaċet tas-siġar, serratura, fdalijiet mill-qtugħ tas-siġar, likur iswed, likur kannella, tajn tal-fibra, linjin u żejt tal-arżnu;

(p) Materjal ċellulożiku mhux tal-ikel ieħor;

(q) Materjal linjoċellulożiku ieħor għajr zkuk maqtugħin u zkuk maqtugħin miksija b'fuljetta fina;

(r) Żjut fusel mid-distillazzjoni alkoħolika;

(s) Metanol mhux ipproċessat minn polpa kraft li ġejja mill-produzzjoni ta' polpa tal-injam;

(t) Għelejjel intermedji, meta jintużaw għall-produzzjoni tal-bijofjuwil għas-settur tal-avjazzjoni, bħall-għelejjel tat-titwiq u għelejjel ta' kopertura li jitkabbru f'żoni meta minħabba perjodu qasir ta' veġetazzjoni l-produzzjoni ta' għelejjel tal-ikel u tal-għalf tkun limitata għal ħsad wieħed u dment li l-użu tagħhom ma jwassalx għal domanda għal art addizzjonali, u dment li jinżamm il-kontenut ta' materja organika fil-ħamrija;

(u) Għelejjel imkabbra fuq art li ddeterjorat b'mod gravi, minbarra għelejjel tal-ikel u tal-għalf, meta jintużaw għall-produzzjoni tal-bijofjuwil għas-settur tal-avjazzjoni;

(v) Ċjanobatterji.

**PARTI B**

**Materja prima għall-produzzjoni tal-bijokarburanti u tal-bijogass għat-trasport, li l-kontribut tagħha għall-miri msemmija fir-regolament 14(2)(*a*), għandu jkun limitat:**

(a) Żejt tal-ikel użat;

(b) Xaħam tal-annimali kklassifikat bħala tal-kategoriji 1 u 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(ċ) Għelejjel danneġġati li mhumiex tajbin għall-użu fil-katina tal-ikel jew tal-għalf, minbarra sustanzi li ġew modifikati jew ikkontaminati intenzjonalment sabiex jissodisfaw din id-definizzjoni;

(d) Ilma mormi muniċipali u derivattivi għajr il-ħama tad-drenaġġ;

(e) Għelejjel imkabbra fuq art li ddeterjorat b'mod gravi, minbarra għelejjel tal-ikel u tal-għalf elenkati fil-Parti A ta' din l-Iskeda, meta jintużaw għall-produzzjoni tal-bijofjuwil għas-settur tal-avjazzjoni;

(f) Għelejjel intermedji, meta ma jintużawx għall-produzzjoni tal-bijofjuwil għas-settur tal-avjazzjoni, u jeskludu materja prima elenkata fil-Parti A t ta' a' din l-Iskeda, bħall-għelejjel tat-titwiq u għelejjel ta' kopertura li jitkabbru f'żoni fejn minħabba perjodu qasir ta' veġetazzjoni l-produzzjoni ta' għelejjel tal-ikel u tal-għalf tkun limitata għal ħsad wieħed u dment li l-użu tagħhom ma jwassalx għal domanda għal art addizzjonali, u dment li jinżamm il-kontenut ta' materja organika fil-ħamrija.

# IL-ĦAMES SKEDA
# (regolamenti 16)

## REGOLI GĦALL-KALKOLU TAL-IMPATT TAL-GASS SERRA TAL-BIJOKARBURANTI, BIJOLIKWIDI U L-KOMPARATURI TAGĦHOM TAL-KARBURANTI FOSSILI

**Taqsima A.**

VALURI TIPIĊI U VALURI AWTOMATIĊI GĦALL-BIJOKARBURANTI JEKK PRODOTTI MINGĦAJR EMISSJONIJIET NETTI TAL-KARBONJU MIT-TIBDIL FL-UŻU TAL-ART

| **Mogħdija ta' produzzjoni tal-bijokarburant** | **Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur tipiku** | **Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur awtomatiku** |
|---|---|---|
| etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali) | 67 % | 59 % |
| etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali) | 77 % | 73 % |
| etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*)) | 73 % | 68 % |
| etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*)) | 79 % | 76 % |
| etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-islop, linjite bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*)) | 58 % | 47 % |
| etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-islop, linjite bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*)) | 71 % | 64 % |
| etanol tal-qamħirrum (maize) (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali) | 48 % | 40 % |
| etanol tal-qamħirrun (maize), (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*)) | 55 % | 48 % |
| etanol tal-qamħirrum (maize) (linjite bħala karburant tal-proċess fl-impjant CHP (*)) | 40 % | 28 % |
| etanol tal-qamħirrum (maize) (residwi tal-foresti bħala karburant tal-proċess fl-impjant CHP (*)) | 69 % | 68 % |
| ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali) | 47 % | 38 % |
| ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*)) | 53 % | 46 % |
| ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (linjite bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*)) | 37 % | 24 % |
| ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (residwi tal-foresti bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*)) | 67 % | 67 % |

| | | |
|---|---|---|
| etanol tal-kannamiela | 70 % | 70 % |
| il-parti minn sorsi rinnovabbli ta' ethyl-tertio-butyl-ether (ETBE) | Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta' etanol | |
| il-parti minn sorsi rinnovabbli ta' tertiary-amyl-ethyl-ether (TAEE) | Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta' etanol | |
| bijodiżil taż-żerriegħa tal-kolza | 52 % | 47 % |
| bijodiżil tal-ġirasol | 57 % | 52 % |
| bijodiżil tas-soybean sojja | 55 % | 50 % |
| bijodiżil miż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ) | 33 % | 20 % |
| bijodiżil taż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt) | 51 % | 45 % |
| bijodiżil mill-iskart taż-żejt tat-tisjir | 88 % | 84 % |
| bijodiżil mit-tħin fin (rendering) ta' xaħmijiet tal-annimali (**) | 84 % | 78 % |
| żejt veġetali idrotrattat miż-żerriegħa tal-kolza | 51 % | 47 % |
| żejt veġetali idrotrattat mill-ġirasol | 58 % | 54 % |
| żejt veġetali idrotrattat mis-sojja | 55 % | 51 % |
| żejt veġetali idrotrattat miż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ) | 34 % | 22 % |
| żejt veġetali idrotrattat miż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt) | 53 % | 49 % |
| żejt idrotrattat mill-iskart taż-żejt tat-tisjir | 87 % | 83 % |
| żejt idrotrattat mit-tħin fin (rendering) tax-xaħmijiet tal-annimali (**) | 83 % | 77 % |
| żejt veġetali safi miż-żerriegħa tal-kolza | 59 % | 57 % |
| żejt veġetali safi mill-ġirasol | 65 % | 64 % |
| żejt veġetali safi mis-sojja | 63 % | 61 % |
| żejt veġetali safi miż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ) | 40 % | 30 % |
| żejt veġetali safi miż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt) | 59 % | 57 % |
| żejt safi mill-iskart taż-żejt tat-tisjir | 98 % | 98 % |

(*) Valuri awtomatiċi għall-ipproċessar bl-użu tas-CHP huma validi biss jekk is-sħana tal-proċess hija fornuta kollha bis-CHP.

(**) Tapplika biss għal bijokarburanti prodotti minn prodotti sekondarji tal-annimali kklassifikat bħala materjal tal-kategorija 1 u 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([1]),li għalihom l-emissjonijiet relatati mal-iġenizzazzjoni bħala parti mit-tħin fin (rendering) mhumiex ikkunsidrati

([1]) Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

**Taqsima B.**

VALURI STMATI TIPIĊI U VALURI AWTOMATIĊI GĦALL-BIJOKARBURANTI U BIJOLIKWIDI FUTURI LI MA KINUX FIS-SUQ JEW LI KIENU FIS-SUQ BISS FI KWANTITAJIET NEGLIĠIBBLI FL-2016, JEKK PRODOTTI BL-EBDA EMISSJONI NETTA TA' KARBONJU MILL-BIDLIET FL-UŻU TAL-ART

| **Mogħdija ta' produzzjoni tal-bijokarburant** | **Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur tipiku** | **Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur awtomatiku** |
|---|---|---|
| etanol tat-tiben tal-qamħ | 85 % | 83 % |
| diżil Fischer-Tropsch mill-iskart tal-injam f'impjant awtonomu | 83 % | 83 % |
| diżil Fischer-Tropsch mill-injam imkabbar f'impjant awtonomu | 82 % | 82 % |
| petrol Fischer-Tropsch mill-iskart tal-injam f'impjant awtonomu | 83 % | 83 % |
| petrol Fischer-Tropsch mill-injam imkabbar f'impjant awtonomu | 82 % | 82 % |
| dimetileter (DME) mill-iskart tal-injam f'impjant awtonomu | 84 % | 84 % |
| dimetileter (DME) mill-injam imkabbar f'impjant awtonomu | 83 % | 83 % |
| metanol mill-iskart tal-injam f'impjant awtonomu | 84 % | 84 % |
| metanol mill-injam imkabbar f'impjant awtonomu | 83 % | 83 % |
| diżil Fischer – Tropsch mill-gassifikazzjoni tal-likur iswed integrat mal-polpa | 89 % | 89 % |
| petrol Fischer Tropsch mill-gassifikazzjoni tal-likur iswed integrat mal-polpa | 89 % | 89 % |
| dimetileter (DME) mill-gassifikazzjoni tal-likur iswed integrat mal-polpa | 89 % | 89 % |
| Metanol mill-gassifikazzjoni tal-likur iswed integrat mal-polpa | 89 % | 89 % |
| il-parti minn sorsi rinnovabbli ta' methyl-tertio-butyl-ether (MTBE) | Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta' metanol | |

**Taqsima Ċ.**

METODOLOĠIJA

**1.** L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni u mill-użu ta' karburanti, bijokarburanti u bijolikwidi għat-trasport għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

(*a*) l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni u l-użu ta' bijokarburanti għandhom jiġu kkalkulati bħala:

$E = e_{ec} + e_l + e_p + e_{td} + e_u - e_{sca} - e_{ccs} - e_{ccr}$,

fejn:

| | | |
|---|---|---|
| E | = | emissjonijiet totali mill-użu tal-karburant; |
| $e_{ec}$ | = | emissjonijiet mill-estrazzjoni jew il-kultivazzjoni tal-materja prima; |
| $e_l$ | = | emissjonijiet annwalizzati mill-bidliet tal-ħażna tal-karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art; |
| $e_p$ | = | emissjonijiet mill-ipproċessar; |
| $e_{td}$ | = | emissjonijiet mit-trasport u d-distribuzzjoni; |
| $e_u$ | = | emissjonijiet mill-karburant użat; |
| $e_{sca}$ | = | iffrankar tal-emissjonijiet minn akkumulazzjoni tal-karbonju mill-ħamrija permezz ta' ġestjoni agrikola mtejba; |
| $e_{ccs}$ | = | iffrankar tal-emissjonijiet mill-qbid u l-ħażna ġeoloġika ta' $CO_2$; u |
| $e_{ccr}$ | = | iffrankar tal-emissjonijiet mill-qbid u s-sostituzzjoni ta' $CO_2$. |

L-emissjonijiet mill-manifattura ta' makkinarju u tagħmir m'għandhomx jiġu kkunsidrati.

(*b*) L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni u l-użu tal-bijolikwidi għandhom jiġu kkalkulati bħal fil-każ tal-bijokarburanti (E), iżda bl-estensjoni neċessarja għall-inklużjoni neċessarja tal-konverżjoni tal-enerġija f'elettriku u/jew tas-sħana u t-tkessiħ prodotti, kif ġej:

(i) Għall-installazzjonijiet tal-enerġija li jrendu biss sħana:

$$EC_h = \frac{E}{\eta_h}$$

(ii) Għal installazzjonijiet tal-enerġija li jrendu biss elettriku:

$$EC_h = \frac{E}{\eta_h}$$

fejn:

$EC_{h,el}$ = l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra mill-prodott tal-enerġija finali.

E = l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-bijolikwidu qabel il-konverżjoni tat-tmiem.

$\eta_{el}$=l-effiċjenza elettrika, definita bħala l-elettriku prodott f'sena diviż bl-input annwali tal-bijolikwidu abbażi tal-kontenut tal-enerġija tiegħu.

$\eta_h$=l-effiċjenza termali, iddefinita bħala s-sħana utli prodotta diviża bl-input annwali tal-bijolikwidu abbażi tal-kontenut tal-enerġija tiegħu.

(iii) Fil-każ tal-enerġija elettrika jew mekkanika li ġejja minn installazzjonijiet tal-enerġija li jipproduċu sħana utli flimkien ma' elettriku u/jew enerġija mekkanika:

$$EC_{el} = \frac{E}{\eta_{el}}\left(\frac{C_{el} \cdot \eta_{el}}{C_{el} \cdot \eta_{el} + C_h \cdot \eta_h}\right)$$

(iv) Fil-każ tal-enerġija tas-sħana utli li ġejja minn installazzjonijiet tal-enerġija li jipproduċu sħana flimkien ma' elettriku u/jew enerġija mekkanika:

$$EC_h = \frac{E}{\eta_h}\left(\frac{C_h \cdot \eta_h}{C_{el} \cdot \eta_{el} + C_h \cdot \eta_h}\right)$$

fejn:

$EC_{h,el}$ = l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra mill-prodott tal-enerġija finali.
E = l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-bijolikwidu qabel il-konverżjoni tat-tmiem.
$\eta_{el}$=l-effiċjenza elettrika, definita bħala l-elettriku prodott f'sena diviż bl-input annwali tal-karburant abbażi tal-kontenut tal-enerġija tiegħu.
$\eta_h$=l-effiċjenza tas-sħana, definita bħala l-produzzjoni tas-sħana utli f'sena diviża bl-input annwali tal-karburant abbażi tal-kontenut tal-enerġija tiegħu.
$C_{el}$ = frazzjoni tal-enerġija fl-elettriku, u/jew enerġija mekkanika, issettjata għal 100 % ($C_{el}$ = 1).
$C_h$ = l-effiċjenza ta' Carnot (frazzjoni ta' enerġija fis-sħana utli).
L-effiċjenza ta' Carnot, $C_h$, għas-sħana utli f'temperaturi differenti hija definita bħala:

$$C_h = \frac{T_h - T_0}{T_h}$$

fejn:

$T_h$ = It-temperatura, imkejla f'temperatura assoluta (kelvin) tas-sħana utli fil-punt tat-twassil.
$T_0$ = It-temperatura tal-madwar, iffissata f'273.15 kelvin (ugwali għal 0°C)
Jekk is-sħana eċċessiva tiġi esportata għat-tisħin tal-bini, f'temperatura ta' anqas minn 150° C (423.15 kelvin), $C_h$ tista' tiġi definita alternattivament kif ġej:
$C_h$ = L-effiċjenza ta' Carnot fi sħana f'150 °C (423.15 kelvin), li hi: 0.3546

Għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) “koġenerazzjoni” tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed tal-enerġija termali u l-elettriku u/jew l-enerġija mekkanika;

(*b*) “sħana utli” tfisser is-sħana ġġenerata biex tissodisfa domanda ekonomikament ġustifikabbli għas-sħana, għal għanijiet ta' tisħin u tkessiħ;

(*ċ*) “domanda ekonomikament ġustifikabbli” tfisser domanda li ma taqbiżx il-ħtieġa għas-sħana jew it-tkessiħ u li kieku tkun issodisfata fil-kundizzjonijiet tas-suq.

**2.** L-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bijokarburanti u bijolikwidi għandha tiġi espressa kif ġej:

(*a*) l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bijokarburanti, E, għandhom ikunu espressi f'termini ta' grammi ta' $CO_2$ ekwivalenti għal kull MJ ta' karburant, g $CO_2$eq/MJ.
(*b*) l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bijolikwidi, EC, espressi f'termini ta' grammi ta' $CO_2$ ekwivalenti għal kull MJ ta' prodott ta' enerġija finali (sħana jew elettriku), g $CO_2$eq/MJ.

Meta t-tisħin u t-tkessiħ huma kkoġenerati mal-elettriku, l-emissjonijiet għandhom jiġu allokati bejn is-sħana u l-elettriku (bħal skont 1(*b*)), irrispettivament minn hekk is-sħana hix użata għal għanijiet attwali ta' tisħin jew ta' tkessiħ ([Nota 1]).

Fejn l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-estrazzjoni jew il-kultivazzjoni ta' materja prima $e_{ec}$ huma espressi f'unità ta' g $CO_2$eq/dry-ton ta' materja prima, il-konverżjoni fi grammi ta' $CO_2$ ekwivalenti għal kull MJ ta' karburant, g $CO_2$eq/MJ, għandha tiġi kkalkulata kif ġej ([Nota 2]):

$$e_{ec}karburant_{\mathrm{a}}\left[\frac{gCO_2eq}{MJkarburant}\right]_{ec} = \frac{e_{ec}materja\ prima_{\mathrm{a}}\left[\frac{gCO_2eq}{t_{niexfa}}\right]}{LHV_{\mathrm{a}}\left[\frac{MJ\ materja\ prima}{t\ materja\ prima\ niexfa}\right]} \times Fattur\ karburant\ materja\ prima_{\mathrm{a}} \times Fattur\ allokazjoni\ karburant_{\mathrm{a}}$$

fejn:

$$\mathrm{Fattur\ allokazzjoni\ karburant_a} = \left[\frac{\mathrm{Enerġija\ fil\text{-}karburant}}{\mathrm{Enerġija\ fil\text{-}karburant + Enerġija\ fil\text{-}koprodotti}}\right]$$

$$\mathrm{Fattur\ karburant\ materja\ prima_a} = [\mathrm{Proporzjon\ ta'\ MJ\ materja\ prima\ meħtieġa\ biex\ tagħmel\ 1\ MJ\ karburant}]$$

L-emissjonijiet għal kull tunnellata-niexfa ta' materja prima għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$e_{ec}materja\ prima_{\mathrm{a}}\left[\frac{gCO_2eq}{t_{niexfa}}\right] = \frac{e_{ec}materja\ prima_{\mathrm{a}}\left[\frac{gCO_2eq}{t_{moisniedjat}}\right]}{(1 - kontenut\ ta'ndewwa)}$$

**3.** L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bijokarburanti u bijolikwidi għandu jkun ikkalkulat bħala dan li ġej:

(*a*) iffrankar fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn bijokarburanti:

IFFRANKAR = ($E_{F(t)} - E_B$)/$E_{F(t)}$,

fejn:

| | | |
|---|---|---|
| $E_B$ | = | emissjonijiet totali mill-bijolikwidu; u |
| $E_{F(t)}$ | = | emissjonijiet totali mill-komparatur tal-karburanti fossili għat-trasport |

(*b*) iffrankar fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn sħana jew tkessiħ, u elettriku li jkun iġġenerat mill-bijolikwidi:

IFFRANKAR = ($EC_{F(h\&c,el,)} - EC_{B(h\&c,el)}$)/$EC_{F\ (h\&c,el)}$,

fejn:

$EC_{B(h\&c,el)}$ = emissjonijiet totali mis-sħana jew l-elettriku; u
$EC_{F(h\&c,el)}$ = emissjonijiet totali mill-karburant fossili komparatur għas-sħana utli jew l-elettriku.

**4.** Il-gassijiet serra kkunsidrati għall-finijiet tal-partita 1 għandhom ikunu $CO_2$, $N_2O$ u $CH_4$. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ekwivalenza ta' $CO_2$, dawk il-gassijiet għandhom jingħataw valur kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| $CO_2$ | : | 1 |
| $N_2O$ | : | 298 |
| $CH_4$ | : | 25 |

**5.** L-emissjonijiet mill-estrazzjoni u l-kultivazzjoni ta' materja prima, $e_{ec}$, għandhom jinkludu emissjonijiet mill-proċess ta' estrazzjoni jew kultivazzjoni nnifsu; mill-ġbir, it-tnixxif u l-ħażna ta' materja prima; mill-iskart u n-nixxijiet; u mill-produzzjoni ta' kimiċi jew prodotti użati fl-estrazzjoni jew il-kultivazzjoni. Il-qbid ta' $CO_2$ fil-kultivazzjoni ta' materja prima għandu jiġi eskluż. L-estimi tal-emissjonijiet mill-kultivazzjoni tal-bijomassa agrikola jistgħu jinkisbu mill-użu ta' medji reġjonali għall-emissjonijiet mill-kultivazzjoni inklużi fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 31(4) tad-Direttiva jew l-informazzjoni dwar il-valuri awtomatiċi diżaggregati għall-

emissjonijiet mill-kultivazzjoni inklużi f'din l-Iskeda, bħala alternattiva għall-użu ta' valuri attwali. Fin-nuqqas tal-informazzjoni rilevanti f'dawk ir-rapporti huwa permess li l-medji tal-kalkolu jissejsu fuq prattiki tal-biedja lokali abbażi pereżempju ta' data ta' grupp ta' farms, bħala alternattiva għall-użu ta' valuri attwali.

**6.** Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-partita 1(a), l-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn ġestjoni agrikola mtejba, esca, bħal pereżempju billi ssir bidla lejn tnaqqis jew tneħħija tal-ħrit, għal titjib tan-newba ta' għalla u tal-għelejjel, l-użu tal-għelejjel ta' kopertura, inkluża l-ġestjoni tar-residwu mill-għelejjel, u l-użu ta' sustanzi organiċi li jtejbu l-ħamrija, bħal kompost u diġestat tal-fermentazzjoni tad-demel, għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk ma jaffettwawx il-bijodiversità b'mod negattiv. Barra minn hekk, għandha tiġi pprovduta aktar evidenza solida u verifikabbli li l-karbonju fil-ħamrija żdied, jew li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li dan żdied matul il-perjodu li fih tkun ġiet ikkultivata l-materja prima kkonċernata filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet fejn tali prattiki jwasslu għal żieda fl-użu tal-erbiċidi u tal-fertilizzanti ([Nota 3]).

**7.** L-emissjonijiet annwalizzati mill-bidliet fil-ħażniet tal-karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art, $e_l$, għandhom jiġu kkalkulati bid-diviżjoni ndaqs tal-emissjonijiet totali fuq għoxrin (20) sena. Għall-kalkolu ta' dawk l-emissjonijiet għandha tiġi applikata r-regola li ġejja:

$e_l = (CS_R - CS_A) \times 3.664 \times 1/20 \times 1/P - e_B$, ([Nota 4])

fejn:

| | | |
|---|---|---|
| $e_l$ | = | emissjonijiet ta' gassijiet serra annwalizzati minn tibdil ta' ħażna ta' karbonju minħabba tibdil fl-użu tal-art (imkejla bħala massa (grammi) ekwivalenti għal $CO_2$ għal kull unità ta' enerġija prodotta (megajoules) mill-bijokarburant jew mill-bijolikwidi). "Raba'" ([1]) u "raba' perenni" ([2]) għandhom jitqiesu bħala użu wieħed tal-art; |
| $CS_R$ | = | il-ħażna ta' karbonju għal kull unità ta' erja assoċjata mal-użu tal-art ta' referenza (imkejla bħala massa (tunnellati) ta' karbonju għal kull unità ta' erja, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). L-użu tal-art ta' referenza għandu jkun l-użu tal-art f'Jannar 2008 jew għoxrin (20) sena qabel ma nkisbet il-materja prima, skont liema jiġi l-aħħar; |
| $CS_A$ | = | il-ħażna ta' karbonju kull żona ta' unità assoċjata mal-użu attwali tal-art (imkejla bħala massa (tunnellati) tal-karbonju kull żona ta' unità, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). F'każijiet fejn il-ħażna tal-karbonju takkumula għal aktar minn sena, il-valur attribwit għal $CS_A$ għandu jkun il-ħażna stmata kull unità ta' medda wara għoxrin (20) sena jew meta l-għalla tilħaq il-maturità, skont liema jiġi qabel; |
| P | = | il-produttività tal-għalla (imkejla bħala enerġija minn bijokarburant jew bijolikwidu għal kull unità ta' erja kull sena) u |
| $e_B$ | = | bonus ta' 29 g $CO_2$eq/MJ bijokarburant jew bijolikwidu jekk il-bijomassa tinkiseb minn art degradata restawrata skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-partita 8. |
| ([1]) Raba' kif definit mill-IPCC.<br>([2]) Għelejjel perenni huma ddefiniti bħala għelejjel pluriennali li z-zokk tagħhom ma jinħasadx kull sena bħal pereżempju msaġar ta' newba qasira u żejt tal-palm. | | |

**8.** Il-bonus ta' 29 g $CO_2$eq/MJ għandu jiġi attribwit jekk tiġi pprovduta evidenza li l-art:

(*a*) ma kinitx qed tintuża għal attività agrikola jew kwalunkwe attività oħra f'Jannar 2008; u

(*b*) hija art li ddeterjorat b'mod gravi, inkluża tali art li qabel kellha użu agrikolu.

Il-bonus ta' 29 g $CO_2$eq/MJ għandu japplika għal perijodu sa għoxrin (20) sena mid-data tal-konverżjoni tal-art għal użu agrikolu, bil-kundizzjoni li jkunu żgurati żieda kontinwa fil-ħażniet ta' karbonju kif ukoll tnaqqis sostanzjali fil-fenomeni tal-erożjoni għall-art li taqa' taħt (*b*).

**9.** Art li ddeterjorat b'mod gravi tfisser art li għal perijodu sostanzjali ta' żmien kienet immellħa b'mod sostanzjali jew kellha kontenut sostanzjalment baxx ta' materjal organiku u sfat mgħawra b'mod gravi.

**10.** Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid, sal-31 ta' Diċembru 2020, linji gwida għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art ([Nota 5]) li juża bħala referenza l-Linji Gwida tal-2006 tal-IPCC għall-Inventorji Nazzjonali tal-Gass serra — volum 4 u skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([Nota 6]). Il-Linji Gwida tal-Kummissjoni għandhom iservu bħala l-bażi għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art għall-finijiet tad-Direttiva.

**11.** Emissjonijiet mill-ipproċessar, $e_p$, għandhom jinkludu emissjonijiet mill-ipproċessar innifsu; mill-iskart u n-nixxijiet; u mill-produzzjoni ta' kimiċi jew prodotti użati fl-ipproċessar, inkluż l-emissjonijiet tad-diossidu ta' $CO_2$ li jikkorrispondu mal-kontenut ta' karbonju fossili, irrispettivament jekk effettivament jinħarqux jew le fil-proċess.

Fil-kalkolu tal-konsum ta' elettriku mhux prodott fl-impjant ta' produzzjoni tal-karburant, l-intensità tal-emissjonijiet tal-gass serra tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni ta' dak l-elettriku għandha tkun meqjusa li hija ugwali għall-intensità medja tal-emissjonijiet tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku f'reġjun definit. B'deroga minn din ir-regola l-produtturi jistgħu jużaw valur medju għal impjant ta' produzzjoni tal-elettriku individwali għall-elettriku prodott minn dak l-impjant, jekk dak l-impjant mhux konness mal-grilja tal-elettriku.

L-emissjonijiet mill-ipproċessar għandhom jinkludu emissjonijiet mit-tnixxif ta' prodotti u materjali intermedji, fejn dan huwa rilevanti.

**12.** L-emissjonijiet mit-trasport u d-distribuzzjoni, $e_{td}$, għandhom jinkludu emissjonijiet mit-trasport ta' materja prima u materjali semi-maħduma u mill-ħażna u d-distribuzzjoni ta' materjali maħduma. L-emissjonijiet mit-trasport u mid-distribuzzjoni li għandhom jitqiesu fil-partita 5 m'għandhomx ikunu koperti minn din il-partita.

**13.** L-emissjonijiet tal-karburant użat, $e_u$, għandhom jitqiesu li huma żero għall-bijokarburanti u bijolikwidi.

L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mhux $CO_2$ ($N_2O$ u $CH_4$) tal-karburant fl-użu għandhom jinkludu l-fattur $e_u$ fil-każ tal-bijolikwidi.

**14.** L-iffrankar ta' emissjonijiet mill-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ta' $CO_2$, $e_{ccs}$, li jkun għadu ma ġiex meqjus f'$e_p$, għandu jkun limitat għall-emissjonijiet evitati permezz tal-akkwiżizzjoni u l-ħażna tad-$CO_2$ emess direttament relatat mal-estrazzjoni, it-trasport, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-karburant jekk il-ħażna tkun saret b'mod konformi mad-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([Nota 7]).

**15.** L-iffrankar ta' emissjonijiet mill-qbid u s-sostituzzjoni tas-$CO_2$, $e_{ccr}$, għandu jkun relatat direttament mal-produzzjoni tal-bijokarburant jew il-bijolikwidu li huma attribwiti għalih, u għandu jkun limitat għall-emissjonijiet evitati permezz tal-qbid ta' $CO_2$ li fihom il-karbonju joriġina minn bijomassa u li hija użata biex tissostitwixxi $CO_2$ li joriġina mill-fossili fil-produzzjoni ta' prodotti u servizzi kummerċjali qabel l-1 ta' Jannar 2036.

